248	Investiment 5: Żieda fl-investiment fiċ-ċibersigurtà	Tal-UE	Sistemi tal-informazzjoni li iċ-ċibersigurtà tagħhom ġiet imsaħħa f'konformità mal-Att Nru 181/2014 Coll., dwar iċ-ċibersigurtà		Għadd	87	331	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-mira għandha żżid iċ-ċibersigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni magħżula f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att Nru 181/2014 Coll. dwar iċ-ċibersigurtà. Il-mira għandha titqies li ntlaħqet wara l-ittestjar u l-verifika b'suċċess tal-konformità mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà ta' mill-inqas 244 sistema tal-informazzjoni. L-awtoritajiet inkarigati mis-sistemi tal-informazzjoni għandhom japprovaw it-twassil tas-sistemi rispettivi.
249	Investiment 6: Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni fil-qasam soċjali	Tal-UE	Sistemi ta' informazzjoni mtejba tal-amministrazzjoni pubblika fil-qasam tal-politika soċjali		Għadd	0	6	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	6 is-sistemi ta' informazzjoni għandhom jiġu aġġornati u operattivi fil-qasam tal-politika soċjali. Dawn għandhom jinkludu mill-inqas: <ol style="list-style-type: none"> 1. Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI), 2. Il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-SW fil-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, 3. Id-diġitalizzazzjoni tal-aġenda tal-irtirar (EDA), 4. Appoġġ għall-applikazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet.

C. IL-KOMPONENT 1.3: NETWORKS DIĠITALI TA' KAPAĊITÀ GĦOLJA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġa l-indirizzar tal-isfida tal-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) biex jiġi massimizzat l-aċċess għas-servizzi online permezz tal-konnettività tal-internet għaċ-ċittadini, l-intrapriżi, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet, speċjalment fiż-żoni rurali. Il-komponent għandu wkoll l-għan li joħloq kundizzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjonispeċifika, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-infrastruttura diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġiji diġitali ta' kapaċità għolja (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Għall-investimenti kollha fl-infrastruttura, mill-inqas 70 % tal-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni għandu jerġa' jintuża jew jiġi riċiklat f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01)¹.

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni ta' netwerks ta' komunikazzjoni elettronika

Din ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità li tinġabar informazzjoni dwar l-infrastruttura attiva u passiva tal-komunikazzjoni elettronika. Ir-riforma hija allinjata mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni li għandha l-għan li tnaqqas il-kost tal-introduzzjoni tan-network, inkluża d-Direttiva 2014/61/UE dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni b'veloċità għolja kif ukoll mal-għanijiet tad-Direttiva 2018/1972 (il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi).

Ir-riforma għandha tinkludi, inter alia:

- L-implimentazzjoni ta' miżuri, inkluż id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi meħtieġa u t-tlestija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, bl-għan li jiġu stabbiliti bażijiet tad-data tal-proġetti ppjanati.

¹ B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal li jseħħ b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċizzjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċizzjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (notifikat taħt id-dokument numru C (2000) 1147)) iġġenerat fuq is-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jissostitwixxi materjali oħra, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart mill-Kostruzzjoni u mid-Demolizzjoni.

- It-tlestija ta' oġġetti ta' mapep tekniċi diġitali (DTM), li jippermettu aċċess għal informazzjoni preċiża dwar il-post u l-infrastruttura teknika proprjetà ta' entitajiet pubbliċi u privati. Il-miżura għandha l-għan li tiddiġitalizza mill-inqas 161 000 ettaru ta' sitwazzjoni spazjali bażika u 55 000 km ta' networks tat-trasport u tal-infrastruttura teknika.
- It-tlestija tal-kejl tal-kwalità tan-network għas-76 distrett kollha taċ-Ċekja u tal-belt kapitali, bl-għan li tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar il-5G u l-kwalità fissa tan-network u jitnaqqsu l-ħinijiet tal-verifika tal-kopertura tan-network. Il-kejl għandu jkun skont il-parametri tal-kwalità tas-servizz, id-definizzjonijiet u l-metodi tal-kejl mogħtija fid-dettall fl-Anness X tad-Direttiva (UE) 2018/1972 u jsegwi l-Linji Gwida tal-BEREC li jagħtu dettalji dwar il-Parametri tal-Kwalità tas-Servizz.

Id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti u x-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili ffinanzjati pubblikament għandhom jagħmlu l-kondiviżjoni tal-infrastruttura fiżika aktar effiċjenti għat-tifrix ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

Il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma tat-2: Appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-5G

Din il-miżura għandha l-għan li tfassal il-qafas strateġiku biex tippromwovi l-kondiviżjoni tal-infrastruttura għan-networks 5G, speċjalment f'żoni inqas attraenti kummerċjalment, li jippermetti tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, l-emissjonijiet tar-radju, kif ukoll il-kostijiet tal-kostruzzjoni u l-operat tan-network.

Il-miżura għandha tappoġġa t-tlestija ta' 25 studju, bl-għan li:

- Ir-rieżami tal-pjan nazzjonali tal-ispettru tar-radju u l-evalwazzjoni tal-proċessi eżistenti tal-allokazzjoni tad-drittijiet tal-ispettru u tal-pjanijiet strateġiċi tal-għoti, bl-għan li jiġu sfruttati l-baned tal-frekwenzi armonizzati għall-użu kummerċjali kmieni kemm jista' jkun, skont il-kriterji stabbiliti fis-Sett ta' Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività².
- L-analiżi tal-fattibbiltà li l-operaturi jitħallew iħallsu tariffi għall-għoti tal-ispettru tar-radju f'pagamenti parzjali sabiex jiġu ffaċilitati l-investimenti fl-infrastruttura tal-5G.
- L-identifikazzjoni u l-formulazzjoni tal-isfidi li jirriżultaw miċ-ċibersigurtà, il-kostruzzjoni ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika fi ħdan il-muniċipalitajiet u l-bliet, u l-iżvilupp tal-bliet.

Abbażi ta' dawn l-istudji, għandhom jiġu żviluppjati proposti mill-Alleanza 5G dwar il-possibbiltajiet biex tiġi żviluppata aktar l-ekosistema 5G. Dawn il-proposti għandhom jiffurmaw il-bażi għal linji gwida dwar il-kondiviżjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika passiva u attiva biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tan-networks 5G, f'konformità mas-Sett ta' Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività u filwaqt li titqies id-Direttiva 2014/61/UE dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, ir-rapport FINAL RSPG21-016 dwar il-kondiviżjoni tal-ispettru u l-Att Nru 143/2001 dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni. Il-miżura tipprevedi wkoll it-tlestija ta' proġett pilota dwar 5G/26

² Adottata skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2020/1307 dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-kost tal-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u l-iżgurar ta' aċċess f'waqtu u favorevoli għall-investiment għall-ispettru tar-radju tal-5G, biex titrawwem il-konnettività b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni.

GHz, immirat lejn l-iżvilupp ta' linji gwida u algoritmi dwar il-proċeduri ta' koordinazzjoni tal-ispettru tar-radju tal-5G u l-kondiviżjoni tal-ispettru ma' servizzi oħra fi ħdan il-banda ta' 26 GHz.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 1: Il-bini ta' konnettività b'kapaċità għolja

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa l-kostruzzjoni ta' networks ta' konnettività b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) b'enfasi partikolari fuq iż-żoni rurali, fejn is-soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq ma jkunux profittabbli u jkun hemm ftit inċentiv kummerċjali biex jiġu varati tali networks. Dawn l-oqsma ta' intervent għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat fis-seħħ u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika.

Għandha titnieda mill-inqas sejħa waħda għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' konnettività b'kapaċità għolja ħafna għal din il-miżura, li l-eżitu tagħha għandu jiġi ppubblikat sal-31 ta' Diċembru 2024. Bl-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula, l-għadd ta' punti tal-indirizzi konnessi man-network VHCN kif definit fil-Linji Gwida tal-BEREC dwar in-Networks b'Kapaċità Għolja Ħafna (konnettività ta' mill-inqas 1 Gb/s) għandu jżied b'mill-inqas 23 000 unità.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 2: Il-kopertura tal-kurituri 5G u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G

Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb il-kopertura 5G tal-kurituri tat-trasport permezz ta' investimenti fit-tagħmir, kif ukoll fir-riċerka u l-iżvilupp.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, għandhom jitlestew il-miżuri li ġejjin:

- L-iżgurar ta' kopertura komprensiva tal-kurituri ferrovjarji bis-sinjal 5G taż-żewġ kurituri ferrovjarji li ġejjin: (i) Praga — Česká Třebová — Ostrava u (ii) Česká Třebová — Brno billi tiżdied id-densità tal-Istazzjonijiet ta' Trasferiment tal-Bażi (BTSs) fuq dawn iż-żewġ kurituri, permezz tal-kostruzzjoni ta' BTS ġodda flimkien ma' dawk li l-operaturi mobbli jridu jibnu skont it-termini tal-irkant tal-frekwenza 5G,
- L-iżgurar tal-kopertura ta' 350 vagun tal-ferrovija b'repeaters tas-sinjali mobbli ta' kwalità għolja jew ħitan passivi għas-sinjal 5G. Il-bini u l-ittestjar ta' Sistema Kooperattiva tat-Trasport Intelliġenti għall-kurituri ferrovjarji (C-ITS) f'networks 5G. Rapporti ta' kull tliet xhur dwar it-testijiet u l-esperjenza miksuba għandhom ikunu disponibbli għal trasportaturi oħra li joperaw fil-kurituri ferrovjarji msemmija hawn fuq.

Dan l-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3: Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod b'investiment rurali intensiv

Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb il-kopertura tan-network 5G f' "żoni bojod", jiġifieri żoni li qatt ma ġew koperti minn xi sinjal mobbli ogħla mill-3G u li jista' jiġi preżunt li mhumiex koperti min-networks bażi 5G fil-futur minħabba l-profittabbiltà baxxa mistennija tal-investiment. Din id-definizzjoni ssegwi r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fis-seħħ u l-Pjan Nazzjonali għall-iżvilupp tal-VHCN. Dawn iż-żoni għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' valutazzjoni ta' unitajiet bojod bażiċi ta' insedjament li għandhom jitwettqu mill-Uffiċċju Ċek tat-Telekomunikazzjonijiet u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika.

Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, għandhom jiġu varati sejħiet għall-offerti għall-kostruzzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni ta' stazzjonijiet bażi trażmettituri (BTS) għas-sinjali 5G. L-oqsma ta' intervent għandhom jiġu proposti mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ sat-30 ta' Settembru 2021, filwaqt li jiġi żgurat li l-oqsma ta' intervent proposti ma jkunux koperti minn operatori tat-telekomunikazzjoni bbażati fuq is-suq fit-tliet snin ta' wara. L-eżitu tas-sejħiet għall-offerti għandu jiġi ppubblikat sal-31 ta' Diċembru 2024.

Permezz tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula, l-għadd ta' BTS għandu jiżdied b' 120.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 4: Attivitàjiet ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa entitajiet pubbliċi u privati fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni relatati man-networks u s-servizzi 5G.

Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, għandha titnieda sejħa għall-offerti għal proġetti ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp teknoloġiku tan-networks u l-applikazzjonijiet 5G għall-ekosistema 5G. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq l-użu tal-applikazzjonijiet tal-5G fl-industrija u s-servizzi, b'mod partikolari l-isfruttament ta' teknoloġiji ġodda fil-proċessi tal-produzzjoni tas-settur awtomobilistiku u setturi ewlenin oħra, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari permezz tal-akkwist ta' materja prima sekondarja. L-appoġġ għandu jkun immirat ukoll lejn proġetti li jrawmu l-iżvilupp u t-tixrid tal-awtomatizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u r-realtà virtwali jew awmentata. Il-benefiċjarji potenzjali jinkludu negozji jew organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika. Il-proġetti għandhom jintgħażlu sal-31 ta' Diċembru 2024. Matul il-fażi ta' implimentazzjoni sussegwenti, għandhom jitlestew mill-inqas 22 mill-proġetti magħżula.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
32	Riforma tal-1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' miżuri mħejjija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ li għandhom l-għan li jstabilixxu bażi tad-data ta' pjanijiet ta' proġetti ta' investiment u li jżidu l-għadd ta' kejl tal-kwalità tan-network	Dispożizzjoni fl-atti li jindikaw id-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	Għandhom jidhru fis-seħħ l-adattamenti leġiżlattivi meħtieġa u għandhom jitlestew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, li t-tnejn li huma għandhom l-għan li jstabilixxu bażijiet tad-data ta' intenzjonijiet ta' proġetti ta' investiment skont it-tifsira tal-Att Nru 194/2017 Coll., il-paragrafi 11, 2 u li jżidu l-għadd ta' kejl tal-kwalità tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Ir-regolatur nazzjonali għandu jwettaq proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u jakkwista t-tagħmir meħtieġ. Il-kwalità u l-użu tal-informazzjoni pprovduta għandhom ikunu konformi mal-parametri tekniċi vinkolanti.
33	Riforma tal-1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika	Tal-UE	Tlestija ta' oġġetti tal-mapep tekniċi diġitali (DTM) għal sitwazzjoni ġeografika bażika		Ettari	0	161 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-oġġetti tal-mapep tekniċi diġitali (DTM) għandhom jimtlew, u jippermettu aċċess għal informazzjoni preċiża dwar il-post dwar l-oġġetti bażiċi tas-sitwazzjoni ġeografika li huma proprjetà ta' korpi pubbliċi u privati. 161 000 ettaru ta' oġġetti bażiċi tas-sitwazzjoni ġeografika għandhom jiġu diġitalizzati. L-oġġetti tad-DTM li jirriżultaw għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku.
34	Riforma tal-1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika	Tal-UE	Tlestija ta' oġġetti tal-mapep tekniċi diġitali (DTM) għat-trasport u għan-netwerks tal-infrastruttura teknika		Km	0	55 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-oġġetti tal-mapep tekniċi diġitali (DTM) għandhom jimtlew, u jippermettu aċċess għal informazzjoni preċiża dwar il-post u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tan-networks tal-infrastruttura fiżika li huma proprjetà ta' korpi pubbliċi u privati. Għandhom jiġu diġitalizzati 55 000 km ta' networks ta' trasport u ta' infrastruttura teknika. L-oġġetti tad-DTM li jirriżultaw għandhom ikunu aċċessibbli għall-

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										pubbliku.
35	Riforma tal-1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika	Tal-UE	Tlestija tal-kejl tal-kwalità tal-komunikazzjoni elettronika		Għadd	0	77	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-kejl tal-kwalità tan-network għandu jitlesti għas-76 distrett kollha taċ-Ċekja u tal-belt kapitali.
36	Riforma tat-2: Appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-5G	Tal-UE	Pubblikazzjoni ta' studji mmirati lejn it-titjib tal-introduzzjoni tan-networks 5G mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ		Għadd	0	25	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	<p>L-istudji għandu jkollhom l-oġġettivi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Ir-reviżjoni tal-pjan nazzjonali tal-ispettru tar-radju u l-evalwazzjoni tal-proċessi eżistenti tal-pjanijiet strateġiċi tal-għoti u tal-għoti tad-drittijiet tal-ispettru, bl-għan li jiġu sfruttati l-meded armonizzati għall-użu kummerċjali malajr kemm jista' jkun. • L-analiżi tal-fattibbiltà li l-operaturi jitħallew iħallsu tariffi għall-għoti tal-ispettru tar-radju f'pagamenti parzjali biex jiġu ffaċilitati l-investimenti fl-infrastruttura tal-5G. • L-identifikazzjoni tal-isfidi li jirriżultaw miċ-ċibersigurtà. • Il-konstruzzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika fi ħdan il-muniċipalitajiet u l-bliet, u l-iżvilupp tal-bliet. <p>B' mod partikolari, l-istudji għandhom jiffukaw fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> • l-applikabbiltà tal-karatteristiċi u l-

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>istandards tal-5G f'setturi individwali u proposti għall-implimentazzjoni teknika u l-miżuri regolatorji tagħhom.</p> <ul style="list-style-type: none"> • il-kunċett u l-użu tat-tewmi diġitali tal-infrastruttura tan-network 5G. • l-użu ta' komunikazzjonijiet bis-satellita għall-koeżistenza tal-5G u l-kooperazzjoni tan-networks 5G terrestri u satellitari. • l-applikabbiltà tal-FeMBMS (Servizz Multimedjali Multimedjali tal-Broadcast Multicast Service) f'networks 5G għax-xandir televiżiv u s-servizzi tal-midja awdjoviżiva, inkluża strateġija għall-użu futur tal-banda ta' frekwenzi ta' 600 MHz għax-xandir televiżiv. • l-użu tal-FRMCS (Sistemi Futuri ta' Komunikazzjoni Mobbli Ferrovjarja) għall-ferroviji b'kanali ddedikati fil-baned ta' 900 MHz u 1 900 MHz. • l-użu tat-teknoloġija kwantistika biex tiżdied is-sigurtà tan-networks u tas-servizzi 5G. • il-possibbiltà ta' kondivizzjoni tal-ispettru li jista' jintuża għan-networks 5G. • l-użu tal-banda ta' frekwenzi ta' 26 GHz għan-network 5G. • l-użu ta' sistemi moderni ta' informazzjoni, inkluż il-kondivizzjoni ta' software permezz ta' sorsi miftuħa jew forum oħra ta' kondivizzjoni, bħas-servers cloud, f'networks 5G. • l-użu ta' sistema ta' tqattigħ tan-network 5G għan-networks 5G pubbliċi u privati. • il-konnessjoni tal-komunikazzjonijiet tal-Internet tal-Oġġetti (IoT) man-networks 5G.

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<ul style="list-style-type: none"> użu ta' networks 5G għal Access Fiss Mingħajr Fili l-impatt tar-RAN Miftuħ (Netwerk ta' Access bir-Radju) u l-Access Ewlieni Miftuħ fuq is-sigurtà tan-networks 5G. it-titjir tal-pjattaformi ta' komunikazzjoni (droni, UAVs, blalen tal-arja) u l-impatt tagħhom fuq ir-regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. ambjenti tar-radju intelliġenti bl-applikazzjoni ta' kejl online tar-radjazzjoni elettromanjetika u superfiċji li jirriflettu intelliġenti. l-iżvilupp ta' networks 6G fil-baned ta' aktar minn 100 GHz.
37	Riforma tat-2: Appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-5G	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' linji gwida dwar l-introduzzjoni ta' networks 5G mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ	Pubblikazzjoni tal-linji gwida mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Għandhom jiġu ppubblikati linji gwida dwar il-kondiviżjoni ta' infrastruttura passiva u attiva biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' networks 5G, li jikkorrispondu għas-Sett ta' Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività u filwaqt li titqies id-Direttiva 2014/61/UE dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, ir-rapport FINAL RSPG21-016 dwar il-kondiviżjoni tal-ispettru u l-Att Nru 143/2001 dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni. Il-linji gwida għandhom ikunu bbażati fuq l-istudji ppubblikati fl-istess miżura. B'mod partikolari, il-miżura tippredvi l-iżvilupp ta' linji gwida u algoritmi dwar il-proċeduri ta' koordinazzjoni tal-ispettru tar-radju tal-5G, u l-kondiviżjoni tal-ispettru ma' servizzi oħra fi ħdan il-banda ta' 26 GHz.

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
38	Investiment 1: Il-bini ta' konnessjonijiet ta' kapaċità għolja	Stadju importanti	L-għoti tad-deċizzjonijiet kollha ta' għotja għall-punti tal-indirizz man-network ta' kapaċità għolja ħafna (VHCN) mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ	Notifika tal-għoti tad-deċizzjonijiet kollha ta' għotja għall-punti tal-indirizz tal-konnessjoni man-network ta' kapaċità għolja ħafna (VHCN) mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Notifika tal-għoti tad-deċizzjonijiet kollha ta' għotja għall-konnessjoni tal-punti tal-indirizz man-network ta' kapaċità għolja ħafna (VHCN) mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Is-sejħiet għall-offerti għandhom jinkludu definizzjoni tan-nefqa eliġibbli, mudelli ta' evalwazzjoni u kriterji għall-għażla u l-evalwazzjoni tal-proġetti, regoli għall-applikanti u l-benefiċjarji, u linji gwida dwar offerti bl-ingrossa.
39	Investiment 1: Il-bini ta' konnessjonijiet ta' kapaċità għolja	Tal-UE	Tlestija ta' punti ta' indirizz konnessi man-network b'kapaċità għolja ħafna (VHCN)		Għadd	0	23 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Għandha tinbena l-infrastruttura biex jżied l-għadd ta' punti tal-indirizz konnessi man-network b'kapaċità għolja ħafna (VHCN), u b'hekk jżied l-għadd ta' punti tal-indirizz konnessi b' 23 000. In-network b'kapaċità għolja ħafna għandu jkun konformi mal-Linji Gwida tal-BEREC dwar Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna.
40	Investiment 2: Il-kopertura tal-kurituri 5G u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G	Tal-UE	Tlestija ta' kopertura mtejbata sinjal 5G tal-kurituri ferrovjarji magħżula		Km	0	86	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	L-investiment għandu jtejjeb il-kwalità tal-kopertura tal-5G (lil hinn mill-kriterji ta' kopertura diġà imposti miżjuda mit-termini tal-irkant tal-frekwenza 5G) fuq distanza ta' mill-inqas 86 km fil-kurituri ferrovjarji li ġejjin: — Praga — Česká Třebová — Ostrava, — Česká Třebová — Brno

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
41	Investiment 2: Il-kopertura tal-kurituri 5G u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G	Tal-UE	Tlestija tal-iżgurar tal-kopertura tas-sinjali mobbli tal-vaguni ferrovjarji		Għadd	0	350	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-kopertura tal-vaguni ferrovjarji għandha tiġi żgurata b'repeaters tas-sinjali mobbli ta' kwalità għolja jew b'ħitan passivi għas-sinjali 5G.
42	Investiment 2: Il-kopertura tal-kurituri 5G u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G	Stadju importanti	L-installazzjoni u l-ittestjar tal-varar ta' sistema ta' trasport intelliġenti (C-ITS).	Tlestija tal-installazzjoni u l-ittestjar ta' sistema tas-C-ITS				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-appoġġ tal-applikazzjonijiet tal-ekosistema 5G fil-kurituri għandu jinvolti l-bini u l-ittestjar ta' sistema tat-trasport intelliġenti għall-kurituri ferrovjarji (C-ITS). Għandu jiġi ppubblikat rapport dwar ir-riżultati ta' dan il-proġett mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ flimkien mal-Ministeru tat-Trasport
43	Investiment 3: Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod b'investiment rurali intensiv	Stadju importanti	L-għoti tad-deċiżjonijiet kollha ta' għotja għall-konnessjoni tal-muniċipalitajiet b'konnessjoni ta' kapaċità għolja	Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet kollha ta' għotja għall-konnessjoni ta' muniċipalitajiet b'konnessjoni ta' kapaċità għolja mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet kollha ta' għotja għall-konnessjoni ta' muniċipalitajiet b'konnessjoni ta' kapaċità għolja mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Is-sejħiet għall-offerti għandhom jinkludu definizzjoni tan-nefqa eliġibbli, mudelli ta' evalwazzjoni u kriterji għall-għażla u l-evalwazzjoni tal-proġetti, regoli għall-applikanti u l-benefiċjarji, u linji gwida dwar offerti bl-ingrossa. Fost l-oħrajn, il-kriterji tal-għażla għandhom ikunu konformi mal-Linji Gwida tal-BEREC dwar Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna. Il-muniċipalitajiet għandhom ikunu jinsabu esklużivament f'żoni li qatt ma kienu koperti minn xi sinjal mobbli ogħla mill-3G u li jista' jiġi preżunt li mhumiex koperti min-networks bażi 5G fil-futur minħabba l-profittabbiltà baxxa mistennija tal-investiment. Dawn iż-żoni għandhom jiġu definiti skont ir-regoli fis-seħħ dwar l-għajnuna mill-Istat u l-pjan Nazzjonali għall-iżvilupp tal-

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										VHCN.
44	Investiment 3: Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod b'investiment rurali intensiv	Tal-UE	Tlestija ta' stazzjonijiet bażi għal sinjali 5G		Għadd	0	55	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	L-infrastruttura, inklużi 55 stazzjon bażi, għandha tinbena u tkun operattiva biex tkopri s-sinjali 5G lill-muniċipalitajiet f'żoni rurali b'investiment intensiv identifikati fl-investiment 3.
45	Investiment 4: Attivitajiet ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G	Stadju importanti	Għoti tad-deċiżjonijiet kollha ta' għotja għal proġetti ta' riċerka xjentifika relatati man-networks 5G	Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet kollha ta' għotja għal proġetti ta' riċerka xjentifika relatati man-networks 5G mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet kollha ta' għotja għal proġetti ta' riċerka xjentifika relatati man-networks 5G mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq l-użu tal-applikazzjonijiet tal-5G fl-industrija u s-servizzi, b'mod partikolari l-isfruttament ta' teknoloġiji ġodda fil-proċessi tal-produzzjoni tas-settur awtomobilistiku u setturi ewlenin oħra, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari permezz tal-akkwist ta' materja prima sekondarja. L-appoġġ għandu jkun immirat ukoll lejn proġetti li jrawmu l-iżvilupp u t-tixrid tal-awtomatizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u r-realtà virtwali jew awmentata. Il-benefiċjarji potenzjali jinkludu negozji jew organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika.
46	Investiment 4: Attivitajiet ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp ta' networks u	Tal-UE	Tlestija ta' proġetti ta' riċerka xjentifika relatati man-networks 5G		Għadd ta' proġetti appoġġjati	0	22	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Għandhom jitlestew mill-inqas 22 fost il-proġetti ta' riċerka xjentifika magħżula qabel dwar żviluppi ulterjuri potenzjali tan-networks u s-servizzi 5G. L-istudji li jirriżultaw għandhom jiġu ppubblikati mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ.

Num ru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-ise m	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
	servizzi 5G									

D. IL-KOMPONENT 1.4: EKONOMIJA U SOĊJETÀ DIĠITALI, START-UPS INNOVATTIVI U TEKNOLOĠIJA ĠDIDA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-faċilitazzjoni tad-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda mill-kumpaniji, inklużi l-SMEs. Għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi korp li jikkoordina l-proġetti li jiffukaw fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija, jappoġġa l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji strateġiċi magħżula, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, u jtejjeb l-ekosistema tal-innovazzjoni b'mod partikolari għan-negozji ġodda, inkluż permezz ta' rabtiet imtejba bejn l-akkademja u n-negozju. L-investimenti pjanati huma mistennija li jrawmu l-aċċess għall-finanzjament għal negozji ġodda u SMEs innovattivi, fost l-oħrajn permezz ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament tat-teknoloġija finanzjarja u fi stadju bikri, kif ukoll l-aċċess għat-taħriġ u għall-faċilitajiet tal-ittestjar sabiex jikkontribwixxu għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali ġodda. Il-komponent għandu sinerġiji mal-komponenti 1.3 [Networks diġitali b'kapaċità għolja] u 1.5 [Trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi] tal-pjan Ċek, li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-aċċess għal networks b'kapaċità għolja u d-diġitalizzazzjoni tan-negozju.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-infrastruttura diġitali u tneħħi l-ostakli li jfixklu l-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni li tiffunzjona bis-sħiħ, u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020, li skontha ċ-Ċekja għandha tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi tagħmel użu akbar mill-istrumenti finanzjarji biex tiżgura appoġġ ta' likwidità, biex tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġija diġitali ta' kapaċità għolja, u biex tiżgura aċċess għall-finanzi għal ditti innovattivi u ttejjeb il-kooperazzjoni pubblika-privata fir-R &D.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, ir-riżultati tal-proċess tar-R &I għandhom ikunu teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri għandhom jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli, inklużi t-teknoloġiji b'impatt baxx), u l-miżura għandha teskludi ex ante r-R &I ddedikati għall-elementi tar- "R &I" (jiġifieri l-faħam, il-linjite, iż-żejt/iż-żejt mhux maħdum, il-gass naturali mhux koperti mill-Anness III tal-Gwida Teknika dwar id-DNSH, l-idroġenu blu u griż, l-inċineraturi u l-miżbljet).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Riforma istituzzjonali tas-sistema ta' ġestjoni għat-trasformazzjoni diġitali inkluża l-istrateġija RIS 3

Ir-riforma istituzzjonali għandha l-għan li tissimplifika l-istruttura tal-organizzazzjoni li tissorvelja t-trasformazzjoni diġitali. Il-Kumitat għat-Trasformazzjoni Diġitali (DTC) li għadu kif ġie stabbilit għandu jikkoopera mill-qrib mal-Istrateġija Nazzjonali tal-Innovazzjoni għall-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti li jirregolaw l-entitajiet li jidentifikaw u jxerrdu teknoloġiji ewlenin u oqsma rilevanti tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan għandu jiżgura l-konnettività u l-koordinazzjoni fost l-atturi fl-ekosistema diġitali kollha u għandu jinkludi r-rappreżentanza tal-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi. Dan għandu jqajjem ukoll sensibilizzazzjoni fost in-negozji u ċ-ċittadini dwar l-opportunitajiet biex jiġu applikati teknoloġiji diġitali ġodda.

It-titjib ulterjuri tal-ekosistema diġitali u tal-innovazzjoni (inklużi negozji ġodda, spin-offs u teknoloġiji strateġiċi) għandu jinkludi l-istabbiliment ta' korp ta' koordinazzjoni, taħt il-Kumitat għat-Trasformazzjoni Diġitali, responsabbli għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' appoġġ għan-negozju taħt dan il-komponent f'konformità mal-Istandard tal-UE għan-Negozji l-Ġodda bl-għan li jipprovdi rakkomandazzjonijiet u pariri dwar l-implimentazzjoni tar-riforma u l-investimenti relatati. Ir-riforma għandha twassal għall-istabbiliment ta' kooperazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati u għall-appoġġ tat-tliet fondi pilota ta' koinvestment, skemi ta' appoġġ għall-intraprenditorija u għan-negozji, attivitajiet biex tissaħħaħ l-internazzjonalizzazzjoni ta' negozji ġodda u sandboxes regolatorji li jittestjaw soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika, kif propost taħt dan il-komponent.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma tat-2: Grupp Konġunt ta' Appoġġ u Ċertifikazzjoni tat-Teknoloġiji Strateġiċi mal-Bord għat-Teknoloġiji Strateġiċi

Ir-riforma għandha l-għan li tiżviluppa ġestjoni tal-kwalità u awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti akkreditati u tipprovdi network ta' laboratorji akkreditati b'kapaċitajiet suffiċjenti ta' ttestjar u ċertifikazzjoni kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki b'mod partikolari f'setturi strateġiċi bħall-industrija tal-ajruspazju u tal-apparat mediku, li għandhom itejbu l-kwalità tal-prodotti u l-kompetittività tal-kumpaniji Ċeki. Ir-riforma għandha tappoġġa attivitajiet bħal: l-iffaċilitar tal-proċessi ta' akkreditazzjoni u x-xiri ta' tagħmir b'enfasi fuq: materjali u teknoloġiji avvanzati (kompożiti, manifattura addittiva, applikazzjonijiet bil-laser); teknoloġiji ekoloġiċi (propulsjoni ibrida/elettrika, dekarbonizzazzjoni, tnaqqis tal-istorbju, bijofjuwil, sostenibbiltà tat-trasport bl-ajru); l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni; Vettura tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAV)/Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAS); Il-mobbiltà tal-Ajru Urbana (UAM); applikazzjonijiet tas-softwer; L-industrija 4.0 fl-Ajruspazju (IA, IoT, Big Data). Il-komponent għandu jinkludi wkoll servizzi ta' konsulenza u ta' konsulenza lid-ditti bi thejjiġa għall-kisba taċ-ċertifikazzjoni u għat-tixrid tal-prattiki tal-manifattura. Ir-riforma għandha tinkludi wkoll il-ħolqien ta' korsijiet edukattivi disponibbli għall-partijiet ikkonċernati dwar il-proċess ta' ċertifikazzjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 2: Ċentru Ewropew tal-Osservatorju tal-Media Diġitali (EDMO)

Dan l-investment għandu jistabbilixxi l-Osservatorju tal-Media Diġitali tal-Ewropa Ċentrali (CEDMO), istituzzjoni reġjonali mmexxija mill-Università Charles fi sħubija mal-Università Teknika Ċeka ta' Praga (ČVUT) u s-sit web tal-verifika tal-fatti demagog.cz. Is-CEDMO għandu jkun marbut mal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali u jsegwi l-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Għandha tipprovdi għodod u metodoloġija tal-IA biex tiġi indirizzata l-manipulazzjoni tal-informazzjoni inkluża d-diżinformazzjoni fl-ispazju diġitali b'mod imparzjali, u għandha tipprovdi metodoloġija biex jiġu identifikati, analizzati u ppubbliċizzati kampanji ta' diżinformazzjoni fil-livell nazzjonali, tranżnazzjonali u Ewropew u jiġi analizzati l-impatt tal-kampanji ta' diżinformazzjoni fuq is-soċjetà u d-demokrazija; jappoġġaw il-litteriżmu medjatiku u jimmonitorjaw ir-regoli tal-pjattaformi online u l-ekosistema tal-media diġitali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali. L-investment għandu jinkludi wkoll proġetti ta' riċerka fit-tul li jipublikaw outputs bħal dwar il-litteriżmu diġitali u medjatiku, dwar id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni fiċ-Ċekja, dwar l-impatt tal-IA fuq il-media.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 5: Infrastruttura Ewropea għas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI)

L-investment ippjanat fl-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI) jaqa' taħt il-kappa tas-Sħubija Ewropea tal-Blockchain (EBP). Il-miżura għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' każ ta' użu tal-EBSI/EBP iffukat fuq il-ħolqien ta' pjattaforma pan-Ewropea (Teknoloġija tar-Reġistru Distribwit) tal-bonds tad-DLT għall-finanzjament tad-dejn tal-SMEs. Il-proġett għandu jikkontribwixxi biex l-SMEs ikollhom aċċess aktar faċli għall-finanzjament, biex jitnaqqsu l-ispejjeż u tiżdied it-trasparenza.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investment 6: 5G proġetti dimostrattivi ta' applikazzjoni għall-bliet u ż-żoni industrijali

Din il-miżura għandha tiffinanzja l-iżvilupp ta' mill-inqas 52 proġett li juru l-applikazzjoni tal-infrastruttura diġitali u l-5G. Il-proġetti għandhom jaqgħu taħt żewġ inizjattivi differenti, jiġifieri:

- Bliet Intelliġenti, li għandhom l-għan li juru l-użu tal-5G fin-networks tal-bliet inklużi, fost l-oħrajn, sistemi ta' trasport intelliġenti, dawl tat-toroq, ġestjoni tal-iskart/ċirkolari, trasport pubbliku, ġestjoni tal-ispazju tal-parkeġġ, kunċetti ta' tnaqqis tal-kriminalità urbana; u għal
- Proġetti ta' dimostrazzjoni tal-industrija 4.0 li jippreżentaw l-applikazzjoni ta' linji ta' produzzjoni diġitalizzati jew sistemi robotizzati (mibnija fuq l-użu ta' rutina tal-intelliġenza artifiċjali) u komunikazzjoni diretta ta' utenti ta' tagħmir mobbli ma' xulxin (komunikazzjoni minn apparat għal apparat, D2D).

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment 7: Programmi Ċeki dwar ir-Riskju

Il-programm Ċek "Rise-Up" għandu jindirizza l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija u għandu jinkludi żewġ sejħiet separati għal proġetti: l-ewwel sejħa għandha tkun miftuħa għal proposti ta' proġetti mmirati lejn proġetti ta' riċerka u żvilupp mediċi relatati mal-COVID, li jkunu laħqu l-maturità ta' kważi tlestija, ċertifikazzjoni jew protezzjoni legali. It-tieni sejħa għandha tkun miftuħa għal proġetti mmirati lejn soluzzjonijiet teknoloġiċi diġitali biex ilaħħqu mal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżi tal-COVID, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-settur awdjoviżiv, it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji u s-setturi tradizzjonali.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investment 8: It-trawwim tal-intraprenditorija u tad-ditti innovattivi

Din il-miżura għandha l-għan li trawwem l-intraprenditorija u li tappoġġa t-tnedija b'suċċess ta' intrapriżi ġodda madwar iċ-Ċekja. Il-miżura għandha tinkludi servizzi ta' konsulenza, konsulenza u mentoraġġ ipprovduti permezz ta' ċentri reġjonali ta' innovazzjoni u negozju lil inizjattivi ta' negozju u negozji ġodda stabbiliti. Il-miżura għandha tinkludi wkoll kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-promozzjoni tal-intraprenditorija.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investment 9: Fondi għall-iżvilupp ta' investimenti pre-seed, teknoloġiji diġitali strateġiċi u spin-offs universitarji

Il-miżura għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp tal-kapital ta' riskju u t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija billi tinvesti f'negozji ġodda innovattivi. Dan għandu jikkonsisti fi tliet fondi pilota: i) fond ta' koinvestment ta' qabel it-tnissil; fond strateġiku għat-teknoloġiji diġitali; u iii) fond spinoff AI. It-tliet fondi għandhom l-għan li jinvestu, rispettivament, pereżempju fi proġetti fi stadju

bikri u f'kumpaniji ġodda tat-teknoloġija; f'teknoloġiji diġitali strateġiċi bħall-IA, il-blockchain, il-FinTech, l-applikazzjonijiet tal-5G; u fi proġetti ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka u universitajiet biex jittrasferixxu u jikkummerċjalizzaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom fil-prattika tan-negozju. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' fondi, bħala parti minn fond ta' fondi ġestiti mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI).

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-ftehim legali bejn iċ-Ċekja u l-FEI u l-politika ta' investment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandhom jirrikjedu l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream³; (II) attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁴; (III) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi⁵ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku⁶; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-proġetti mill-entità fdata jew mill-intermedjarju finanzjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment 10: Internazzjonalizzazzjoni ta' negozji ġodda

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tipprovdi lill-SMEs u lin-negozji ġodda Ċeki b'servizzi ta' taħriġ, konsulenza u konsulenza minn esperti fil-ħiliet maniġerjali u t-trasferiment tal-aħjar Prattiki kummerċjali, bħal: in-negozjati; l-għarfien tas-swieq barranin; l-użu ta' għodod diġitali ġodda u l-adattament għal xejriet diġitali ġodda; validazzjoni tal-prodott għas-swieq barranin; l-aċċess għall-

³ Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “Do no significant harm” (2021/C58/01).

⁴ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁶ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

kapital ta' riskju; programmi ta' aċċeleratur u mentoraġġ. Il-programm għandu jiġi implimentat minn CzechInvest skont l-Istrateġija ta' Innovazzjoni tar-Repubblika Ċeka 2030 u l-programm Pajjiż għall-Futur.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 11: Sandbox Regulatorja Diġitali f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE

Din il-miżura għandha tikkonsisti fit-tnedija u t-tħaddim inizjali tal-ambjent ta' esperimentazzjoni regulatorja diġitali umbrella. L-ambjent ta' esperimentazzjoni għandu jiġi stabbilit f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet, ir-regolaturi u s-sħab rilevanti tas-settur rispettiv u għandu jkollu l-għan li jipprova ambjent tekniku u regulatorju adegwat għall-ittestjar ta' teknoloġiji ġodda bħal soluzzjonijiet tat-teknoloġija finanzjarja. Dawn għandhom ikunu aċċessibbli għall-SMEs u n-negozji ġodda kif ukoll għal kumpaniji oħra.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 12: Il-bini ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika

L-investiment għandu l-għan li jibni network ottiku ta' komunikazzjoni kwantistika fiċ-Ċekja f'konformità mal-prijoritajiet tal-Programm Ewropa Diġitali. Dan għandu jinkludi l-ħolqien ta' network ċentrali u fergħat sekondarji konnessi, il-konnessjoni ta' infrastruttura kritika u ta' sigurtà, kif ukoll l-ittestjar u t-taħriġ tal-esperti. In-network għandu jkun kapaċi jitrażmetti u jipproċessa malajr id-data, li għandu jgħaqqad l-aktar partijiet ikkonċernati rilevanti identifikati fil-fażi tal-ippjanar u jkun jista' jikkonnettja ma' infrastruttura simili fil-pajjiżi ġirien.

L-investiment għandu jiġi konkluż b'ittestjar komplut u fażi operazzjonali pilota sal-31 ta' Diċembru 2025 u għandu jinkludi mill-inqas il-konnessjonijiet bejn Praga, Brno u Ostrava, b'tul ottiku totali ta' 400 km, 6 segmenti tad-Distribuzzjoni Kwantistika tal-Kjavi (QKD); l-implimentazzjoni ta' żewġ fergħat metropolitani sekondarji bbażati fuq tagħmir kummerċjali tal-QKD u tnejn addizzjonali bbażati fuq il-QKD sperimentali u l-ittestjar tal-applikazzjoni tagħhom.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
47	Riforma tal-1: Riforma istituzzjonali tas-sistema ta' koordinazzjoni u appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija (inkluż RIS 3)	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' bidliet organizzattivi għar-riforma tal-istruttura tal-korpi pubbliċi li jissorveljaw it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija	It-twaqqif tal-Kumitat (u tal-grupp ta' ħidma relatat) responsabbli għall-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali biex jitħejjew proġetti għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ċeka				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Il-Kumitat għat-Trasformazzjoni Diġitali, inkluża r-rappreżentanza tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati, għandu jikkoordina l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti taħt il-komponenti 1.4 u 1.5. Dan għandu jinkludi wkoll grupp ta' ħidma konsultattiv/espert speċjali li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Istandards tan-Negożji l-Ġodda tal-UE taħt dan il-komponent u għandu jipprovdi opinjoni esperta dwar l-għażla tal-metodi ta' implimentazzjoni. Dan l-istadju importanti għandu jitqies issodisfat ladarba l-Kumitat u l-grupp ta' ħidma jibdeu jaħdmu.
257	Investiment 1: L-unifikazzjoni tal-oqsma u l-ħolqien ta' pjattaforma ta' tagħlim	Stadju importanti	Aġġornament tas-Sistema tad-Disinn	L-azzjonijiet implimentati				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jiġu implimentati l-azzjonijiet li ġejjin: <ol style="list-style-type: none"> Is-siti web kollha tal-awtoritajiet tal-gvern ċentrali għandhom ikunu fid-dominju * gov.cz. L-emails kollha tal-awtoritajiet tal-gvern ċentrali għandhom jiġu migrati għad-dominju * gov.cz. Mill-inqas 3 tutorials dwar il-komunikazzjoni diġitali bejn iċ-ċittadini u l-gvern għandhom jinħolqu u jkunu disponibbli online.
258	Investiment 2: Titjib tas-sistema ta' ġestjoni għas-servizzi diġitalizzati	Stadju importanti	Aġġornament tal-governanza tal-ICT fl-amministrazzjoni pubblika	L-azzjonijiet implimentati				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jiġu implimentati l-azzjonijiet li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> Żewġ sistemi ta' informazzjoni għandhom ikunu operattivi. Dawn għandhom ikunu i) il-Pjattaforma ta' Komunikazzjoni, Koordinazzjoni u Prijoritizzazzjoni; u ii) Sistema ta' Ġestjoni fit-Tul tal-ICT.

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<ul style="list-style-type: none"> Rapport dwar l-attivitajiet, inklużi l-metodoloġiji, id-dokumenti analitiċi, il-pjanijiet ta' azzjoni, il-konsultazzjonijiet u s-superviżjonijiet appoġġati permezz ta' din il-miżura, għandu jkun disponibbli online. Ir-rapport għandu jidentifika każijiet ta' ottimizzazzjoni tal-proċess u jinkludi mill-inqas it-tagħlimiet meħuda, inklużi prattiki tajbin u fallimenti prominenti.
259	Investiment 3: Il-ħolqien ta' ċentru ta' kuntatt tal-amministrazzjoni pubblika	Stadju importanti	Ċentru ta' kuntatt tal-amministrazzjoni pubblika operazzjonali	Ċentru ta' kuntatt operazzjonali u disponibbli għall-klijenti				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	<p>Iċ-Ċentru ta' kuntatt tal-amministrazzjoni pubblika għandu jipprovdi servizzi lill-pubbliku. Għandu jkun kompletament operattiv u għandu jkun kapaċi jipprovdi informazzjoni, pariri, kif ukoll appoġġ bis-sottomissjoni elettronika ta' dokumenti għal mill-inqas 10 servizz tal-gvern ("Agendy"). Il-klijenti għandhom ikunu jistgħu jikkuntattjaw liċ-ċentru.</p> <p>Għandha ssir kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar id-disponibbiltà taċ-ċentru ta' kuntatt u tat-tutorials definiti fl-Investiment 1.</p>
260	Investiment 4: Il-ħolqien ta' infrastruttura ċentrali tad-data	Stadju importanti	Maħżen ċentrali tad-data operazzjonali	Maħżen ċentrali tad-data operazzjonali u li jipprovdi informazzjoni lill-utenti				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	<p>Il-maħżen ċentrali tad-data għandu jkun operattiv. Hija għandha tiġbor u tipproċessa data dwar l-operat ta' mill-inqas 10 sistema tal-IT tal-gvern u l-prestazzjoni ta' mill-inqas 25 servizz tal-gvern ("Agendy"). Id-data dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tal-gvern għandha tkun disponibbli bħala data miftuħa.</p>

H. IL-KOMPONENT 2.1: TRASPORT SOSTENIBBLI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni tat-trasport, l-elettromobbiltà fit-trasport ferrovjarju, iż-żieda fis-sehem tat-trasport ferrovjarju fit-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri, it-tiżiħ tal-importanza tal-mobbiltà attiva fil-bliet, it-titjib tas-sikurezza tat-traffiku, u t-tnaqqis tal-impatt tat-traffiku fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika. Il-komponent jibbenefika minn sinerġiji mal-komponent 2.4, li jindirizza l-kwistjoni tal-propulsjoni alternattiva fit-trasport bit-triq u t-trasport urban bil-karozzi tal-linja.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà, l-infrastruttura diġitali, u t-tranżizzjoni tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluża l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019), u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020, li skontha ċ-Ċekja għandha timmira lejn investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġiji diġitali ta' kapaċità għolja, produzzjoni u użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, u infrastruttura tat-trasport sostenibbli, inkluż fir-reġjuni tal-faħam (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, mill-inqas 70 % tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ.

H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: L-iżvilupp ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża l-enerġija u l-ispazju

Il-miżura għandha l-għan li tipromwovi użu akbar ta' modi ta' trasport aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal flussi ta' trasport regolari u tqal. Dan għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Bliet individwali ta' aktar minn 40 000 abitant għandhom iwettqu l-proċess tal-Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP). Is-SUMPs kollha għandhom jiġu approvati mill-korpi rappreżentattivi tal-belt sat-30 ta' Ġunju 2023. Fejn diġà jeżisti SUMP simplifikat, għandha titħejja verżjoni ġdida bbażata fuq il-Kunċett ta' Mobbiltà Urbana u Attiva (UAMC) approvat mill-gvern. Dan għandu jkun fih il-partijiet kollha meħtieġa mill-UAMC u għandu jkun ibbażat fuq l-analizzjiet meħtieġa mill-UAMC bħall-immudellar tat-traffiku u l-istħarriġiet.
- Il-kunċett tat-trasport tal-merkanzija, li se jstabilixxi l-kondizzjonijiet biex jiżdied is-sehem tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fil-volum totali tat-trasport, għall-perjodu 2024–2030, għandu jiġi approvat b'riżoluzzjoni tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-kunċett għandu jiffoka fuq l-appoġġ tat-trasport multimodali, it-titjib tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u t-tnaqqis tal-impatt tat-trasport tal-merkanzija fuq l-ambjent, is-saħħa pubblika u t-tibdil fil-klima globali.
- L-operaturi kollha tat-trasport pubbliku (l-istat, ir-reġjuni u l-bliet li joperaw it-trasport pubbliku) għandhom japprovaw pjan ta' servizz tat-trasport ta' ħames snin sal-31 ta' Diċembru 2023, ibbażat fuq il-Kunċett tat-Trasport Pubbliku approvat mill-gvern.

- L-impatt tar-riforma fuq is-sehem modali tat-trasport pubbliku u s-sehem modali taċ-ċikliżmu għandu jitkejjel sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 1: Applikazzjoni ta' teknoloġiji moderni għall-infrastruttura ferrovjarja

L-investiment għandu jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tat-trasport ferrovjarju sabiex jittejbu s-sikurezza tat-traffiku u l-kwalità tas-servizzi pprovduti, tiġi ottimizzata l-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja u tiġi żgurata l-interoperabbiltà internazzjonali. L-investiment 1 għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Definizzjoni ta' sett ta' proġetti ta' 41 km ta' linji koperti mis-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli — Ferrovija (GSM-R), 20 stazzjon transċetrazzjoni b'bażi li jaħdmu b'enerġija affidabbli (BTS) li għadhom kif ġew installati jew aktar u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju sat-30 ta' Ġunju 2022.
- It-tlestija ta' żewġ proġetti mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bulit ta' hawn fuq sat-30 ta' Ġunju 2024.
- It-tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bulit ta' hawn fuq, biex b'hekk jitlestew b'kolli 41 km ta' linji koperti mill-GSM-R, 20 BTS li għadhom kif ġew installati jew li jaħdmu b'mod aktar affidabbli u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 2: Elettrifikazzjoni tal-ferroviji

Il-miżura għandha l-għan li żżid is-sehem tat-trasport tal-fjuwils mhux fossili permezz tal-elettrifikazzjoni tal-linji u l-provvista tal-enerġija tat-trazzjoni fis-substazzjonijiet. L-investiment għandu jgħid ukoll il-kundizzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija fis-sistema tat-trasport. Dan għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Definizzjoni ta' sett ta' proġetti ta' 39.7 km ta' linji elettrifikati u erba' impjanti alimentatriċi tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew dawk mibnija ġodda sat-30 ta' Ġunju 2022.
- It-tlestija ta' żewġ proġetti mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bulit ta' hawn fuq sat-30 ta' Ġunju 2023.
- It-tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bolli ta' hawn fuq, biex b'hekk jitlestew b'mod ġenerali 39.7 km ta' linji elettrifikati u erba' impjanti alimentatriċi tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew dawk mibnija ġodda sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment 3: Appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja

Il-miżura għandha l-għan li tiproteġi l-ambjent u l-klima billi tikkontribwixxi biex jiżded is-sehem tat-trasport ferrovjarju fit-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istazzjonijiet ferrovjarji. Dan l-investiment għandu jiffoka fuq proġetti ta' żvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja, b'kont meħud, inter alia, ta' aċċess adegwat għal servizzi għal persuni żvantaġġati u vulnerabbli. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq sezzjonijiet tan-netwerk importanti għat-trasport suburban u proġetti għat-titjib taċ-ċentri ferrovjarji u tal-bini tal-istazzjonijiet fi ħdan terminals multimodali tal-passiġġieri. Barra minn hekk, għandu jiġi appoġġat it-tiżnin tal-bini tal-istazzjon. Dan għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Definizzjoni ta' sett ta' proġetti ta' 121.88 km ta' linji modernizzati, disa' stazzjonijiet ferrovjarji modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakli, u aktar minn 35 bini ta' stazzjonijiet b'intensità enerġetika mnaqqa biex jinkiseb, bħala

medja, tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante, u żieda fil-kumdità u servizzi aħjar għall-passiġġieri sat-30 ta' Ġunju 2022.

- It-tlestija ta' 26 proġett mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bulit ta' hawn fuq sal-31 ta' Diċembru 2022.
- It-tlestija ta' 11 proġett addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bulit ta' hawn fuq sal-31 ta' Diċembru 2023.
- It-tlestija ta' 19 proġett addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bulit ta' hawn fuq, biex b'hekk jitlestew b'mod ġenerali 121.88 km ta' linji modernizzati, disa' stazzjonijiet ferrovjarji modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakli, u aktar minn 35 binja tal-istazzjonijiet b'intensità enerġetika mnaqqsa biex jinkiseb, bħala medja, tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante, u żieda fil-kumdità u servizzi aħjar għall-passiġġieri sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 4: Is-sikurezza tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija

Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb is-sikurezza tat-traffiku billi tiegħu miżuri konkreti ta' sikurezza fil-passaġġi ferrovjarji, u ttejjeb il-kundizzjoni tal-pontijiet u l-istrutturi tal-mini. Fil-bliet u l-agglomerazzjonijiet, għandhom isiru investimenti biex jitnaqqas is-sehem ta' vjaġġi individwali bil-karozza u jiżied is-sehem tat-trasport pubbliku u l-modi attivi tat-trasport bħall-persuni bil-mixi u ċ-ċikliżmu. Il-bini ta' mogħdijiet għaċ-ċikliżmu u rotot mingħajr ostakli pedonali huwa wkoll parti mill-investiment, sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-parteċipanti vulnerabbli tat-traffiku bħala parti mill-promozzjoni tal-mobbiltà attiva, speċjalment fil-bliet. Dan għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- It-tlestija ta' proġetti b' 45 passaġġi invell b'sikurezza akbar (jiġifieri b'sistema ta' twissija tad-dawl flaxx installata ġdida jew modernizzata jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika), 25 km ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, ġnub u rotot mingħajr ostakli, u 3 pont jew mina ferrovjarji modernizzati sat-30 ta' Ġunju 2022.
- It-tlestija ta' proġetti li jinvolve 115 passaġġ invell addizzjonali b'sikurezza akbar (jiġifieri b'sistema ta' twissija tad-dawl flaxx installata ġdida jew modernizzata jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika), 24 km addizzjonali ta' mogħdijiet mibnija għaċ-ċikliżmu, ġnub u rotot mingħajr ostakli, u 3 pont jew mina ferrovjarji modernizzati addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2022.
- It-tlestija ta' proġetti li jinvolve 131 passaġġ invell addizzjonali b'sikurezza akbar (jiġifieri b'sistema ta' twissija tad-dawl flaxx installata ġdida jew modernizzata jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika) u 1 pont jew mina ferrovjarja modernizzata addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2024.
- It-tlestija ta' proġetti li jinvolve 36 km addizzjonali ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, ġnub u rotot mingħajr ostakli u 1 pont ferrovjarju jew mina modernizzati addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2023.

H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
78	Riforma tal-1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u l-ispazju	Stadju importanti	Approvazzjoni tal-pjanijiet ta' mobbiltà	Approvazzjoni tal-pjan mill-korpi rappreżentattivi tal-belt				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	Il-bliet statutorji kollha tar-Repubblika Ċeka (bliet b'popolazzjoni ta' aktar minn 40 000) għandu jkollhom Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) approvat mill-korpi rappreżentattivi tal-belt, abbażi tal-Kunċett ta' Mobbiltà Urbana u Attiva approvat mill-gvern.
79	Riforma tal-1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u l-ispazju	Stadju importanti	Approvazzjoni u dħul fis-seħħ tal-Kunċett il-ġdid tat-Trasport tal-Merkanzija	Approvazzjoni mill-gvern				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Il-Gvern għandu japprova l-Kunċett il-ġdid tat-Trasport tal-Merkanzija, li se jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex jiżdied is-sehem tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fil-volum totali tat-trasport għall-perjodu 2024–2030. Il-kunċett se jiffoka fuq l-appoġġ tat-trasport multimodali, it-titjib tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u t-tnaqqis tal-impatt tat-trasport tal-merkanzija fuq l-ambjent, is-saħħa pubblika u t-tibdil fil-klima globali.
80	Riforma tal-1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u l-ispazju	Stadju importanti	Approvazzjoni tal-pjanijiet tas-servizz tat-trasport.	Approvazzjoni mill-operaturi tat-trasport pubbliku				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	L-operaturi kollha tat-trasport pubbliku (l-istat, ir-reġjuni u l-bliet li joperaw it-trasport pubbliku) għandhom japprovaw pjan ta' servizz tat-trasport ta' ħames snin, ibbażat fuq il-Kunċett tat-Trasport Pubbliku approvat mill-gvern.
81	Riforma tal-1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u l-ispazju	Tal-UE	L-ilħuq ta' sehem modali akbar tat-trasport pubbliku fil-bliet tar-Repubblika		% (sehem modali tat-trasport pubbliku)	40 % fi bliet akbar minn 250 000 abitant/28 % fi bliet	45 % fi bliet akbar minn 250 000 abitant/35 % fi bliet	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Is-sehem modali tat-trasport pubbliku fil-bliet CZ akbar minn 250 000 abitant u fil-bliet tar-Repubblika Ċeka akbar minn 75 000 abitant għandu jiżdied bil-% iċċarat fil-kolonna tal-għanijiet.

Numru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			Ċeka akbar minn 250 000 abitant u fil-bliet tar-Repubblika Ċeka akbar minn 75 000 abitant			akbar minn 75 000 abitant	akbar minn 75000 abitant			
82	Riforma tal-1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u l-ispazju	Tal-UE	L-ilħuq ta' sehem modali akbar taċ-ċikliżmu fi bliet CZ akbar minn 250 000 abitant u fi bliet CZ akbar minn 75 000 abitant		% (sehem modali taċ-ċikliżmu)	1 % fi bliet akbar minn 250 000 abitant/5 % fi bliet akbar minn 75 000 abitant	5 % fi bliet akbar minn 250 000 abitant/10 % bliet akbar minn 75 000 abitant	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Is-sehem modali taċ-ċikliżmu fil-bliet CZ akbar minn 250 000 abitant u fil-bliet tar-Repubblika Ċeka akbar minn 75 000 abitant għandu jżjed bil-% iċċarat fil-kolonna tal-għanijiet.
83	Investiment 1: Teknoloġiji ġodda u diġitalizzazzjoni fuq l-infrastruttura ferrovjarja	Stadju importanti	Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investment 1	Definizzjoni tas-sett ta' proġetti mill-Ministeru tat-Trasport				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Definizzjoni tas-sett ta' proġetti ta' 41 km ta' linji koperti mis-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli — Ferrovija (GSM-R), 20 stazzjon transċetrazzmettitur bażi li jaħdmu b'enerġija aktar affidabbli (BTS) u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju.
84	Investiment 1: Teknoloġiji ġodda u diġitalizzazzjoni fuq l-infrastruttura ferrovjarja	Tal-UE	It-tlestija ta' żewġ proġetti minn sett predefinit ta' proġetti.		Numru ta' proġetti	0	2	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	It-tlestija ta' żewġ proġetti mis-sett predefinit ta' proġetti ta' 41 km ta' linji koperti mis-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli — Ferrovija (GSM-R), 20 stazzjon bażi transċetrazzmettitur (BTS) li għadhom kif ġew installati jew li jaħdmu b'mod aktar affidabbli u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju.

Numru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
85	Investiment 1: Teknoloġiji ġodda u diġitalizzazzjoni fuq l-infrastruttura ferrovjarja	Tal-UE	It-tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali minn sett predefinit ta' proġetti.		Numru ta' proġetti	2	8	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	It-tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali (8 b'kollox) mis-sett predefinit ta' proġetti ta' 41 km ta' linji koperti mis-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli — Ferrovija (GSM-R), 20 stazzjon transċetrażmettituri bażi mħaddma b'enerġija aktar affidabbli (BTS) u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju.
86	Investiment 2: Elettrifikazzjoni tal-ferroviji	Stadju importanti	Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investment 2	Definizzjoni tas-sett ta' proġetti mill-Ministeru tat-Trasport				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Definizzjoni ta' sett ta' proġetti li jinkludu 39.7 km ta' linji elettrifikati u 4 stazzjonijiet ta' alimentazzjoni tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew mibnija ġodda.
87	Investiment 2: Elettrifikazzjoni tal-ferroviji	Tal-UE	Tlestija ta' żewġ proġetti minn sett predefinit ta' proġetti		Numru ta' proġetti	0	2	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	It-tlestija ta' żewġ proġetti mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu 39.7 km ta' linji elettrifikati u 4 stazzjonijiet ta' alimentazzjoni tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew mibnija ġodda.
88	Investiment 2: Elettrifikazzjoni tal-ferroviji	Tal-UE	Tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali minn sett predefinit ta' proġetti		Numru ta' proġetti	2	8	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	It-tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali (8 b'kollox) mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu 39.7 km ta' linji elettrifikati u 4 impjant li jalimenta t-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew mibnija ġodda.
89	Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja)	Stadju importanti	Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investment 3	Definizzjoni tas-sett ta' proġetti mill-Ministeru tat-Trasport				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Definizzjoni ta' sett ta' proġetti li jinkludu 121.88 km ta' linji modernizzati, 9 stazzjon ferrovjarju modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli b'mod sikur u mingħajr ostakli u 35 bini ta' stazzjonijiet b'intensità enerġetika mnaqqsa, kumdità akbar u servizzi aħjar għall-passiġġieri.

Numru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
90	Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja)	Tal-UE	Tlestija ta' 26 proġett minn sett predefinit ta' proġetti		Numru ta' proġetti	0	26	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	It-tlestija ta' 26 proġett mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu 121.88 km ta' linji modernizzati, 9 stazzjon ferrovjarju modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli b'mod sikur u mingħajr ostakli u 35 bini ta' stazzjonijiet b'intensità enerġetika mnaqqsa, kumdità akbar u servizzi aħjar għall-passiġġieri.
91	Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja)	Tal-UE	Tlestija ta' 11 proġett addizzjonali minn sett predefinit ta' proġetti		Numru ta' proġetti	26	37	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	It-tlestija ta' 11 proġett addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu 121.88 km ta' linji modernizzati, imtejba operazzjonalment jew aktar reżistenti għall-influenzi naturali, 9 stazzjon ferrovjarju modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakli u 35 bini ta' stazzjonijiet b'intensità enerġetika mnaqqsa, aktar kumdità u servizzi aħjar għall-passiġġieri.
261	Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja)	Tal-UE	Tlestija ta' 19 proġett addizzjonali minn sett predefinit ta' proġetti		Numru ta' proġetti	37	56	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	It-tlestija ta' 19 proġett addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu 121.88 km ta' linji modernizzati, imtejba operazzjonalment jew aktar reżistenti għall-influenzi naturali, 9 stazzjon ferrovjarju modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakli u 35 bini ta' stazzjonijiet b'intensità enerġetika mnaqqsa, aktar kumdità u servizzi aħjar għall-passiġġieri.
92	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot	Tal-UE	Tlestija tal-passaġġi invell b'aktar sikurezza		Għadd ta' passaġġi invell b'sikurezza akbar	0	45	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Qsim invell b'livell ogħla ta' protezzjoni, b'sistema ta' twissija tad-dawl flaxx installata ġdida jew modernizzata jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika.

Num ru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	mingħajr ostakli)									
93	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)	Tal-UE	Tlestija ta' mogħdijiet għar-roti mibnija, ġnub u rotot mingħajr ostakli		It-tul tal-mogħdijiet għar-roti mibnija, il-ġnub, ir-rotot mingħajr ostakli — km	0	25	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	It-tul tal-passaġġ għar-roti mibni/tar-rotot mingħajr ostakli/tal-ġnub.
94	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)	Tal-UE	Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati		Għadd ta' strutturi artifiċjali ferrovjarji modernizzati (pontijiet/mini)	0	3	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	Struttura artifiċjali ferrovjarja modernizzata għall-fażi operattiva.
95	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)	Tal-UE	Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati		Għadd ta' strutturi artifiċjali ferrovjarji modernizzati (pontijiet/mini)	3	6	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Struttura artifiċjali ferrovjarja modernizzata għall-fażi operattiva.

Num ru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
96	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)	Tal-UE	Tlestija tal-passaġġi invell b'aktar sikurezza		Għadd ta' passaġġi invell b'sikurezza akbar	45	160	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Qsim invell b'livell ogħla ta' protezzjoni, b'sistema ta' twissija tad-dawl flaxx installata ġdida jew modernizzata jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika.
97	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)	Tal-UE	Tlestija ta' mogħdijiet għar-roti mibnija, ġnub u rotot mingħajr ostakli		It-tul tal-mogħdijiet għar-roti mibnija, il-ġnub, ir-rotot mingħajr ostakli — km	25	49	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	It-tul tal-passaġġ għar-roti mibni/rotta mingħajr ostakli/rotta mingħajr ostakli.
98	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)	Tal-UE	Tlestija tal-passaġġi invell b'aktar sikurezza		Għadd ta' passaġġi invell b'sikurezza akbar	160	291	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Qsim invell b'livell ogħla ta' protezzjoni, b'sistema ta' twissija tad-dawl flaxx installata ġdida jew modernizzata jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika.
99	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet	Tal-UE	Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati		Għadd ta' strutturi artifiċjali ferrovjarji modernizzati (pontijiet/mi	6	7	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	Struttura artifiċjali ferrovjarja modernizzata għall-fażi operattiva.

Num ru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)				ni)					
100	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)	Tal-UE	Tlestija ta' mogħdijiet għar-roti mibnija, ġnub u rotot mingħajr ostakli		It-tul tal-mogħdijiet għar-roti mibnija, il-ġnub, ir-rotot mingħajr ostakli — km	49	85	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	It-tul tal-passaġġ għar-roti mibni/tar-rotot mingħajr ostakli/tal-ġnub.
101	Investiment 4: Is-sikurezza fit-toroq u l-ferroviji (il-passaġġi ferrovjarji, il-pontijiet u l-mini, il-mogħdijiet għar-roti u r-rotot mingħajr ostakli)	Tal-UE	Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati		Għadd ta' strutturi artifiċjali ferrovjarji modernizzati (pontijiet/mini)	7	8	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Struttura artifiċjali ferrovjarja modernizzata għall-fażi operattiva.

I. IL-KOMPONENT 2.2: IT-TNAQQIS TAL-KONSUM TAL-ENERĠIJA FIS-SETTUR PUBBLIKU

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku permezz tar-rinnovazzjoni tal-bini tal-istat u dak pubbliku u l-modernizzazzjoni tat-tidwil pubbliku.

Il-komponent jirrifletti l-impenji taċ-Ċekja li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-ekonomija nazzjonali sal-2030. Għandha l-għan li tnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-bini tal-istat u dak pubbliku rilevanti, li żżid l-għadd ta' rinnovazzjonijiet ta' kwalità għolja fis-settur pubbliku u li tnaqqas il-konsum finali tal-enerġija tat-tidwil pubbliku.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar it-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2019) u dwar il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, meta tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini tal-istat u dak pubbliku, mill-inqas 70 % tal-iskart tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jitthejja għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ.

I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini tal-istat

Dan l-investiment għandu l-għan li jnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-bini tal-amministrazzjoni tal-istat li ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fit-tul u li jżid l-għadd ta' rinnovazzjonijiet ta' kwalità għolja u moderatament profondi jew profondi. Għandhom jiġu ffinanzjati biss proġetti li jiksbu, bħala medja, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ ta' 30 %.

L-investiment għandu l-għan li jappoġġa mill-inqas 100 proġett ta' rinnovazzjoni tal-bini inkluż l-iżolament ta' bini, l-iskambju u r-rinnovazzjoni ta' twieqi u bibien, l-installazzjoni ta' sistemi bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew l-implimentazzjoni ta' titjib tal-miżuri ambjentali ta' ġewwa li jkollhom impatt dimostrabbli fuq ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

75 % tal-proġetti għandhom jiġu kkuntrattati sal-31 ta' Diċembru 2024.

Sabiex iħejji aħjar dan l-investiment, il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ għandu jadotta u jipubblika mudell ta' kuntratt għas-servizzi tal-metodu tal-Ikkuntrattar għall-Prestazzjoni tal-Enerġija b'garanzija sal-31 ta' Diċembru 2021. Għandu jkollha l-għan li tippromwovi l-implimentazzjoni ta' proġetti b'enfasi fuq il-massimizzazzjoni tar-rendiment tal-iffrankar tal-enerġija meta mqabbel mal-fondi minfuqa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 2: It-titjib tal-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tidwil pubbliku

Dan l-investiment għandu l-għan li jippermetti r-rinnovazzjoni tat-tidwil pubbliku f'muniċipalitajiet differenti fir-Repubblika Ċeka u li jippermetti li dawn ir-rinnovazzjonijiet ikunu marbuta ma' elementi intelliġenti oħra bħall-appoġġ għall-iżvilupp tal-elettromobbiltà.

Għandhom jiġu ffinanzjati biss proġetti li jiksbu, bħala medja, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja b'mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 %.

L-investiment jinkludi l-appoġġ ta' mill-inqas 800 proġett ta' rinnovazzjoni tas-sistemi tad-dawl pubbliku f'muniċipalitajiet differenti fiċ-Ċekja, li 80 % minnhom għandhom jiġu kkuntrattati sal-31 ta' Diċembru 2024. L-investiment għandu jinkludi t-tiġdid tas-sistemi tad-dawl u l-akkwist jew l-ottimizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni.

Sabiex dan l-investiment jitħejja aħjar, għandha tiġi adottata u ppubblikata dokumentazzjoni tal-programm mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ sal-31 ta' Diċembru 2021. Hija għandha tistabilixxi l-iskeda ta' żmien u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-miżuri għar-rinnovazzjoni tas-sistemi tas-sajjetti pubbliċi, inklużi l-elementi intelliġenti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 3: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku

Dan l-investiment għandu l-għan li jnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-bini pubbliku li ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fit-tul, u li jżid l-għadd ta' rinnovazzjonijiet ta' kwalità għolja u moderatament profondi jew profondi. Għandhom jiġu ffinanzjati biss proġetti li jiksbu, bħala medja, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja b'mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 %.

L-investiment għandu l-għan li jappoġġa mill-inqas 220 proġett ta' rinnovazzjoni tal-bini inkluż l-iżolament ta' bini, l-iskambju u r-rinnovazzjoni ta' twieqi u bibien, l-installazzjoni ta' sistemi bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew l-implimentazzjoni ta' titjib tal-miżuri ambjentali ta' ġewwa li jkollhom impatt dimostrabbli fuq ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

75 % tal-proġetti għandhom jiġu kkuntrattati sal-31 ta' Diċembru 2023.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
102	Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini tal-istat	Stadju importanti	Adozzjoni tal-kuntratt mudell mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ għas-servizzi tal-metodu tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija b'garanzija	Pubblikazzjoni tal-kuntratt mudell fuq is-sit web tal-Ministeru				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	<p>Il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ jadotta kuntratt mudell għas-servizzi tal-metodu tal-ikkuntrattar għall-Prestazzjoni tal-Enerġija b'garanzija sabiex jipromwovi l-implimentazzjoni ta' proġetti b'enfasi fuq il-massimizzazzjoni tar-rendiment tal-iffrankar tal-enerġija meta mqabbel mal-fondi minfuqa.</p> <p>Il-kuntratt mudell għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Ministeru.</p>
103	Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini tal-istat	Tal-UE	L-għoti ta' 75 % tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini li jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %		Persentaġġ	0	75	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	<p>B'kollox, mill-inqas 100 proġett ta' rinnovazzjoni tal-bini għandhom jiġu appoġġati taħt din il-miżura. Il-mira għandha tintlaħaq meta jiġu kkuntrattati 75 % minnhom. Il-proġetti għandhom jiġu sottomessi lill-MIT f'sejħa kontinwa u evalwati abbażi tal-kriterji stabbiliti, wara proċedura tal-għażla trasparenti.</p> <p>Huma biss il-proġetti li jiksbu, bħala medja, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 % li għandhom jintgħażlu għall-implimentazzjoni. Il-mira ta' 75 % tirreferi għal proġetti bi ftehim ta' għotja ffirmat. L-investimenti fis-sostituti tal-bojlers inklużi dawk bil-gass naturali bħala sors ta' enerġija għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokazzjoni globali.</p>
104	Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni	Tal-UE	Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija		Iffrankar tal-enerġija f'tera	0	140	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	<p>Il-mira għandha tintlaħaq billi jitnaqqas il-konsum tal-enerġija f'bini tal-istat b' 140 TJ/kull sena sal-31 ta' Marzu 2026 bħala riżultat tar-rinnovazzjoni tal-bini, li għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-enerġija tal-bini tal-istat				joules fis-sena					fl-użu tal-enerġija. Il-konsum tal-enerġija għandu jitnaqqas meta mqabbel max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo (jiġifieri n-nuqqas ta' appoġġ skont ir-Regolament (UE) 2021/241). L-ammont ta' enerġija ffrankata għandu jiġi ddeterminat billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni għall-kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija.
105	Investiment 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistemi tat-tidwil pubbliku	Stadju importanti	Adozzjoni tad-dokumentazzjoni tal-programm mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ rigward miżuri biex jiġu rinnovati s-sistemi ta' sajjetti pubbliċi	Pubblikazzjoni tad-dokumentazzjoni tal-programm fuq is-sit web tal-Ministeru				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	Id-dokumentazzjoni tal-programm titħejja mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ u tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Ministeru. Hija għandha tistabbilixxi l-iskeda ta' żmien u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-miżuri għar-rinnovazzjoni tas-sistemi tad-dawl pubbliku, inklużi l-elementi intelliġenti, fid-dawl tal-objettiv li jinkiseb iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %.
106	Investiment 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistemi tat-tidwil pubbliku	Tal-UE	L-għoti ta' 80 % tal-kuntratti pubbliċi kollha għar-rinnovazzjoni tas-sistemi pubbliċi tad-dawl li jiksbu mill-inqas iffrankar tal-enerġija		Persentaġġ	0	80	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	B'kollox, mill-inqas 800 proġett ta' rinnovazzjoni ta' sistemi ta' sajjetti pubbliċi għandhom jiġu appoġġati taħt din il-miżura. Il-mira għandha tintlaħaq meta jiġu kkuntrattati 80 % minnhom (jiġifieri 640) sal-31 ta' Diċembru 2024. Il-proġetti għandhom jiġu evalwati u magħżula kull sena, abbażi tal-kriterji stabbiliti, wara proċedura tal-għażla trasparenti. Huma biss il-proġetti li jiksbu, bħala medja, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 % li għandhom jintgħażlu għall-implimentazzjoni. Il-mira ta' 80 %

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			primarja ta' 30 %							tirreferi għal proġetti bi ftehim ta' għotja ffirmat.
107	Investiment 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistemi tat-tidwil pubbliku	Tal-UE	Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija		Iffrankar tal-enerġija f' tera joules fis-sena	0	286	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Il-mira għandha tintlaħaq billi jitnaqqas il-konsum tal-enerġija b' 286 TJ/kull sena sal-31 ta' Marzu 2026 bħala riżultat tar-rikostruzzjoni tat-tidwil pubbliku, li għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-konsum tal-enerġija għandu jitnaqqas meta mqabbel max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo (jiġifieri n-nuqqas ta' appoġġ skont ir-Regolament (UE) 2021/241). L-ammont ta' enerġija ffrankata għandu jiġi ddeterminat billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni għall-kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija.
108	Investiment 3: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku	Tal-UE	L-għoti ta' 75 % tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini li jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %		Persentaġġ	0	75	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	B'kollox, mill-inqas 220 proġett ta' rinnovazzjoni tal-bini għandhom jiġu appoġġati taħt din il-miżura. Il-mira għandha tintlaħaq meta jiġu kkuntrattati 75 % minnhom. Il-proġetti għandhom jiġu sottomessi lill-Fond Ambjentali tal-Istat f' sejħa kontinwa u evalwati abbażi tal-kriterji stabbiliti, wara proċedura tal-għażla trasparenti. Huma biss il-proġetti li jiksbu, bħala medja, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 % li għandhom jintgħażlu għall-implimentazzjoni. Il-mira ta' 75 % tirreferi għal proġetti bi ftehim ta' għotja ffirmat. L-investimenti fis-sostituti tal-bojlers inklużi dawk bil-gass naturali bħala sors ta' enerġija għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokkazzjoni globali.

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
109	Investiment 3: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku	Tal-UE	Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija		Iffrankar tal-enerġija f' tera joules fis-sena	0	410	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Il-mira għandha tintlaħaq billi jitnaqqas il-konsum tal-enerġija f' bini tal-istat b' 410 TJ/kull sena sal-31 ta' Marzu 2026, bħala riżultat tar-rinnovazzjoni tal-bini, li għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-konsum tal-enerġija għandu jitnaqqas meta mqabbel max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo (jiġifieri n-nuqqas ta' appoġġ skont ir-Regolament (UE) 2021/241). L-ammont ta' enerġija ffrankata għandu jiġi ddeterminat billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni għall-kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija.

J. IL-KOMPONENT 2.3: TRANŻIZZJONI GĦAL SORSI TA' ENERĠIJA AKTAR NADIFA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-bidla mill-fjuwils fossili għal sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi u b'emissjonijiet żero bħall-enerġija fotovoltajka. Għandha l-għan li tnaqqas l-intensità tal-emissjonijiet tal-ekonomija Ċeka u l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, kif ukoll li timmodernizza n-network ta' distribuzzjoni tal-enerġija tas-sħana, b'mod partikolari permezz tas-sostituzzjoni tal-fwar b'ilma sħun, li jwassal għal iffrankar fis-sorsi tal-enerġija primarja.

Ir-riformi u l-investimenti jappoġġaw l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq it-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali ur-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2020, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali

Din il-miżura għandha l-għan li tiddekarbonizza t-tisħin distrettwali, b'mod partikolari billi żżid l-effiċjenza enerġetika, taqleb mill-kombustjoni tal-faħam għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-kombustjoni tal-gass naturali, il-bijomassa u l-iskart, u tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sustanzi niġġiesa.

Għandha titwettaq u tiġi ppubblikata valutazzjoni tal-perkors lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja. Din il-valutazzjoni għandha tiggwida l-investimenti ffinanzjati taħt dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma tat-2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali

Din il-miżura għandha l-għan li tippromwovi l-investment tal-bijomassa bbażat fuq l-iskart tal-bijomassa u r-residwi li jistgħu jiġu estratti b'mod sostenibbli, flimkien ma' miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Għandha tiġi ppubblikata valutazzjoni tat-trajettorji tal-użu sostenibbli tal-bijoenerġija u tal-provvista tal-bijomassa fiċ-Ċekja u l-impatti tagħha fuq il-Bjar tal-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija u l-bijodiversità kif ukoll l-impatt tagħha fuq il-kwalità tal-arja għall-perjodu 2020–2030. Din il-valutazzjoni għandha tiggwida l-investimenti fil-bijoenerġija ffinanzjati taħt il-komponenti 2.2, 2.3 u 2.5 tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1: Żvilupp ta' sorsi ġodda ta' enerġija fotovoltajka

Din il-miżura għandha l-għan li tissostitwixxi mill-inqas parti mis-sorsi tal-enerġija mill-faħam b'sorsi ta' enerġija fotovoltajka.

Kapaċità ġdida ta' sorsi ta' enerġija fotovoltajka ta' 270 MWp għandha tiġi installata u tibda tiftaddem. Il-proġetti għandhom jinkludu l-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija fotovoltajka fuq il-bjut tal-bini tal-kumpaniji inklużi xelters (bħal xelters għall-karozzi, magni tal-kostruzzjoni jew ħżin ta' materjal) kif ukoll akkumulazzjoni ta' enerġija bl-għan li tiġi ottimizzata l-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali

Din il-miżura għandha l-għan li tnaqqas il-kombustjoni tal-faħam għall-produzzjoni tas-sħana (u l-ġenerazzjoni tal-elettriku relatata) sal-2030, f'konformità mal-valutazzjoni adottata tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja taħt ir-riforma 1 ta' dan il-komponent, b'mod partikolari billi tagħmel it-tisħin distrettwali effiċjenti ħafna u tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sustanzi niġġiesa permezz tas-sostituzzjoni ta' networks ta' distribuzzjoni bbażati fuq il-fwar b'networks ta' distribuzzjoni tal-miżun.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, ir-rinnovazzjoni tal-faċilità tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija għandha tibda fi żmien tliet snin mill-modernizzazzjoni tan-network, sabiex tikkonforma mad-definizzjoni ta' "tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti" fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE ("sistema ta' tisħin jew tkessiġ distrettwali li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli, 50 % ta' sħana mormija, 75 % ta' sħana koġenerata jew 50 % ta' kombinazzjoni ta' tali enerġija u sħana"). Għandu jiġi żgurat li dawn il-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tas-sħana jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u ma jużawx fjuwils fossili solidi bħala sors tas-sħana, ħlief dawk konformi mal-kriterji għall-ġenerazzjoni tas-sħana bbażata fuq il-gass naturali speċifikati fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti".

F'każ li l-bijomassa tintuża bħala sors tal-fjuwil, l-investiment għandu jkun konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet serra kif stabbilit fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ("id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli", "RED II"). Għandhom jintużaw biss l-iskart tal-bijomassa u r-residwi li jistgħu jiġu estratti b'mod sostenibbli u l-investiment għandu jkun akkumpanjat minn miżuri li jnaqqsu l-emissjonijiet.

Il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali għandha tiġi żgurata sabiex l-emissjonijiet ikunu fi ħdan jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-limiti tal-Konklużjonijiet tal-Aqwa Teknika Disponibbli (skont id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali).

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Sat-30 ta' Ġunju 2024, qabel ma jitlesta l-investiment fin-network, iċ-Ċekja għandha tippovdi pjan konkret għall-investiment fil-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija, inklużi l-obbligi kuntrattwali meħuda mill-gvern Ċek biex jikkummissjona l-ħidma rilevanti.

- Il-kisba ta' ffrankar tal-enerġija primarja ta' 245 327 GJ li jirriżulta mill-modernizzazzjoni tan-netwerks tad-distribuzzjoni tas-sħana sal-31 ta' Marzu 2026.

J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
110	Riforma tal-1: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjon i tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali	Stadju importanti	Valutazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja	Pubblikazzjoni tal-valutazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	<p>Il-valutazzjoni tal-perkors lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja konformi mar-rekwiżiti legali tal-UE inklużi r-rekwiżiti li jinsabu fil-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) għandha titwettag u tiġi ppubblikata mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ.</p> <p>Din il-valutazzjoni għandha tiggwida l-investimenti ffinanzjati taħt dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll l-investiment fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali ffinanzjati minn fondi oħra tal-UE jew minn sorsi nazzjonali f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali inkluż dwar li ma ssirx ħsara sinifikanti.</p>
111	Riforma tat-2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjon i tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali	Stadju importanti	Valutazzjoni tat-trajettorji tal-provvista sostenibbli tal-bijomassa fiċ-Ċekja	Pubblikazzjoni tal-valutazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	<p>Il-valutazzjoni tat-trajettorji tal-użu sostenibbli tal-bijoenerġija u tal-provvista tal-bijomassa fiċ-Ċekja u l-impatti tagħha fuq il-bjar tal-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija u l-bijodiversità kif ukoll l-impatt fuq il-kwalità tal-arja għall-perjodu 2020–2030, f'konformità mar-rekwiżiti legali tal-UE inklużi r-rekwiżiti inklużi fil-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), għandha titwettag u tiġi ppubblikata mill-Ministeru għall-Ambjent f'kooperazzjoni mal-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ u l-Ministeru tal-Agricoltura.</p> <p>Din il-valutazzjoni għandha tiggwida l-investimenti fil-bijoenerġija ffinanzjati taħt il-komponenti 2.2, 2.3 u 2.5 tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll l-investiment fil-bijoenerġija fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-forestrija jew l-agrikoltura ffinanzjati minn fondi oħra tal-UE jew minn sorsi nazzjonali f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali inkluż dwar jekk jagħmlux ħsara sinifikanti.</p>
112	Investiment 1: Żvilupp ta' sorsi	Tal-UE	Żieda fil-kapaċità installata		MWp	0	270	IT-TIENI TRIMES TRU	2026	Kapaċità ġdida ta' sorsi ta' enerġija fotovoltajka ta' 270 MWp għandha tiġi installata u tidda titħaddem.

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ġodda ta' enerġija fotovoltajka		tas-sorsital-FVE					TAL-1		
113	Investiment 2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni i tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali	Stadju importanti	Pjan għall-investiment f'faċilitajiet ta' ġenerazzjoni tas-sħana/enerġija	Il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	<p>F'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), iċ-Ċekja għandha tipprovdi, qabel ma jitlesti l-investiment fin-network, pjan konkret għall-investiment f'faċilitajiet ta' ġenerazzjoni tas-sħana/enerġija konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), b'mod partikolari l-kriterji għas-sħana u l-enerġija bbażati fuq il-gass naturali stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida, f'każ li l-gass naturali għandu jintuża, inkluż permezz ta' obbligi kuntrattwali meħuda mill-gvern Ċek biex jikkummissjona x-xogħol rilevanti.</p> <p>Ir-rinnovazzjoni tal-faċilità tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija għandha tibda fi żmien tliet snin mill-modernizzazzjoni tan-network, sabiex tikkonforma mad-definizzjoni ta' "tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE ("sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli, 50 % ta' sħana mormija, 75 % ta' sħana koġenerata jew 50 % ta' kombinazzjoni ta' tali enerġija u sħana").</p>
114	Investiment 2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni i tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali	Tal-UE	Iffrankar tal-enerġija primarja li jirriżulta mill-modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana		Iffrankar tal-enerġija primarja fl-gigajoules	0	245 327	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Għandu jinkiseb iffrankar tal-enerġija primarja ta' 245 327 GJ.

K. IL-KOMPONENT 2.4: MOBILTÀ NADIFA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jappoġġa l-oġġettivi tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Aġġornat għal Mobiltà Nadifa tar-Repubblika Ċeka abbażi tad-Direttiva 2014/94/UE. Wieħed mill-għanijiet strateġiċi ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jinkiseb it-tħaddim ta' bejn 220 000 u 500 000 vettura elettrika fiċ-Ċekja sal-2030. Dan l-oġġettiv għandu jinkluda billi tiġi stimulata d-domanda permezz ta' sussidji, jiġu ffavoriti l-vetturi elettriċi fit-triq, tiġi appoġġata l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi tal-iċċarġjar u tingħata informazzjoni lill-pubbliku. Minbarra l-programm ta' sussidju għan-negozji, tħabbret l-istess inizjattiva għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u entitajiet pubbliċi oħra.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 3, 2019, li skonthom iċ-Ċekja għandha tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġiji diġitali ta' kapaċità għolja, produzzjoni u użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, u infrastruttura tat-trasport sostenibbli, inkluż fir-reġjuni tal-faħam, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, 2020, li skontha iċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà, l-infrastruttura diġitali, u t-tranżizzjoni tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluża l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Il-bini ta' infrastruttura għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga

Flimkien ma' Investiment 6 taħt dan il-komponent, l-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li tiġġedded u tiġi dekarbonizzata l-flotta tat-trasport pubbliku fi Praga. L-appoġġ għall-flotot tax-xarabanks elettriċi u tat-trolleybus b'emissjonijiet zero huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni kemm tas-settur tat-trasport kif ukoll tas-settur tal-enerġija. Barra minn hekk, huwa mistenni li jtejjeb il-kwalità tal-arja u l-livelli tal-istorbju fl-ambjent urban. Dan l-investment għandu jkollu l-għan li jżid l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-karozzi tal-linja elettriċi u t-trolleybuses tal-batteriji fi Praga b' 52 unità u li jżid is-sezzjoni tat-toroq tal-iċċarġjar dinamiku (l-eletrifikazzjoni tat-triq) għat-trolleybuses tal-batteriji b' 40 km.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2: Infrastruttura tal-bini — Punti tal-iċċarġjar għall-kumpaniji privati

Flimkien mal-Investment 4 taħt dan il-komponent, dan l-investment għandu jkollu l-għan li jstimula d-domanda għall-karozzi elettriċi u li jappoġġa l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-idroġenu fit-trasport. Dan għandu jikkonsisti fiż-żieda tal-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-kumpaniji privati b' 1500 unità.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3: Infrastruttura tal-bini — Punti tal-iċċarġjar għal bini residenzjali

Bl-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' vetturi elettriċi, dan l-investiment għandu jikkonsisti fiż-żieda tal-għadd ta' punti tal-iċċarġjar f' bini residenzjali, kemm fi spazji privati ta' garaxx kif ukoll fi spazji ta' parkeġġ riżervati għar-residenti tal-bini, b' 2880 unità.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru tat-2,025.

Investiment 4: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi — vetturi (elettriċi, H2, roti elettriċi tal-merkanzija) għall-kumpaniji privati

Bl-għan li tiġi stimulata d-domanda għal vetturi b'emissjonijiet żero, dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jżid l-għadd ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi (elettriċi, H2) għan-negozju b' 2670 unità (2170 karozza u vannijiet elettriċi u li jaħdmu bil-batterija u li jaħdmu bl-idroġenu, 500 roti elettriċi tal-merkanzija).

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 5: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (elettriċi, H2) u infrastruttura għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni, l-amministrazzjoni tal-istat u entitajiet pubbliċi oħra u organizzazzjonijiet oħra.

Dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jżid l-għadd ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi (elettriċi, H2) għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni, l-amministrazzjoni tal-istat b' 1485 unità u li jżid l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u l-amministrazzjoni tal-istat b' 200 unità.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 6: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (batterija trolleybuses u trammijiet b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga

Dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jappoġġa x-xiri ta' 20 trolleybuses li jaħdmu bil-batterija u 20 tramm b'qiegħ baxx għall-belt ta' Praga.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numr u ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
115	Investiment 1: Il-bini ta' infrastruttura għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga	Tal-UE	Għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-belt ta' Praga		Għadd	0	52	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Mill-inqas 52 punti tal-iċċarġjar ġodda għandhom ikunu operattivi għall-belt ta' Praga.
116	Investiment 1: Il-bini ta' infrastruttura għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga	Tal-UE	L-għadd ta' kilometri ta' toroq bi ħlas dinamiku għall-belt ta' Praga		Km ta'	0	40	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Mill-inqas 40 km ta' triq b'iċċarġjar dinamiku għat-trolley bus bil-batterija għall-belt ta' Praga għandha tkun lesta biex topera.
117	Investiment 2: Infrastruttura tal-bini — Punti tal-iċċarġjar għall-kumpaniji privati	Tal-UE	Għadd ta' punti tal-irriċarġjar varati għal kumpaniji privati		Numru ta'	0	1500	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Mill-inqas 1500 punti tal-irriċarġjar ġodda għandhom ikunu operazzjonali.
118	Investiment 3: Infrastruttura tal-bini — Punti tal-iċċarġjar għal bini residenzjali	Tal-UE	Għadd ta' punti tal-irriċarġjar varati għal bini residenzjali		Numru ta'	0	2 880	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Mill-inqas 2880 punti tal-irriċarġjar ġodda għandhom ikunu operazzjonali.
119	Investiment 4: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi — vetturi (elettriċi, H2, roti) għal kumpaniji privati	Tal-UE	Għadd ta' vetturi (elettriċi, H2, roti) għall-kumpaniji privati		Numru ta'	0	2670	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Għandhom jinxtrow mill-inqas 2670 vettura ġdida b'emissjonijiet zero (2170 karozza u vannijiet b'emissjonijiet zero, 500 roti elettriċi tal-merkanzija) għan-negozju.
120	Investiment 5: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (elettriċi, H2) u infrastruttura għall-muniċipalitajiet, ir-regġuni, l-amministrazzjoni tal-istat	Tal-UE	Għadd ta' vetturi (elettriċi, H2) għall-muniċipalitajiet, ir-regġuni, l-amministrazzjoni tal-istat		Numru ta'	0	1 485	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Għandhom jinxtrow mill-inqas 1 485 vettura ġdida b'emissjonijiet zero (elettriċi, H2) għall-muniċipalitajiet, ir-regġuni u l-amministrazzjoni tal-istat.

Numr u ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
121	Investiment 5: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (elettriċi, H2) u infrastruttura għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni, l-amministrazzjoni tal-istat u entitajiet pubbliċi oħra	Tal-UE	Għadd ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni, l-amministrazzjoni tal-istat u entitajiet pubbliċi oħra		Numru ta'	0	200	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Mill-inqas 200 stazzjon tal-iċċarġjar ġdid għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni, l-amministrazzjoni tal-istat u entitajiet u organizzazzjonijiet pubbliċi oħra għandhom ikunu operattivi.
122	Investiment 6: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (batterija trolleybuses u trammijiet b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga	Tal-UE	Għadd ta' vetturi (trolleybuses tal-batteriji u trammijiet b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga		Numru ta'	0	40	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Għandhom ikunu operattivi mill-inqas 40 vettura ġdida b'emissjonijiet zero (20 trolleybuses bil-batterija u 20 tramm b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga.

L. IL-KOMPONENT 2.5: RINNOVAZZJONI TAL-BINI U PROTEZZJONI TAL-AJRU

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma f' bini residenzjali, it-titjib tal-kwalità tal-għajxien f' dan il-bini, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u sustanzi niġġiesa oħra billi jiġu sostitwiti l-bojlers li jaħdmu bil-fjuwil solidu, l-adattament tal-bini residenzjali għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-bini ta' bini ġdid, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar l-iffrankar tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-adattament għat-tibdil fil-klima fis-settur residenzjali. Il-komponent għandu jiġi implimentat taħt il-programm ta' appoġġ Ġdid għall-2030 dwar it-Tfaddil Ekoloġiku (NGS).

Ir-riformi u l-investimenti inklużi f' dan il-komponent jappoġġaw li jindirizza r-rakkomandazzjoni 3 2019 speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq it-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali, ur-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2020, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b' mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f' dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B' mod partikolari, l-investimenti għandhom ikunu konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet serra (GHG) kif stabbilit fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (“id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli”, “RED II”). Dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għall-installazzjonijiet kollha irrispettivament mil-limiti inklużi fl-RED II. L-investimenti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit tar-Regolament RRF ta' mill-inqas 80 % tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu tal-bijomassa fir-rigward tal-metodoloġija tal-iffrankar tal-gassijiet serra u l-komparatur tal-fjuwils fossili stabbilit fl-Anness VI tar-RED II. F' ambjenti residenzjali, l-investimenti fil-bojlers tal-bijomassa ma għandhomx jipperikolaw il-kisba tad-Direttiva 2008/50/UE. L-investimenti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn (jiġifieri r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u jiġu kklassifikati f' waħda mill-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika rrappreżentati b' mod sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati għall-fjuwils kollha u għall-metodi kollha ta' tagħbija. L-investimenti għandhom ikunu ggwidati u jkunu konsistenti mal-valutazzjoni tat-trajettorji tal-użu sostenibbli tal-bijoenerġija u tal-provvista tal-bijomassa fiċ-Ċekja u l-impatti tagħha fuq il-bjar tal-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija u l-bijodiversità kif ukoll l-impatt fuq il-kwalità tal-arja għall-perjodu 2020–2030, li hija parti mir-riforma 2 taħt il-komponent 2.3.

Ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-settur residenzjali u l-iskambju ta' bojlers tal-fjuwil solidu għandhom iżidu l-effiċjenza tat-tiġin domestiku u huma miżura ewlenija biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta' tnaqqis skont id-Direttiva UE 2016/2284 u biex jinkisbu standards tal-kwalità tal-arja skont programmi ta' titjib tal-kwalità tal-arja. It-tnaqqis tal-emissjonijiet għandu jkollu wkoll impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-ilma, speċjalment it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-benzo (a) piren.

L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Mewġa ta' rinnovazzjoni fis-settur tal-unitajiet domestiċi

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali, inkluż l-ottimizzazzjoni ta' tali appoġġ u l-introduzzjoni ta' livell kwalitattivament għdid ta' tħejjija tal-proġetti. Il-miżura għandha tqajjem ukoll kuxjenza dwar il-possibiltajiet li jitnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija u gradwalment tinbidel l-imġiba tal-konsumaturi tal-enerġija.

Ir-riforma għandha tinkiseb permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-programm Ġdid ta' Tfaddil Ekoloġiku 2030 għandu jiġi aġġornat billi jiġi ottimizzat l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' appoġġ, billi jiżdiedu r-rekwiżiti għal rinnovazzjonijiet fuq skala medja (iffrankar ta' 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja), billi tiżdied l-enfasi fuq rinnovazzjonijiet kumplessi tal-enerġija, billi jissaħħaħ l-appoġġ għall-kostruzzjoni ta' djar ġodda bi standards ogħla ta' effiċjenza enerġetika, u billi tiġi appoġġata ġestjoni effiċjenti tal-ilma.
- Għandha tiġi introdotta tħejjija ta' qabel il-proġett f'żewġ stadji għall-unitajiet domestiċi: valutazzjoni bażika tal-għażliet ta' rinnovazzjoni, l-alternattivi, l-intensità tal-investment, l-iffrankar tal-kostijiet tal-enerġija, il-livell possibbli ta' sussidju mit-Tfaddil Ekoloġiku Ġdid (l-ewwel stadju) u ħarsa ġenerali lejn il-miżuri possibbli għar-rinnovazzjoni tad-djar u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fihom, inkluża valutazzjoni tal-effiċjenza ekonomika u l-fattibbiltà ta' dawn il-miżuri (it-tieni stadju). L-appoġġ f'żewġ stadji ta' qabel il-proġett għandu jtejjeb b'mod sinifikanti l-appoġġ għall-investment, speċjalment għall-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx.
- Iċ-ċentri ta' konsultazzjoni dwar l-enerġija tan-Netwerk Nazzjonali tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali għandhom jiġu integrati fin-netwerk tal-aġenziji tal-enerġija lokali.
- L-appoġġ għat-taħriġ u t-taħriġ mill-għdid tal-ħaddiema li jużaw kostruzzjoni ekoloġika, teknoloġiji jew materjali ekoloġiċi taħt il-programm tal-Istat għall-appoġġ tal-iffrankar tal-enerġija (EFEKT) għandu jissaħħaħ u jiġi estiż biex irawwem it-tħejjija tal-kwalità u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jiffrankaw l-enerġija.
- Is-sistema eżistenti ta' edukazzjoni ambjentali u sensibilizzazzjoni fl-ekoċentri mmirati lejn it-tfal u ż-żgħażaġh għandha tiġi estiża għall-pubbliku ġenerali kollu u għandu jkollha fokus għid sinifikanti fuq l-iffrankar tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma tat-2: Appoġġ għall-komunitajiet tal-enerġija

Din il-miżura għandha l-għan li tistabbilixxi "komunitajiet tal-enerġija" li jinvolvu s-settur residenzjali u intraprenditorjali b'mod attiv fl-użu tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ iffukati fuq l-iżvilupp tal-enerġija bbażata fil-komunità.

Ir-riforma għandha tinkiseb permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-programm Ġdid ta' Tfaddil Ekoloġiku 2030 għandu jappoġġa l-installazzjoni ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli b'mod li jelimina l-ostakli għall-integrazzjoni futura tagħhom fil-komunità usa' tal-enerġija. Il-programm Ġdid ta' Tfaddil Ekoloġiku 2030 għandu jappoġġa wkoll siti komuni iżgħar għall-ħżin tal-enerġija f'diversi djar jew il-ħolqien ta' komunitajiet tal-

enerġija f'binii individwali b'aktar minn familja waħda u miżuri oħra ta' investiment marbuta mal-komunitajiet tal-enerġija.

- L-istabbiliment ta' komunitajiet tal-enerġija kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni ffukati fuq l-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija għandhom jiġu appoġġati minn miżuri mhux ta' investiment.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 1: Rinnovazzjoni u rivitalizzazzjoni tal-bini għall-iffrankar tal-enerġija

Din il-miżura għandha l-għan li tiffranka l-enerġija fil-bini residenzjali, tibni bini residenzjali ġdid li jaqbeż l-istandards obligatorji tal-enerġija, tissostitwixxi sorsi ta' kombustjoni mhux konformi fid-djar li jużaw fjuwils solidi b'bojlers li jikkondensaw il-gass tal-klassi tal-enerġija A, tuża sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħala parti mir-rinnovazzjoni komprensiva tal-enerġija tal-bini, u tadatta għat-tibdil fil-klima, inkluża l-ġestjoni tal-ilma. Għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet tal-enerġija intelliġenti fil-livell ta' unitajiet domestiċi individwali, djar jew gruppi żgħar ta' djar bħal arloġġi intelliġenti, siti komuni għall-ħżin tal-enerġija u aggregazzjoni tad-domanda.

Il-kost tal-installazzjoni ta' bojlers b'kondensazzjoni tal-gass għandu jirrappreżenta massimu ta' 20 % tal-kost ġenerali tal-programm ta' rinnovazzjoni u jiġi installat sabiex jissostitwixxi bojlers ibbażati fuq fjuwil solidu. L-iskema tal-effiċjenza enerġetika għandha tinċentiva lill-benefiċjarji biex jinstallaw bojlers ġodda li jaħdmu bil-gass u biex jadottaw miżuri oħra tal-effiċjenza enerġetika wkoll.

Il-programm ta' rinnovazzjoni għandu jwassal, bħala medja, għal tnaqqis ta' 30 % fid-Domanda għall-Enerġija Primarja tal-bini rinnovat.

Massimu ta' 10 % tal-allokkazzjoni totali ta' din il-miżura għandu jappoġġa l-kostruzzjoni ta' bini ġdid. Il-bini l-ġdid appoġġat għandu jkollu Domanda għall-Enerġija Primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' Bini b'Enerġija Qrib Żero.

Mill-inqas 70 % tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ, jew għall-irkupru ta' materjal ieħor. L-indikaturi tal-Livell (i) tal-UE għandhom jintużaw għall-valutazzjoni u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-bini, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bini.

Il-konsumaturi vulnerabbli tal-enerġija għandhom jiġu appoġġati wkoll.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz tal-proġetti li ġejjin:

- Proġetti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b' 1 200 TJ/sena kkuntrattati mill-1 ta' Frar 2020.
- Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b' 1 900 TJ/sena u tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ b' 100 kt/sena sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fl-unitajiet domestiċi b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Din il-miżura għandha l-għan li tissostitwixxi sorsi ta' kombustjoni mhux konformi fid-djar li jużaw fjuwils solidi b'sorsi tat-tiħin b'emissjonijiet baxxi (pompi tas-sħana, bojlers tal-bijomassa), u li jinstallaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli adatti għas-settur tad-djar, b'mod partikolari s-sistemi fotovoltajċi u fototermali.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz tal-proġetti li ġejjin:

- Proġetti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b' 720 TJ/sena u tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b' 100 kt/sena
- Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b' 1 500 TJ/sena u tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b' 170 kt CO2/year sat-30 ta' Settembru 2023.
- Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b' 4 500 TJ/sena u tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b' 500 kt CO2/year sal-31 ta' Diċembru 2025.
- Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b' 415 TJ/sena u tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b' 66 kt/sena milħuq permezz tal-appoġġ ta' gruppi soċjalment żvantaġġati tal-popolazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3: Appoġġ għat-tnejja ta' qabel il-proġett u s-sensibilizzazzjoni, l-educazzjoni, it-taħriġ u l-informazzjoni fil-qasam tal-iffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u sustanzi oħra li jniġġsu l-arja

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa t-tnejja ta' qabel il-proġett ta' rinnovazzjonijiet li jiffrankaw l-enerġija, skambji tas-sħana għal enerġija aktar effiċjenti fl-enerġija u b'mod partikolari, l-awtomatizzazzjoni fil-ġestjoni tal-konsum tal-enerġija fis-settur tad-djar, inkluż l-educazzjoni u t-taħriġ f'dawn l-oqsma. Għandhom jitlestew 40 proġett ta' tnejja ta' proġetti tal-enerġija tal-Komunità, 3 600 studji ta' tnejja ta' proġetti għal djar tal-familja, 1 200 studji ta' tnejja ta' proġetti għal bini ta' appartamenti u 50 proġetti ta' Ċentri ta' Konsultazzjoni u Informazzjoni dwar l-Enerġija.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
123	Riforma tal-1: Mewġa ta' rinnovazzjoni fis-settur tal-unitajiet domestiċi	Stadju importanti	Servizzi ta' konsultazzjoni u taħriġ għall-mewġa ta' rinnovazzjoni fis-settur tal-unitajiet domestiċi u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja	Il-bidu tal-operat ta' servizzi ta' konsultazzjoni u taħriġ u s-sottomissjon i lill-Kummissjoni ta' skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	<p>Għandha tiġi introdotta thejjiġa ta' qabel il-proġett f'żewġ stadji għall-unitajiet domestiċi.</p> <p>Iċ-ċentri ta' konsultazzjoni dwar l-enerġija tan-Netwerk Nazzjonali tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali għandhom jiġu integrati fin-netwerk tal-aġenziji lokali tal-enerġija, sistema konsultattiva dwar l-enerġija magħmula miċ-Ċentri ta' Konsultazzjoni u Informazzjoni dwar l-Enerġija u Gruppi ta' Azzjoni Lokali individwali.</p> <p>Il-punt fokali tal-programm tal-Istat għall-appoġġ tal-iffrankar tal-enerġija (EFEKT) għandu jiġi estiż biex ikopri d-domanda għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li jużaw kostruzzjoni ekoloġika, teknoloġiji jew materjali ekoloġiċi, u t-titjib tal-kwalità tat-thejjiġa u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jiffrankaw l-enerġija.</p> <p>Is-sistema eżistenti ta' edukazzjoni ambjentali u sensibilizzazzjoni mmirata lejn it-tfal u ż-żgħażagħ għandha tiġi estiża għall-pubbliku ġenerali kollu u għandu jkollha fokus ġdid fuq l-iffrankar tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima.</p> <p>Għandha tiġi elaborata skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-pjanijiet approvati dwar il-kwalità tal-arja ffukat fuq l-agglomerazzjonijiet bl-ogħla livelli ta' qabżiet u l-implimentazzjoni tagħhom għandha tibda sat-30 ta' Ġunju 2022.</p>
124	Riforma tat-2: Appoġġ għat-thejjiġa ta' qabel il-proġett u appoġġ għal proġetti tal-enerġija	Tal-UE	Servizzi ta' konsulenza dwar il-komunitajiet tal-enerġija		Għadd ta' komunitajiet tal-enerġija appoġġati	0	40	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	<p>F'kull reġjun taċ-Ċekja għandhom jiġu introdotti servizzi konsultattivi dwar l-installazzjoni ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli b'mod li jiġu eliminati l-ostakli għall-integrazzjoni futura tagħhom fil-komunità usa' tal-enerġija, siti komuni iżgħar għall-ħżin tal-enerġija f'diversi djar, il-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija f'bini individwali b'aktar minn familja waħda u miżuri oħra ta' investiment marbuta mal-komunitajiet tal-enerġija f'kull reġjun taċ-Ċekja mill-uffiċċju reġjonali</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	komunitarja									tal-Fond Statali għall-Ambjent. L-istabbiliment ta' 40 komunità tal-enerġija kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni ffukati fuq l-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija għandhom jiġu appoġġati minn servizzi konsultattivi tal-Fond tal-Istat għall-Ambjent.
125	Investiment 1: Rinnovazzjoni u rivitalizzazzjoni tal-bini għall-iffrankar tal-enerġija	Tal-UE	Proġetti kkuntrattati għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija		Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena	0	1 200	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Il-proġetti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b' 1 200 TJ/sena għandhom jiġu kkuntrattati mill-Fond tal-Istat għall-Ambjent minn Frar 2020. Huma biss il-proġetti li, bħala medja, jiksibu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % li għandhom jintgħażlu għall-implimentazzjoni. L-investimenti fis-sostituti tal-bojlers b'kondensazzjoni tal-gass għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokazzjoni globali tal-miżura 2.5.1.
126	Investiment 1: Rinnovazzjoni u rivitalizzazzjoni tal-bini għall-iffrankar tal-enerġija	Tal-UE	It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2		Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena	1 200	1 900	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 għandhom jitnaqqsu b' 1 900 TJ/sena u b' 100 kt/sena, rispettivament sal-31 ta' Diċembru 2025, li għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Huma biss il-proġetti li, bħala medja, jiksibu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % li għandhom jintgħażlu għall-implimentazzjoni. L-investimenti fis-sostituti tal-bojlers b'kondensazzjoni tal-gass għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokazzjoni globali tal-miżura 2.5.1.
127	Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fl-unitajiet domestiċi b'sorsi ta' enerġija	Tal-UE	Proġetti kkuntrattati għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet		Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena	0	720	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	Il-proġetti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet tas-CO2 b' 720 TJ/sena u b' 100 kt/sena, rispettivament, għandhom jiġu kkuntrattati mill-Fond tal-Istat għall-Ambjent sat-30 ta' Settembru 2021. Fir-rigward tal-bijomassa, għandu jinkiseb iffrankar ta' mill-inqas 80 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) mill-użu tal-bijomassa fir-rigward tal-metodoloġija tal-iffrankar tal-gassijiet serra u l-komparatur relattiv tal-fjuwils fossili stabbilit fl-Anness VI tad-

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	rinnovabbli		tas-CO2							Direttiva (UE) 2018/2001.
128	Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fl-unitajiet domestiċi b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Tal-UE	Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u fl-emissjonijiet tas-CO2 (35 % implimentat)	Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena	720	1 500	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 għandhom jitnaqqsu b' 1 500 TJ/sena u 170 kt/sena, rispettivament, sat-30 ta' Settembru 2023, li għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Fir-rigward tal-bijomassa, għandu jinkiseb iffrankar ta' mill-inqas 80 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) mill-użu tal-bijomassa fir-rigward tal-metodoloġija tal-iffrankar tal-gassijiet serra u l-komparatur relattiv tal-fjuwils fossili stabbilit fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001.	
129	Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fl-unitajiet domestiċi b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Tal-UE	It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2	Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena	1 500	4 500	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 għandhom jitnaqqsu b' 14 500 TJ/sena u b' 500 kt/sena, rispettivament, sal-31 ta' Diċembru 2025, li għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 għandhom jitnaqqsu b' 430 TJ/sena u b' 69 kt/sena, rispettivament, permezz tal-appoġġ ta' gruppi soċjalment żvantaġġati tal-popolazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2025. It-tnaqqis għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Fir-rigward tal-bijomassa, għandu jinkiseb iffrankar ta' mill-inqas 80 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) mill-użu tal-bijomassa fir-rigward tal-metodoloġija tal-iffrankar tal-gassijiet serra u l-komparatur relattiv tal-fjuwils fossili stabbilit fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001.	
130	Investiment 3: Appoġġ għat-thejġija ta' qabel il-	Tal-UE	Proġetti ta' thejġija qabel il-proġett, studji, taħriġ u	Numru ta' proġetti	0	4 890	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Għandhom jitlestew 4 890 proġett, inklużi 40 proġetti ta' thejġija ta' proġetti tal-enerġija komunitarja, 3 600 studji ta' thejġija ta' proġetti għal djar tal-familja, 1 200 studji ta' thejġija ta' proġetti għal bini ta' appartamenti u 50 proġetti ta' Ċentri ta' Konsultazzjoni u	

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	proġett u s-sensibilizzazzjoni, l-educazzjoni, it-taħriġ u l-informazzjoni fil-qasam tal-iffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u sustanzi oħra li jniġġsu l-arja		proġetti tal-enerġija komunitarja							Informazzjoni dwar l-Enerġija.

M. KOMPONENT 2.6: PROTEZZJONI TAN-NATURA U ADATTAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati, f'konformità mal- "Istrateġija dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fir-Repubblika Ċeka", l-isfidi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima fl-oqsma ta' prijorità li ġejjin: il-ġestjoni tal-foresti, l-agrikoltura, ir-reġim tal-ilma fil-pajsaġġ, il-Ġestjoni tal-ilma u l-bijodiversità.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Protezzjoni mill-għargħar

Din il-miżura għandha l-għan li ttiproteġi ż-żoni popolati kontra l-effetti negattivi tal-għargħar, li ttejjeb iż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ, u li tiffaċilita t-trattament naturali tal-istrutturi tal-ilma eżistenti f'żoni mibnija. L-investiment għandu jappoġġa proġetti ta' protezzjoni kontra l-għargħar (eż. l-identifikazzjoni tal-potenzjal taż-żamma tal-ilma; l-istabbiliment, it-trattament u r-rikostruzzjoni ta' polders u l-assorbiment tal-istrixxi tal-ħaxix; il-kostruzzjoni u r-rikostruzzjoni ta' ġibjuni tal-ilma naturali; jew miżuri oħra biex jinkiseb tnaqqis fl-iskol tas-superfiċje u tnaqqis fil-veloċità tal-mewġ tal-għargħar).

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 2: Korsiji tal-ilma żgħar u ġibjuni żgħar tal-ilma

Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjoni morfoloġika tal-mogħdijiet tal-ilma żgħar eżistenti u tal-ġibjuni żgħar tal-ilma, fir-rivitalizzazzjoni ta' mogħdijiet żgħar tal-ilma, u fil-kostruzzjoni ta' għadajjar żgħar ġodda qrib in-natura. Dan jikkontribwixxi għaż-żamma tal-ilma, u jżid l-iżvilupp tal-veġetazzjoni kostali u ż-żamma tal-ilma fil-mogħdijiet tal-ilma. Dan iwassal ukoll għal żieda fis-sikurezza f'każ ta' flussi fil-bliet u l-muniċipalitajiet.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 3: Konsolidazzjoni tal-art

Il-miżura għandha l-għan li żżid l-istabbiltà ekoloġika tal-pajsaġġ u r-reżiljenza tiegħu għat-tibdil fil-klima, li tippromwovi l-bijodiversità u l-funzjonijiet mhux produttivi tal-pajsaġġ u li ttiproteġi l-artijiet agrikoli u r-riżorsi tal-ilma. Il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-potenzjal taż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ u għandhom jiffukaw primarjament fuq il-protezzjoni tal-kwalità u l-kwantità tal-ħamrija u tal-ilma, id-diviżjoni ta' rqajja' kbar ta' art agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ, l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-erożjoni bbażati fuq in-natura (balki, dijagonali, trinek, strixxi tal-ħaxix) fil-pajsaġġ biex jiġu eliminati l-effetti negattivi tal-iskular tal-wiċċ. Il-miżuri għaż-żamma tal-ilma għandhom jiffukaw prinċipalment fuq proġetti bħar-restawr tal-artijiet mistaġħdra, ir-rivitalizzazzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma u l-ħolqien ta' għadajjar. Dan l-investiment għandu jinkludi wkoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' infrastruttura ekoloġika li jappoġġaw il-bijodiversità bħal bjoċentri u bijoruriturii.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima

Din il-miżura għandha l-għan li tirrestawra foresta stabbli billi tħawwel speċijiet indiġeni u eteroġeni, filwaqt li timmira li l-kompożizzjoni multiġenerazzjonali u spazjali tal-foresta tkun reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u konsistenti mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima. Dan l-investment għandu jiġi kkomplementat minn emenda għad-digriet ministerjali dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti, li għandu speċifikament iwitti t-triq għal foresti multiġenerazzjonali, multispeċijiet u reżiljenti.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

Investiment 5: Żamma tal-ilma fil-foresta

Din il-miżura għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-foresti permezz tal-implimentazzjoni ta' proġetti li jtejbu l-ħamrija, l-ilma u l-kundizzjonijiet mikroklmatiċi bħat-trattament tal-mogħdijiet tal-ilma tal-foresti, ġibjuni zġħar tal-ilma fil-foresti, u miżuri naturali għaż-żamma tal-ilma mmirati biex inaqqsu r-ritmu tal-iskular, u permezz tal-monitoraġġ tal-erożjoni aċċellerata u l-protezzjoni tal-baċiri tat-twaqqiġ tal-ilma.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

M.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
131	Investiment 1: Protezzjoni mill-għargħar	Stadju importanti	Notifika tal-għoti ta' kuntratti għall-protezzjoni mill-għargħar	Notifika ta' proġetti aġġudikati u offerenti kkuntrattati minn [isem l-awtorità ta' ġestjoni]				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	Notifika ta' proġetti ta' protezzjoni kontra l-għargħar mogħtija (għadd totali ta' proġetti: 40). Għal kull proġett, konformità sħiħa mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għandha tiġi żgurata u murija qabel il-bidu ta' kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni.
132	Investiment 1: Protezzjoni kontra l-għargħar	Tal-UE	T1: It-tlestija ta' 15 proġett li għandhom l-għan li jistabbilixxu protezzjoni reżiljenti kontra l-għargħar.		Numru ta' proġetti	0	15	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	L-ewwel rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti għal 15 proġett elenkat. F'konformità mal-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw preferenza, filwaqt li l-kostruzzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura artifiċjali għall-protezzjoni mill-għargħar ibbażata fuq il-konkrit għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun. Il-proġetti elenkati għandhom jiġu implimentati biss ladarba jingħataw permessi mill-awtorità tal-ilma rilevanti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali, fejn dan ikun meħtieġ skont id-Direttiva 2011/92/UE, u valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawn il-permessi għandhom jivvalutaw l-impatti potenzjali kollha fuq l-istatus tal-korpi tal-ilma fl-istess baċir tax-xmara u fuq il-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kuritur tal-migrazzjoni, ix-xmajjar ġierja jew l-ekosistemi qrib kundizzjonijiet mhux disturbati, kif ukoll il-perssonijiet attwali relatati mal-astrazzjoni tal-ilma. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tistabbilixxi li l-proġett (i) ma jkollux impatt sinifikanti jew irriversibbli fuq il-korpi tal-ilma affettwati, u lanqas ma jipprevjeni lill-korpi tal-ilma speċifiku li huwa relatat miegħu u lanqas lil korpi tal-ilma oħra fl-istess

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>baċir tax-xmara milli jikseb status jew potenzjal tajjeb, u (ii) ma jkollux impatt negattiv sinifikanti fuq il-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma. Il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' status jew potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma kkonċernati skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma.</p> <p>Bl-istess mod, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali li tlestiet skont id-Direttiva 2011/92/UE, għandhom jiġu rispettati (b'mod partikolari l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati) kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Habitats, kif inklużi fil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura.</p> <p>Rigward il-proġetti mmirati lejn ir-rikostruzzjoni jew il-modernizzazzjoni tad-digi: id-disinn tal-proġett għandu jinkorpora r-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluż l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-VIA u l-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tad-DNSH għandha tiġi integrata fil-proġett u jkun hemm konformità stretta magħha fl-istadji tal-kostruzzjoni, tal-operat u tad-dekummissjonar tal-infrastruttura. Ir-rapport tat-tlestija għandu jikkonferma r-rispett sħiħ tal-eżitu tal-VIA inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, filwaqt li jiżgura l-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). Għandha ssir analiżi tar-riskju tal-proġett. Din l-analiżi tar-riskju għandha tindirizza wkoll il-kundizzjonijiet klimatiċi futuri. Kwalunkwe rikostuzzjoni jew modernizzazzjoni ma għandhiex twassal għal żieda fil-</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										kapaċità tad-diġa
133	Investiment 1: Protezzjoni kontra l-għargħar	Tal-UE	T2: It-tlestija ta' 23-il proġett addizzjonali li għandhom l-għan li jistabbilixxu protezzjoni reżiljenti kontra l-għargħar.	Numru ta' proġetti	15	38	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	<p>It-tieni rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti għal 23 proġett elenkat addizzjonali. F'konformità mal-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw preferenza, filwaqt li l-kostruzzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura artifiċjali għall-protezzjoni mill-għargħar ibbażata fuq il-konkrit għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun.</p> <p>Il-proġetti elenkati għandhom jiġu implimentati biss ladarba jingħataw permessi mill-awtorità tal-ilma rilevanti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali, fejn meħtieġ skont id-Direttiva 2011/92/UE, u valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawn il-permessi għandhom jivvalutaw l-impatti potenzjali kollha fuq l-istatus tal-korpi tal-ilma fl-istess baċir tax-xmara u fuq il-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kurrituri tal-migrazzjoni, ix-xmajjar ġierja jew l-ekosistemi qrib kundizzjonijiet mhux disturbati, kif ukoll il-pressjonijiet attwali relatati mal-astrazzjoni tal-ilma. il-valutazzjoni tal-impatt għandha tistabbilixxi li l-proġett (i) ma jkollux impatt sinifikanti jew irriversibbli fuq il-korpi tal-ilma affettwati, u lanqas jipprevjeni lill-korp tal-ilma speċifiku li huwa relatat miegħu u lanqas lil korpi tal-ilma oħra fl-istess baċir tax-xmara milli jikseb status jew potenzjal tajjeb, u (ii) ma jkollux impatt negattiv sinifikanti fuq il-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma. Il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' status jew potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma kkonċernati f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma</p>	

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>Bl-istess mod, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li tlestiet skont id-Direttiva 2011/92/UE għandhom jiġu rispettati (b'mod partikolari l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati) kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Habitats, kif inklużi fil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura.</p> <p>Rigward il-proġetti mmirati lejn ir-rikostruzzjoni jew il-modernizzazzjoni tad-digi: id-disinn tal-proġett għandu jinkorpora r-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluż l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-VIA u l-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tad-DNSH għandha tiġi integrata fil-proġett u jkun hemm konformità stretta magħha fl-istadji tal-kostruzzjoni, tal-operat u tad-dekummissjonar tal-infrastruttura. Ir-rapport tat-tlestija għandu jikkonferma r-rispett sħiħ tal-eżitu tal-VIA inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, filwaqt li jiżgura l-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). Għandha ssir analiżi tar-riskju tal-proġett. Din l-analiżi tar-riskju għandha tindirizza wkoll il-kundizzjonijiet klimatiċi futuri. Kwalunkwe rikostruzzjoni jew modernizzazzjoni ma għandhiex twassal għal żieda fil-kapaċità tad-diġa</p>
134	Investiment 2: Korsiji tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-	Stadju importanti	Sottomissjoni mill-Ministeru tal-Agricoltura tal-lista ta' proġetti li	Sottomissjoni tal-lista ta' proġetti li għandhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2021	Il-Ministeru tal-Agricoltura għandu jippreżenta lill-Kummissjoni bażi tad-data li tinkludi l-identifikazzjoni tal-proġetti, deskrizzjoni qasira u skeda ta' żmien għat-tlestija. Il-proġetti għandhom jikkonsistu fil-kostruzzjoni u r-rikostruzzjoni ta' ġibjuni żgħar tal-ilma fir-Repubblika Ċeka

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ilma		għandhom jiġu appoġġati taħt l-investiment 2	jiġu appoġġati taħt l-investiment 2						kollha. Id-disinji tal-proġetti għandhom jinkorporaw ir-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/EE.
135	Investiment 2: Korsiji tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma	Tal-UE	T1: Tlestija ta' 50 % tal-proġetti żgħar tal-kanali tal-ilma u tal-ġibjuni tal-ilma		Numru ta' proġetti	0	450	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2022	<p>Rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti għal 50 % tal-proġetti. F'konformità mal-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw preferenza, filwaqt li l-konstruzzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura artifiċjali għall-protezzjoni mill-għargħar ibbażata fuq il-konkrit għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun.</p> <p>Il-proġetti għandhom jiġu implimentati biss ladarba jingħataw permessi mill-awtorità tal-ilma rilevanti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali u valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawn il-permessi għandhom jivvalutaw l-impatti potenzjali kollha fuq l-istatus tal-korpi tal-ilma fl-istess baċir tax-xmara u fuq il-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kurrituri tal-migrazzjoni, ix-xmajjar ġerja jew l-ekosistemi qrib kundizzjonijiet mhux disturbati, kif ukoll il-pressjonijiet attwali relatati mal-astrazzjoni tal-ilma. il-valutazzjoni tal-impatt għandha tistabbilixxi li l-proġett (i) ma jkollux impatt sinifikanti jew irriversibbli fuq il-korpi tal-ilma affettwati, u lanqas jipprevjeni lill-korpi tal-ilma speċifiku li huwa relatat miegħu u lanqas lil korpi tal-ilma oħra fl-istess baċir tax-xmara milli jikseb status jew potenzjal tajjeb, u (ii) ma jkollux impatt negattiv sinifikanti fuq il-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma. L-istatus/potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma nkiseb u ġie evidenzjat mill-aħħar data ta' appoġġ rilevanti.</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>Bl-istess mod, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE għandhom jiġu rispettati (b' mod partikolari l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati) kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Habitats kif inklużi fil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura.</p> <p>F'każ li l-ġibjuni tal-ilma jkunu maħsuba għat-tisqija, kwalunkwe espansjoni tas-sistema ta' irrigazzjoni eżistenti (inkluż permezz ta' użu akbar tal-ilma, jiġifieri mhux biss l-espansjoni fiżika), anki permezz ta' metodi aktar effiċjenti, mhijiex appoġġata fejn il-korpi tal-ilma kkonċernati (ilmijiet tal-wiċċ jew ta' taħt l-art), jew huma proġettati (fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima) li jkunu fi stat jew potenzjal inqas minn tajjeb.</p>
136	Investiment 2: Korsiji tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma	Tal-UE	T2: Tlestija ta' 50 % addizzjonali ta' korsiji tal-ilma u ġibjuni tal-ilma żgħar		Numru ta' proġetti	450	900	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	<p>Rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti ċċertifikat mill-Ministeru tal-Agricoltura għas 50 % li jifdal tal-proġetti. F'konformità mal-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw preferenza, filwaqt li l-kostruzzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura artifiċjali għall-protezzjoni mill-għargħar ibbażata fuq il-konkrit għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun.</p> <p>Il-proġetti għandhom jiġu implimentati biss ladarba jingħataw permessi mill-awtorità tal-ilma rilevanti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali u valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawn il-permessi għandhom jivvalutaw l-impatti potenzjali kollha fuq l-istatus tal-korpi tal-ilma fl-istess baċir tax-xmara u fuq il-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma, filwaqt li jitqiesu b' mod partikolari l-kurrituri tal-migrazzjoni, ix-</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>xmajjar ġierja jew l-ekosistemi qrib kundizzjonijiet mhux disturbati, kif ukoll il-pessjonijiet attwali relatati mal-astrazzjoni tal-ilma. il-valutazzjoni tal-impatt għandha tistabbilixxi li l-proġett (i) ma jkollux impatt sinifikanti jew irriversibbli fuq il-korpi tal-ilma affettwati, u lanqas jipprevjeni lill-korp tal-ilma speċifiku li huwa relatat miegħu u lanqas lil korpi tal-ilma oħra fl-istess baċir tax-xmara milli jikseb status jew potenzjal tajjeb, u (ii) ma jkollux impatt negattiv sinifikanti fuq il-habitats u l-ispeċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma. Il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' status jew potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma kkonċernati f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma</p> <p>Bl-istess mod, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li tlestiet skont id-Direttiva 2011/92/UE għandhom jiġu rispettati (b'mod partikolari l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati) kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Habitats, kif inklużi fil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura.</p> <p>F'każ li l-ġibjuni tal-ilma jkunu maħsuba għat-tisqija, kwalunkwe espansjoni tas-sistema ta' irrigazzjoni eżistenti (inkluż permezz ta' użu akbar tal-ilma, jiġifieri mhux biss l-espansjoni fiżika), anki permezz ta' metodi aktar effiċjenti, mhijiex appoġġata fejn il-korpi tal-ilma kkonċernati (ilmijiet tal-wiċċ jew ta' taħt l-art), jew huma proġettati (fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima) li jkunu fi stat jew potenzjal inqas minn tajjeb.</p>
137	Investiment 3: Konsolidazz	Tal-UE	It-tlestija ta' proġetti ta' infrastruttura ekoloġika li jippromwovu l-bijodiversità	Ettari ta' proġetti ta' infrastruttura ekoloġika	0	90	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Għandhom jitlestew mill-inqas 90 ettaru ta' proġetti ta' infrastrutturi ekoloġiċi. Dawn il-proġetti għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni taż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ mill-awtorità lokali tal-amministrazzjoni tal-Istat għall-protezzjoni ambjentali u għandhom ikunu konformi mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-	

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	joni tal-art		inklużi l-bijocentri, il-kuriturijiet bijoloġiċi u t-tħawwil ta' ħdura tipika lokalment fil-pajsaġġ agrikolu (f'ettari ta' art servuta mill-investiment).							Istrateġija għall-Protezzjoni tal-Bijodiversità tar-Repubblika Ċeka, il-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara u l-Pjanijiet ta' Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar.
138	Investiment 3: Konsolidazzjoni tal-art	Tal-UE	It-tlestija ta' attivitajiet ta' protezzjoni ambjentali u l-adattament għat-tibdil fil-klima (f'ettari ta' art servuta mill-investiment).	Ettari ta' art	0	150	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Jitlestew mill-inqas 150 ettaru ta' attivitajiet ta' protezzjoni ambjentali u ta' proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Dawn l-attivitajiet għandhom jiffukaw primarjament fuq il-protezzjoni tal-ħamrija u tal-ilma, kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità. Proġetti individwali għandhom jimplementaw azzjonijiet kontra l-erożjoni fil-pajsaġġ (fosos, overhangs, borduri, strixxi tal-ħaxix u elementi oħra ta' ritardazzjoni) biex jeliminaw l-effetti negattivi, speċjalment tax-xita torrenzjali. Dawn l-azzjonijiet, li jgħinu biex jinżamm l-ilma fil-pajsaġġ, prinċipalment mix-xita torrenzjali dejjem aktar frekwenti, għandhom jappoġġaw l-infiltrazzjoni tal-ilma f'taħt l-art, inaqqsu l-evaporazzjoni tal-ilma fil-pajsaġġ agrikolu u għandhom jipprovdu appoġġ għal ċiklu żgħir tal-ilma, inaqqsu t-tniġġis tal-ilma u t-tneħħija tal-ħamrija. L-investimenti fl-infrastruttura (bħal toroq lokali) għandhom jiġu esklużi.	
139	Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima	Stadju importanti	Emenda għad-digriet ministerjali dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti (emenda għad-Digriet Nru 84/1996	Dħul fis-seħħ tal-Emenda għad-digriet ministerjali dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-			IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	Għandha tiġi adottata emenda għad-digriet ministerjali dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti, li għandu speċifikament iwitti t-triq għal foresti multiġenerazzjonali, multispeċijiet u reżiljenti. L-emenda għad-Digriet dwar il-Ġestjoni tal-Foresti għandu jkollha l-għan li toħloq foresta multiġenerazzjonali ġenwina, tintroduċi metodi innovattivi ta' ppjanar tal-ġestjoni tal-foresti għall-foresti bi struttura ta' etajiet rikki. Id-digriet għandu jiżgura li l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet tas-siġar ta'	

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			Coll. dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti)	foresti (emenda għad-Digriet Nru 84/1996 Coll. dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti)						foresti mħawla ġodda timmira għal kompożizzjoni qrib in-natura b'żieda sinifikanti ta' speċijiet b'weraq wiesa' (l-hekk imsejħa "kompożizzjoni rakkomandata" mir-riċerka).
140	Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima	Tal-UE	T1: Reforestazzjoni ta' 12 000 ettaru ta' żoni permezz ta' speċijiet ta' siġar ameliorattivi u stabbilizzanti		Ettari ta' rifeorestazzjoni	0	12000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	<p>Rapport ta' tlestija minn korp indipendenti għal proġetti ta' rifeorestazzjoni ta' 12 000 ettaru. Ir-rifeorestazzjoni għandu jkollha l-għan li tiżgura foresti multiġenerazzjonali u multispeċijiet fir-rigward tal-kompożizzjoni spazjali li huma ġestiti skont approċċ tal-forestrija b'kopertura kontinwa. Foresti monospeċifiċi ta' età ugwali għandhom jiġu sostitwiti b'ekosistemi aktar bijodiversi, li jillimitaw l-użu ta' qtugħ totali tas-siġar għal każijiet fejn ikun meħtieġ biex tiġi żgurata s-saħħa tal-foresti u riġenerazzjoni effettiva, u jillimitaw kemm jista' jkun id-daqs taż-żona ċara.</p> <p>Għandhom jintużaw speċijiet ta' siġar indiġeni, sakemm ma jkunx jista' jintwera li ma għadhomx adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi u pedoidroloġiċi projettati. Barra minn hekk, taħlitiet ta' mhux aktar minn 25 % ta' żnuber Douglas fi stands imħallta għandhom jiġu aċċettati</p> <ul style="list-style-type: none"> • Fejn permess mil-leġiżlazzjoni nazzjonali • Bl-esklużjoni ta' Natura 2000 u żoni protetti oħra • U jekk tistax tintwera l-adeqwatezza taż-żnuber Douglas għall-kundizzjonijiet klimatiċi projettati tas-sit ta' rifeorestazzjoni.
141	Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil	Tal-UE	T2: Rifeorestazzjoni ta' 24 000 ettaru addizzjonali ta' żoni skont l-		Ettari ta' rifeorestazzjoni	12000	36000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	<p>Rapport ta' tlestija minn korp indipendenti għal 24 000 ettaru addizzjonali. Ir-rifeorestazzjoni għandu jkollha l-għan li tiżgura foresti multiġenerazzjonali u multispeċijiet fir-rigward tal-kompożizzjoni spazjali li huma ġestiti skont approċċ tal-forestrija b'kopertura kontinwa. Foresti monospeċifiċi ta' età ugwali għandhom jiġu sostitwiti b'ekosistemi aktar</p>

Numru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	fil-klima		ispeċijiet tas-siġar li jtejbju u jstabilizzaw							<p>bijodiversi, li jillimitaw l-użu ta' qtugħ totali tas-siġar għal każijiet fejn ikun meħtieġ biex tiġi żgurata s-saħħa tal-foresti u riġenerazzjoni effettiva, u jillimitaw kemm jista' jkun id-daqs taż-żona ċara.</p> <p>Għandhom jintużaw speċijiet ta' siġar indiġeni, sakemm ma jkunx jista' jintwera li ma għadhomx adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi u pedoidroloġiċi proġettati. Barra minn hekk, taħlitiet ta' mhux aktar minn 25 % ta' żnuber Douglas fi stands imħallta għandhom jiġu aċċettati</p> <ul style="list-style-type: none"> • Fejn permess mil-leġiżlazzjoni nazzjonali • Bl-esklużjoni ta' Natura 2000 u żoni protetti oħra • U jekk tistax tintwera l-adeqwatezza taż-żnuber Douglas għall-kundizzjonijiet klimatiċi proġettati tas-sit ta' rifestazzjoni.
142	Investiment 5: Żamma tal-ilma fil-foresta	Tal-UE	T1: It-tlestija ta' 40 proġett ta' kontroll tat-torrent (digi tal-injam u tal-ġebel naturali fuq skala żgħira) biex jitnaqqas l-iskol tas-superfiċje u proġetti għaż-żamma tal-ilma fil-foresti (żamma u ġibjuni żgħar).	Numru ta' proġetti	0	40	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	<p>Rapport ta' tlestija minn korp indipendenti għal 40 proġett. Il-proġetti għandhom ikunu kemm jista' jkun ibbażati fuq in-natura (f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima kif ukoll il-Politika Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka għall-ġlieda kontra n-nixfiet). Id-disinj tal-proġetti għandhom jinkorporaw ir-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/EE.</p>	
143	Investiment 5: Żamma tal-ilma fil-foresta	Tal-UE	T2: It-tlestija ta' 20 proġett addizzjonali ta' kontroll tat-torrent (digi tal-	Numru ta' proġetti	40	60	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	<p>Rapport ta' tlestija minn korp indipendenti ċċertifikat għal 20 proġett addizzjonali. Il-proġetti għandhom ikunu kemm jista' jkun ibbażati fuq in-natura (f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima kif ukoll il-Politika Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka għall-ġlieda kontra n-</p>	

Num ru ta' NUM .	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-flestija			Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			injam u tal-ġebel naturali fuq skala żgħira) biex jitnaqqas l-iskolas-superfície u proġetti għaż-żamma tal-ilma fil-foresti (żamma u ġibjuni żgħar).							nixfiet). Id-disinji tal-proġetti għandhom jinkorporaw ir-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/EE.

N. KOMPONENT 2.7: L-EKONOMIJA ĊIRKOLARI, IR-RIĊIKLAĠĠ U L-ILMA INDUSTRIJALI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġa l-indirizzar tal-isfida tal-ġenerazzjoni tal-iskart u d-dipendenza fuq il-materja prima, bl-objettiv li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fiċ-Ċekja. Dan għandu jinkiseb permezz ta' miżuri li jipprevjenu l-iskart, iżidu l-infrastruttura tar-riċiklaġġ, inaqqsu l-ħela ta' materja prima sekondarja, iżidu s-sehem ta' materjali riċiklati fil-prodotti, u jżidu s-sigurtà tal-materja prima taċ-Ċekja permezz tad-dipendenza mnaqqsa fuq materja prima importata minħabba d-disponibbiltà kontinwa u mingħajr interruzzjoni tal-materja prima. Barra minn hekk, il-komponent jiffoka fuq il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, inklużi miżuri mmirati lejn l-iffrankar u r-riċiklaġġ tal-ilma u l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ilma fin-negozji. It-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari għandha tgħin biex tiżded ir-reżiljenza taċ-Ċekja kemm kontra t-theddid ambjentali kif ukoll dak ekonomiku.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq it-tranżizzjoni enerġetika u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluża l-effiċjenza enerġetika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha timmira li tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

N.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar l-immaniġġjar tal-iskart fir-Repubblika Ċeka

Ir-riforma għandha l-għan li żżid il-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u s-separazzjoni tal-iskart u t-tnaqqis tar-rimi fil-miżblijiet, bl-għan li jissaħħu l-prinċipji tar-responsabbiltà tal-produttur u l-ekomodulazzjoni. Sal-2035, mill-inqas 65 % tal-iskart muniċipali għandu jiġi riċiklat¹³ u massimu ta' 10 % għandu jintrema f'miżbla¹⁴. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-immaniġġjar tal-iskart fir-Repubblika Ċeka ilha fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021. Wara l-leġiżlazzjoni dwar l-iskart li għadha kif ġiet adottata, l-atti ta' implimentazzjoni li ġejjin dwar l-immaniġġjar tal-iskart għandhom jiġu ffinalizzati u jidhru fis-seħħ sat-30ta' Settembru 2023, f'konformità mal-elementi speċifikati fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata bid-Direttiva 2018/851/UE:

- Id-digriet dwar il-Katalogu tal-Iskart Nru 8/2021 Coll., li jistabbilixxi l-Katalogu tal-Iskart il-ġdid u jistabbilixxi regoli għall-evalwazzjoni ta' proprjetajiet perikolużi tal-iskart
- L-Ordinanza dwar il-ġestjoni tal-imballaġġ Nru 30/2021 Coll., li tipprevedi regoli dwar ir-reġistru tal-imballaġġ u n-notifika tar-rekords minn dan ir-reġistru, u metodoloġija tal-kontabbiltà tal-użu tal-imballaġġ.

¹³Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851.

¹⁴ Skont id-Direttiva 1999/31/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/850.

- Digriet dwar id-dettalji tal-immaniġġjar tal-iskart, li qed jitħejja, li jimplimenta l-Att emendat dwar l-Iskart u li jistabbilixxi regoli għall-ġestjoni tal-flussi kollha tal-iskart.
- Digriet dwar il-konverżjoni tal-prodotti sekondarji u tal-iskart (digriet dwar l-asfalt), li qed jiġi ppreparat, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom it-taħlita tal-asfalt hija prodott sekondarju jew ma tibqax skart.
- Digriet dwar id-dettalji tal-ġestjoni tal-vetturi li m'għadhomx jintużaw, fit-tħejjija, li jistabbilixxi regoli għall-ġbir u l-ipproċessar ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw, u l-metodu ta' kalkolu tal-livell ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ jew irkupru ieħor ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw.
- Digriet dwar il-ġestjoni ta' prodotti li m'għadhomx jintużaw, li qed jitħejjew, li jistabbilixxi r-rekwiżiti għaż-żamma ta' kampanji ta' informazzjoni biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-trattament ta' prodotti li ma għadhomx jintużaw, u li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għall-ħżin u l-użu tal-iskart elettriku u elettroniku bħal skart ta' batteriji u akkumulaturi, skart ta' tagħmir elettriku u skart ta' tajers.

Il-pjanijiet nazzjonali u reġjonali għall-immaniġġjar tal-iskart, immirati lejn it-titjib tat-tħejjija ambjentalment sana għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u r-rimi tal-iskart għandhom jiġu ffinalizzati u jidħlu fis-seħħ.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma tat-2: Finalizzazzjoni u implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040

Ir-riforma għandha l-għan li tistabbilixxi u tibda l-implimentazzjoni ta' strateġija għat-trasformazzjoni tas-soċjetà Ċeka f'ekonomija ċirkolari. Din is-sistema ekonomika ċirkolari prevista għandha tinkiseb permezz tal-minimizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart u l-użu tal-inputs tar-riżorsi, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari.

Ir-riforma tikkonsisti fil-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040, li għandha tippromwovi l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tiddefinixxi aktar il-prijoritajiet u l-passi meħtieġa filwaqt li tiżgura li ċ-Ċekja ssir reżiljenti fit-tul għat-theddid ambjentali futur, inkluż it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, u tiżviluppa sistema soċjali sostenibbli ġenerali. Permezz ta' ktajjen tal-provvista mqassra u diversifikati u dipendenza aktar baxxa fuq ir-riżorsi primarji, ekonomija ċirkolari għandha tikkontribwixxi għal awtonomija strateġika u reżiljenza msaħħa taċ-Ċekja. Fost l-oħrajn, l-istrateġija għandha tinċentiva lill-intrapriżi, lill-konsumaturi, lill-bliet u lill-muniċipalitajiet biex jappoġġaw soluzzjonijiet ċirkolari permezz tad-disinn u l-manifattura tal-prodotti, l-innovazzjoni, ir-riċerka, id-diġitalizzazzjoni u l-edukazzjoni. L-istrateġija għandha tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Marzu 2022, segwita mill-Pjan ta' Azzjoni.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

Investiment 1: Infrastruttura għar-riċiklaġġ tal-bini

L-objettiv ġenerali ta' din il-miżura huwa li tappoġġa investimenti li jwasslu għall-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart bijodegradabbli. Il-miżura għandha tappoġġa proġetti li jtejbju l-kapaċitajiet ta' riċiklaġġ tal-iskart bijodegradabbli u proġetti mmirati lejn l-introduzzjoni mill-ġdid fil-ħamrija tal-kompost u tal-iskart mid-diġesturi tal-bijogass.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2: Soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji

Il-miżura għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-materja prima primarja. Għal dan l-għan, il-miżura għandha tappoġġa proġetti li jippromwovu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari fost in-negozji. Dan jinvolti investimenti f'teknoloġiji innovattivi li i) jippermettu użu ġdid jew miżjud ta' materja prima sekondarja bħala sostitut għar-riżorsi primarji, u ii) inaqqsu l-intensità tal-input tal-produzzjoni u jissostitwixxu l-materja prima primarja permezz ta' materja prima sekondarja.

Il-miżura għandha tiffoka wkoll fuq l-ottimizzazzjoni tal-ekodisinn materjali tal-prodotti biex tiffaċilita r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, flimkien ma' proġetti ta' simbożi industrijali u proġetti oħra ta' negozju ta' investiment li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Fl-aħħar nett, l-investiment għandu jappoġġa proġetti li jindirizzaw l-applikazzjoni mmirata ta' materjali riċiklati fil-prodotti. L-appoġġ huwa mistenni għal mill-inqas 60 negozju.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3: Iffrankar tal-ilma fl-industrija

Il-miżura għandha l-għan li tikkontribwixxi għal ekonomija ċirkolari billi ttejjeb il-ġestjoni tal-ilma fl-industrija.

Il-miżura għandha tiffoka fuq proġetti li jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin:

- l-ottimizzazzjoni tal-konsum tal-ilma permezz tal-installazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda li jiffrankaw l-ilma,
- ir-riċiklaġġ tal-ilma fis-setturi tal-produzzjoni u attivitajiet kummerċjali oħra b'konsum għoli tal-ilma,
- l-użu mill-ġdid ta' ilma mniġġes jew użat fit-tħaddim fi proċessi oħra,
- l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ilma fl-impjanti tal-utilitajiet,
- it-tnaqqis tat-telf tal-ilma f'ċirkwiti magħluqa, sistemi tal-ilma u sistemi ta' distribuzzjoni tal-ilma,
- l-isfruttar tal-potenzjal tal-iskart tal-fwar,
- proġetti oħra kellihom l-għan li jtejjbu l-ġestjoni tal-ilma fl-industrija.

L-appoġġ huwa mistenni għal mill-inqas 40 negozju.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

N.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
144	Riforma tal-1: Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni għida dwar l-immaniġġjar tal-iskart fir-Repubblika Ċeka	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni skont il-leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart imħejjija mill-Ministeru tal-Ambjent	Dispożizzjoni f'id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni rispettivi				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Dawn id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu d-Digriet dwar il-katalogu tal-iskart Nru 8/2021 Coll., id-Digriet dwar l-immaniġġjar tal-imballaġġ Nru 30/2021 Coll., id-Digriet dwar id-dettalji tal-immaniġġjar tal-iskart, id-Digriet dwar il-prodotti sekondarji u l-iskart mit-trasferiment tal-iskart (digriet dwar l-asfalt), id-Digriet dwar id-dettalji tal-immaniġġjar ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw, u d-Digriet dwar id-dettalji tal-immaniġġjar ta' prodotti li m'għadhomx jintużaw (tajers, elettriċi, batteriji).
145	Riforma tal-1: Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni għida dwar l-immaniġġjar tal-iskart fir-Repubblika Ċeka	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' pjan nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tal-iskart	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' pjan nazzjonali u reġjonali għall-immaniġġjar tal-iskart				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Jiġi pprovdut pjan nazzjonali u reġjonali għid għall-immaniġġjar tal-iskart, immirat lejn it-titjib tat-tħejjija ambjentalment sana għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u r-rimi tal-iskart.
146	Riforma tat-2: Finalizzazzjoni u implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari ta-Ċekja 2040	Stadju importanti	Tlestija u adozzjoni tal-istrateġija ċirkolari ta-Ċekja 2040 mill-Ministeru għall-Ambjent	Pubblikazzjoni tal-istrateġija ċirkolari ta-Ċekja għall-2040 fil-bażi tad-data tad-dokumenti strateġiċi tar-Repubblika Ċeka				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	It-tlestija u l-adozzjoni tal-istrateġija ta-Ċekja Ċirkolari tal-2040. L-istrateġija għandha tiffirma l-viżjoni, l-għanijiet globali u strateġiċi, l-oqsma ta' prijorità u l-prinċipji meħteġa biex tinkiseb ekonomija ċirkolari fir-Repubblika Ċeka.
147	Riforma tat-2: Finalizzazzjoni u	Stadju importanti	Tlestija ta' rapport ta' monitoraġġ li	Pubblikazzjoni ta' rapport ta' monitoraġġ li				IT-TIENI TRIMES TRU	2025	Għandu jitlesta u jiġi ppubblikat rapport ta' monitoraġġ mill-Ministeru għall-Ambjent, li jevalwa l-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari fi-Ċekja u l-progress li jkun sar fl-

Num ru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040		jevalwa l-istat ta' implimentazzjoni tal-istrateġija taċ-Ċekja Ċirkolari 2040	jevalwa l-istat ta' implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040				TAT-3		implimentazzjoni tal-elementi tal-istrateġija taċ-Ċekja Ċirkolari tal-2040.
148	Investiment 1: Infrastruttura għar-riċiklaġġ tal-bini	Stadju importanti	L-għoti tal-kuntratti għal proġetti li jinvestu fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ mill-Ministeru tal-Ambjent	Notifika tal-għoti tal-kuntratti għal proġetti li jinvestu fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ mill-Ministeru tal-Ambjent				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	<p>Notifika tal-għoti tal-kuntratti għal proġetti li jinvestu fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ mill-Ministeru tal-Ambjent.</p> <p>Il-proġetti jikkonsistu fil-kostruzzjoni u l-modernizzazzjoni ta' faċilitajiet tal-kompostjar u faċilitajiet tal-kompost fil-komunità.</p> <p>Il-faċilitajiet appoġġati taħt dan l-investiment għandhom jiżguraw li mill-inqas 50 %, f'termini ta' piż, tal-iskart mhux perikoluż ipproċessat miġbur separatament għandu jiġi kkonvertit f' materja prima sekondarja.</p> <p>L-investiment għandu jinkludi wkoll appoġġ għall-akkwist ta' tagħmir għall-applikazzjoni ta' total ta' mill-inqas 200.000 tunnellata fis-sena ta' kompost (diġestat jew Fugate) għall-Fond tal-Art Agrikola (ALF) għall-entitajiet agrikoli, l-operaturi tal-impjanti tal-kompostjar u l-istazzjonijiet tal-bijogass.</p> <p>Dawk li jirċievu appoġġ għall-akkwist ta' tagħmir għandhom jintalbu jinkorporaw minimu ta' 40 tunnellata ta' kompost għal kull ettaru fuq perjodu ta' 5 snin.</p>
149	Investiment 1: Infrastruttura għar-riċiklaġġ	Stadju importanti	Tlestija ta' proġetti li jinvestu fl-infrastruttura	Rapport ta' tlestija				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	<p>It-tlestija tal-proġetti li jinvestu f'infrastrutturi ta' riċiklaġġ.</p> <p>Bħala riżultat tal-investiment, il-modernizzazzjoni jew il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet tal-kompostjar għandhom</p>

Numru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-bini		tar-riċiklaġġ							jżguraw żieda ta' mill-inqas 70 000 tonnollata fis-sena ta' skart municiपालi bijodegradabbli ttrattat.
150	Investiment 2: Soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji	Stadju importanti	L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu f' soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ	Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu f' soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu f' soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Għandhom jintgħażlu proġetti li jtejbu t-trasformazzjoni industrijali lejn soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ċirkolari u diġitali, filwaqt li jnaqqsu l-intensità materjali tal-produzzjoni u l-konsum tar-riżorsi primarji.
151	Investiment 2: Soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji	Tal-UE	Tlestija ta' proġetti li jinvestu f' soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji		Numru ta' proġetti	0	60	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Għandhom jitlestew proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ċirkolari fl-intrapriżi industrijali, iżidu l-użu ta' materja prima sekondarja bħala sostitut għar-riżorsi primarji, inaqqsu l-intensità materjali tal-produzzjoni, jottimizzaw l-ekodisinn tal-materjali biex jiffaċilitaw ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, jimplementaw simbożi industrijali u jinkoraġġixxu t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Il-baġit totali eżegwit għal dan l-għan matul id-durata tal-miżura għandu jammonta għal mill-inqas EUR 39 000 000.
152	Investiment 3: Iffrankar tal-ilma fl-industrija	Stadju importanti	L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizat l-ilma fl-	Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizat l-ilma fl-industrija mill-Ministeru				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizat l-ilma fl-industrija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Għandhom jintgħażlu proġetti li jottimizzaw il-konsum tal-ilma fil-proċess tal-produzzjoni billi jinstallaw teknoloġiji u tagħmir ġodda biex jiffrankaw l-ilma, jidderieġu r-riċiklaġġ tal-ilma f'industriji intensivi fl-użu tal-ilma, jużaw mill-ġdid l-ilma operattiv imniġġes/użat fi proċessi

Numru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			industrija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ	tal-Industrija u l-Kummerċ						oħra, jottimizzaw l-użu tal-ilma fl-impjanti tal-utilitajiet, inaqqsu t-telf tal-ilma f'ċirkwiti magħluqa, jew jottimizzaw l-użu tal-fwar jew il-potenzjal ta' distribuzzjoni tiegħu.
153	Investiment 3: Iffrankar tal-ilma fl-industrija	Tal-UE	Tlestija ta' proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizzat l-ilma fl-industrija		Numru ta' proġetti	0	40	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Għandhom jitlestew proġetti li jottimizzaw il-konsum tal-ilma fil-proċess tal-produzzjoni bl-installazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda biex jiffrankaw l-ilma, jidderieġu r-riċiklaġġ tal-ilma f'industriji intensivi fl-użu tal-ilma, jużaw mill-ġdid l-ilma operattiv imniġġes/użat fi proċessi oħra, jottimizzaw l-użu tal-ilma fl-impjanti tal-utilitajiet, inaqqsu t-telf tal-ilma f'ċirkwiti magħluqa, jew jottimizzaw l-użu tal-fwar jew il-potenzjal ta' distribuzzjoni tiegħu.

O. KOMPONENT 2.8: RIVITALIZZAZZJONI TA' SITI ABBANDUNATI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' siti li qabel kienu industrijali jew mhux użati f'żoni urbani (minn hawn' il quddiem siti abbandunati) bl-għanijiet aħħarin li:

- itejbu l-effiċjenza enerġetika ta' bini rinnovat jew mibni mill-ġdid;
- il-bini ta' bini ġdid effiċjenti fl-użu tal-enerġija, fejn ir-rinnovazzjoni la tkun possibbli u lanqas effiċjenti;
- ħolqien ta' bjar tal-karbonju naturali.

Il-komponent għandu jagħti bidu għal konverżjonijiet komprensivi tas-siti u jtejjeb l-istabbiltà ekoloġika tal-pajsaġġ billi joħloq żoni ħodor ġodda mingħajr ma jaffettwa l-art agrikola. Ir-rivitalizzazzjoni tat-territorju hija mistennija li tikkontribwixxi għal użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura teknika u tat-trasport, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u żieda fl-effiċjenza enerġetika.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka fuq it-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tappoġġa l-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

O.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Għajnuna għall-investiment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati speċifiċi

L-investiment għandu jappoġġa proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati mmirati lejn it-tnejn ta' żoni għal użu multifunzjonali ulterjuri (inkluż rinnovazzjoni u kostruzzjoni ta' infrastruttura jew demolizzjoni ta' bini). Il-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali identifika siti abbandunati speċifiċi f'kooperazzjoni ma' CzechInvest, l-aġenzija tal-investiment u tal-iżvilupp tan-negozju taċ-Ċekja subordinata għall-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ, abbażi tad-daqs tas-sit, id-daqs mistenni tal-investiment u l-allinjament tal-proġett mal-ambizzjonijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa. Il-miżura għandha tikkonsisti fl-istabbiliment ta' programm ta' sussidju li għandu jipprovdi appoġġ għat-tnejn ta' art għal investimenti futuri u għall-proġetti ta' investiment infushom. L-investiment għandu jappoġġa mill-inqas 10 proġett ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2: Għajnuna għall-investiment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' muniċipalitajiet u reġjuni għal użu mhux kummerċjali

L-investiment għandu jappoġġa r-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li jkunu proprjetà tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom jinbidlu f'kumdità jew istituzzjoni pubblika, bħal skola, ċentru kulturali, art sportiva, awtorità muniċipali jew park aċċessibbli għall-pubbliku. L-appoġġ għandu jingħata esklużivament lil proġetti li jimpenjaw ruħhom jew għal rinnovazzjoni effiċjenti fl-

użu tal-enerġija jew għall-ħolqien ta' bjar tal-karbonju naturali, inkluż il-ħolqien ta' bwar permanenti jew it-ħawwil ta' siġar. L-investiment għandu jappoġġa mill-inqas 30 proġett ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati mhux kummerċjali.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3: Għajnuna għall-investiment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' muniċipalitajiet u reġjuni għall-użu kummerċjali

L-investiment għandu jgħin fir-rivitalizzazzjoni ta' siti degradati abbandunati, inkluża t-tneħħija ta' ostakli fuq skala żgħira fuq is-superficcje, li jkunu proprjetà tal-muniċipalitajiet b'mod partikolari għall-użu kummerċjali u, sa ċertu punt, għal użu mhux kummerċjali. Dawn l-ostakli jirreferu għal partijiet ta' kostruzzjonijiet immarkati bħala skart perikoluż, bħal materjali li fihom l-asbestos, jew tnixxijiet żgħar taż-żejt. Għandha ssir enfasi partikolari fuq aderenza stretta mal-prinċipji tal-infrastruttura ekoloġika blu u l-effiċjenza enerġetika, li timplika li għandha tingħata preferenza lil proġetti li jimplementaw il-ġestjoni tal-ilma tax-xita skont l-Att 254/2001 ("l-Att dwar l-Ilma") u, fil-każ ta' bini ġdid, miżuri ta' ffrankar tal-enerġija lil hinn mir-rekwiżiti leġislattivi tal-Att 406/2000 ("l-Att dwar il-Ġestjoni tal-Enerġija"). Is-siti riġenerati għandhom jintużaw preferibbilment minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ditti lokali. L-investiment għandu jappoġġa proġetti għar-rivitalizzazzjoni ta' siti abbandunati għall-użu kummerċjali li jikkorrispondu għall-mira ta' mill-inqas 76 000 m³ ta' spazju mibni.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

O.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
154	Investiment 1: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' żoni speċifiċi	Tal-UE	Dħul fis-seħħ tal-kuntratti kollha ta' sussidju bejn il-Fond ta' Investiment tal-Istat u detenturi magħżula ta' proġetti abbandunati		Numru ta' proġetti		10	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	<p>Dħul fis-seħħ tal-kuntratti kollha ta' sussidju bejn il-Fond ta' Investiment tal-Istat u detenturi ta' proġetti magħżula għal riġenerazzjoni speċifika ta' siti abbandunati (tħejjija ta' proġett, tħejjija tal-art, proġetti ta' investiment) wara t-tħejjija ta' programm ta' sussidju. Il-proġetti appoġġati mill-programm ta' sussidju għandu jkollhom l-għan li jwettqu twaqqigħ u kostruzzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija jew rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għandhom jiġu kkuntrattati total ta' mill-inqas 10 proġett u mill-inqas 60 % tal-investiment ipprovdut taħt din il-miżura għandu jkun iddedikat għal proġetti ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija.</p> <p>Fir-rigward tal-finanzjament tat-twaqqigħ u tal-kostruzzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, għandu jiġi żgurati li l-proġetti magħżula jkunu tali li (i) bini ġdid għandu jkollu Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB; (II) rinnovazzjoni profonda ma tkunx possibbli minħabba raġunijiet tekniċi, ta' saħħa/sikurezza jew adattati għall-iskop; (III) l-erja totali mibnija ta' bini ġdid ma tistax taqbeż l-erja totali mibnija tal-bini kollu li qabel kien imwaqqa' ta' sit abbandunat, b'mill-inqas 80 % tal-erja mibnija tal-bini l-ġdid titqiegħed direttament fuq iż-żona mibnija tal-bini ta' dak li qabel kien imwaqqa'. Il-konverżjoni ta' żoni ekoloġiċi prezzjużi (ta' valur għoli ta' bijodiversità) għandha tiġi eskluża.</p> <p>Fir-rigward tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' rinnovazzjoni, is-sejħa għandha tispeċifika li mill-inqas 90 % tal-kostijiet għandhom jappoġġaw ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.</p>

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>Ir-rekwiżiti tas-sejħiet għal proġetti għandhom jiżguraw li mill-inqas 70 % tal-iskart tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni ġġenerat jitħejja għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ.</p> <p>Il-ġestjoni tas-sejħa, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-proġetti, l-għażla u l-iffirmar ta' kuntratt mad-detenturi tal-proġetti kif ukoll il-pagamenti matul it-tweqqi tal-proġett (konstruzzjoni) u l-kontroll finali għandhom jiġu fdati lill-Fond Statali tal-Investment.</p>
155	Investiment 1: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' żoni speċifiċi	Tal-UE	Tlestija ta' proġetti ta' rivitalizzazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' oqsma abbandunati speċifiċi		Numru ta' proġetti	0	10	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Għandhom jitlestew mill-inqas 10 proġetti ta' rivitalizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' siti abbandunati speċifiċi. Mill-inqas 60 % tal-investment għandu jkun iddedikat għal proġetti ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija.
- il-ħolqien sal-31 ta' Diċembru 2024 ta' pjattaforma diġitali li tipprovdi lill-għalliema b'aċċess għal bażijiet tad-data eżistenti b'kontenut edukattiv (bħal materjal ta' taġħlim online, webinars, korsijiet ta' taġħlim elettroniku).

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investment 2: Taġħmir diġitali għall-iskejjel

L-ewwel għan tal-investment huwa li jipprevjeni l-esklużjoni diġitali billi jiżgura li t-taġħmir diġitali jkun aċċessibbli għall-istudenti kollha. L-investment għandu jindirizza l-inugwaljanzi li qed jikbru fl-edukazzjoni, li ġew aggravati aktar mil-lockdown fit-tul tal-iskejjel. Bħala l-ewwel pass, il-finanzjament tat-taġħmir tal-ICT għat-taġħlim mill-bogħod kellu jiġi pprovdut lill-iskejjel sal-31 ta' Diċembru 2020 sabiex jippermetti t-taġħlim mill-bogħod matul il-lockdown tal-iskola, inkluż għal studenti minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati. Bħala t-tieni pass, għandu jiġi pprovdut finanzjament ulterjuri lill-iskejjel biex jistabilixxu fond għal apparat diġitali mobbli għal studenti żvantaġġati sal-31 ta' Diċembru 2025. Il-fondi għandhom jiġu allokat li lill-iskejjel abbażi ta' kriterji li jirriflettu jekk l-iskola tinsabx f'żona soċjalment eskluża u l-għadd stmat ta' studenti li jeħtieġu apparat mobbli diġitali biex jissellfu. L-iskejjel għandhom jiksbu 70 000 apparat li jappoġġa 70 000 student fil-bżonn.

It-tieni għan tal-investment huwa li jiżgura li l-iskejjel ikunu mġammra b'mod adegwat b'teknoloġiji diġitali kemm bażiċi kif ukoll avvanzati biex jappoġġaw il-litteriżmu diġitali u jimplimentaw il-kurrikuli riveduti taħt ir-riforma 1 ta' dan il-komponent. Mit-total ta' madwar 10 000 kindergartens, skejjel primarji u sekondarji, mill-inqas 9 260 għandhom ikunu mġammra b'teknoloġiji diġitali bażiċi u avvanzati sal-31 ta' Marzu 2024 (bħar-realtà awmentata, ir-realtà virtwali, ir-robotika u l-istampar 3D). L-għoti ta' finanzjament għandu jkun akkumpanjat minn assistenza teknika għall-iskejjel sabiex jiġi żgurat inġenierija tal-fondi. Din l-assistenza teknika għandha tingħata lill-iskejjel jew permezz ta' gwida pprovduta ċentralment (sit web iddedikat, webinars, għodod ta' evalwazzjoni online, eżempji ta' prattiki tajbin), jew permezz ta' network ġdid ta' konsulenti tal-IT ("IT gurus") fil-livell reġjonali li għandhom jipprovdu mentoraġġ immirat lill-iskejjel dwar ix-xiri ta' taġħmir tal-IT, l-istabbiliment tal-amministrazzjoni tal-IT, il-konnettività u n-networks tal-iskejjel interni. In-network tal-IT guru għandu jappoġġa mill-inqas 1120 skola fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2025, jiġifieri madwar għoxrin fil-mija tal-iskejjel, b'enfasi partikolari fuq skejjel rurali iżgħar, li għandhom l-akbar sfidi ta' diffużjoni tal-IT.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

R.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
168	Riforma tal-1: Ir-riforma tal-kurrikuli u t-tisħiħ tal-edukazzjoni tal-IT	Stadju importanti	Approvazzjoni ta' kurrikuli ġodda li jsaħħu l-litteriżmu diġitali u l-ħsieb komputazzjonali	Approvazzjoni ta' kurrikuli ġodda għall-iskejjel primarji, sekondarji <i>baxxi</i> u ġinázia mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Isport				IT-TIENI TRIMESTR U TAT-3	2021	<p>Il-kurrikuli l-ġodda għandhom</p> <ul style="list-style-type: none"> tisħiħ tal-edukazzjoni tal-Informatika f' termini ta' sığhat ta' taġħlim l-estensjoni tal-kopertura tal-informatika għal oqsmha ġodda, bħall-ipproċessar u l-immudellar tad-data, il-kodifikazzjoni u l-i-programmar, ir-robotika, ir-realtà awmentata, ir-realtà virtwali u t-teknoloġija diġitali. Jintroduċu l-kompetenza diġitali bħala waħda mill-kompetenzi ewlenin jippromwovu l-użu tat-teknoloġija diġitali fl-oqsmha edukattivi kollha, inklużi suġġetti mhux tal-IT.
169	Riforma tal-1: Ir-riforma tal-kurrikuli u t-tisħiħ tal-edukazzjoni tal-IT	Stadju importanti	Implimentazzjoni mill-iskejjel ta' kurrikuli ġodda li jsaħħu l-litteriżmu diġitali u l-ħsieb komputazzjonali	Implimentazzjoni tal-kurrikuli l-ġodda minn skejjel primarji, sekondarji <i>baxxi</i> u <i>ġinázia</i>				IT-TIENI TRIMESTR U TAT-3	2025	L-implimentazzjoni tal-kurrikuli l-ġodda mill-iskejjel għandha l-għan li tkun gradwali. Il-konformità sħiħa mal-kurrikuli l-ġodda għandha tinkiseb sal-1 ta' Settembru 2023 mill-iskejjel primarji, sal-1 ta' Settembru 2024 mill-iskejjel sekondarji inferjuri u sal-1 ta' Settembru 2025 permezz tal-ġinnázia.
170	Investiment 1: Implimentazzjoni tal-kurrikulu rivedut u l-ħiliet diġitali tal-għalliema	Stadju importanti	Il-ħolqien ta' pjattaforma diġitali għall-kondiviżjoni effettiva tar-riżorsi edukattivi	Pjattaforma diġitali kompletament operazzjonali				IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2024	Il-pjattaforma diġitali taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Isport għandha tipprovdi lill-għalliema b'aċċess għall-kontenut edukattiv eżistenti (eż. riżorsi edukattivi diġitali, webinars, korsijiet ta' taġħlim elettroniku). Hija għandha tistabbilixxi rabtiet ma' bażijiet tad-data eżistenti ta' materjali tal-edukazzjoni diġitali.
171	Investiment 1: Implimentazzjoni tal-kurrikulu rivedut u l-	Tal-UE	L-għadd ta' skejjel li rċevew appoġġ biex jimplementaw kurrikuli ġodda		Għadd	0	4 000	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-1	2026	<p>L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-kurrikuli l-ġodda għandu jkun immirat lejn l-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell. Dan għandu jikkonsisti minn</p> <ul style="list-style-type: none"> taħriġ tal-għalliema fil-ħiliet diġitali u l-litteriżmu fl-

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ħiliet diġitali tal-għalliema		tal-IT (ħiliet diġitali tal-għalliema u gwida)							IT <ul style="list-style-type: none"> gwida (sessjonijiet ta' ħidma, webinars, konsulenza individwali) għal headmasters, koordinaturi tal-ICT tal-iskejjel, koordinaturi tal-kurrikuli u għalliema tal-IT
172	Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel	Tal-UE	L-għadd ta' apparati diġitali mixtrija mill-iskejjel għat-tagħlim mill-bogħod		Għadd	0	74000	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2020	Mill-inqas 74 000 apparat diġitali (tablets, laptops, mowbajls, eċċ.) jinxtraw mill-iskejjel għat-tagħlim mill-bogħod. Mill-inqas 4102 skola primarja u sekondarja rċewew finanzjament għat-tagħmir tal-IT għat-tagħlim mill-bogħod.
173	Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel	<u>Tal-UE</u>	L-għadd ta' apparati tal-IT mixtrija għall-fond tal-iskola ta' apparati diġitali mobbli għal studenti żvantaġġati		Għadd	0	70 000	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2025	Ix-xiri ta' 70 000 apparat għandu jappoġġa 70 000 student fil-bżonn. Mill-inqas 80 % tal-iskejjel jistabilixxu fond għal apparat diġitali mobbli għal studenti żvantaġġati. Dan it-tagħmir tal-IT huwa addizzjonali għat-tagħmir imsemmi <u>fil-Mira 172</u> .
174	Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel	Tal-UE	L-għadd ta' skejjel appoġġati b'teknoloġiji u tagħmir diġitali biex jippromwovul-litteriżmu diġitali u jimplementaw il-kurrikuli l-ġodda tal-IT		Għadd	0	9 260	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-1	2024	Mit-total ta' madwar 10 000 skola, mill-inqas 9 260 skola huma mgħammra b'teknoloġiji diġitali kemm bażiċi kif ukoll avvanzati meħtieġa għall-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u għat-tagħlim ta' informatika ġdida skont il-kurrikuli riveduti.
175	Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel	Tal-UE	L-għadd ta' skejjel appoġġati fil-konsulenza u l-mentoraġġ dwar		Għadd	0	1 120	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-1	2026	Fil-livell reġjonali, network ta' konsulenti reġjonali tal-IT għandu jipprovdi mentoraġġ u konsulenza mmirati lil mill-inqas 1120 skola dwar ix-xiri ta' tagħmir tal-IT, il-konnettività, l-istabbiliment tal-amministrazzjoni tal-IT, u n-

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			it-tagħmir tal-IT u s-sistemi interni tal-IT							networks interni tal-iskejjel. Il-konsulenza permezz tal-konsulenti reġjonali tal-IT għandha tiġi kkomplementata minn gwida metodoloġika pprovduta ċentralment, bħal sit web iddedikat, webinars, kondivizzjoni ta' prattiki tajbin, u għodod ta' evalwazzjoni online.

S. IL-KOMPONENT 3.2: ADATTAMENT TAL-PROGRAMMI TAL-ISKEJJEL

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi fl-oqsma tal-edukazzjoni terzjarja u primarja u sekondarja inferjuri, rispettivament. Fil-livell tal-edukazzjoni terzjarja, il-komponent għandu l-għan li jżid il-kapaċitajiet tal-universitajiet u jadatta l-programmi ta' studju għal forom ġodda ta' tagħlim u oqsma ġodda, b'mod partikolari l-għarfien espert diġitali, f'konformità mal-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, faċilitajiet universitarji ġodda għandhom jiġu appoġġati biex jespandu u jimmodernizzaw l-edukazzjoni terzjarja fil-qasam tax-xjenza medika u farmaċewtika. Fil-livell tal-edukazzjoni primarja u sekondarja baxxa, il-komponent għandu l-għan li jindirizza l-inugwaljanzi li qed jikbru fl-edukazzjoni billi jipprovdi appoġġ fuq diversi livelli lill-iskejjel żvantaġġati, tagħlim addizzjonali lill-istudenti f'riskju ta' falliment u billi jsaħħaħ l-abbiltajiet tal-għalliema u l-professjonisti biex jgħallmu klassijiet eteroġeni.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 2, 2019, li skonthom iċ-Ċekja għandha żżid il-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi trawwem ħilet tekniċi u diġitali u tippromwovi l-professjoni tat-tagħlim, u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 2, 2020, li skonthom iċ-Ċekja għandha tappoġġa l-impjiegi permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, il-forniment tal-ħilet, inkluż il-ħilet diġitali, u l-aċċess għat-tagħlim diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

S.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forom ġodda ta' tagħlim u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol

L-objettiv tar-riforma huwa li tinbeda u titħaffef it-trasformazzjoni tal-universitajiet fir-rigward kemm tal-kontenut kif ukoll tal-forom tat-tagħlim. Fir-rigward tal-kontenut, il-firxa ta' programmi ta' studju għandha tiġi aġġustata għal xejriet ġodda u ħtiġijiet li qed jinbidlu fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għat-trasformazzjoni diġitali. L-identifikazzjoni tas-setturi ta' prijorità għandha ssir fil-livell nazzjonali, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali. Il-fokus akkademiku tal-programmi ta' studju eżistenti għandu jiġi aġġustat ukoll biex jinkludi sehem sinifikanti ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol biex jissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Ir-riforma għandha tiffaċilita wkoll it-tranżizzjoni lejn forom ġodda, prinċipalment diġitali ta' apprendiment, bħat-tagħlim imħallat u t-tagħlim mill-bogħod. Dan għandu jirrikjedi investiment f'taħmir u teknoloġiji diġitali u taħriġ tal-persunal tal-università fil-ħilet diġitali u l-metodi moderni ta' tagħlim. Il-miżura għandha tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' dawk il-kapaċitajiet, li jippermettu lill-universitajiet jipprovdu korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħilet, b'mod partikolari għall-ħaddiema f'oqsma intensivi fl-għarfien.

L-appoġġ għandu jingħata lill-universitajiet permezz ta' sejħa miftuħa amministrata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Isport. Huwa mistenni li mill-inqas 20 università għandhom jiġu appoġġati. Mill-inqas 35 programmi ta' studju ġodda għandhom jirċievu akkreditazzjoni, inklużi:

- mill-inqas 15 programm ta' studju fis-setturi prijoritarji li qed jikbru malajr u b'valur miżjud għoli, li qed ibatu minn nuqqas ta' speċjalisti b'livell għoli ta' ħilet, bħaċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali, l-Industrija 4.0, is-servizzi tal-gvern elettroniku.

- mill-inqas 20 programmi ta' studju addizzjonali (Baċċerati jew Master) bi profil professjonali.

Barra minn hekk, l-universitajiet għandhom joffru mill-inqas 20 kors ġdid ta' taġġim tul il-ħajja (inklużi l-mikrokredenzjali).

Ir-riforma u l-investment ta' akkumpanjament għandhom jitlestew sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 1: L-iżviluppa' siti akkademiċi ewlenin magħżula

L-investment jikkonsisti fl-espansjoni tal-faċilitajiet tal-universitajiet fil-qasam tal-mediċina, il-bijomediċina u x-xjenza farmaceutika. Il-faċilitajiet il-ġodda għandhom jippermettu l-innovazzjoni ta' programmi akkademiċi, l-espansjoni tat-taġġim Prattiku, l-iżvilupp ta' rċerka interdixxiplinari u aktar internazzjonalizzazzjoni. L-għan aħħari huwa li jżied is-sehem tal-istudenti tal-mediċina u tal-farmaċija, u b'hekk jiġi indirizzat in-nuqqas ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa fiċ-Ċekja. L-investment jinkludi l-kostruzzjoni u t-tagħmir ta' faċilitajiet akkademiċi ġodda fi tliet kampusijiet universitarji:

- MEPHARED 2 — fużjoni ta' siti akkademiċi frammentati tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Fakultà tal-Farmacija tal-Università ta' Charles f'Hradec Králové
- BIOCENTRUM — faċilitajiet ġodda għall-istudji u x-xjenza mediċi u bijomediċi naturali fl-Alberov Campus tal-Università Charles fi Praga
- Biopharma Hub — faċilitajiet ġodda għall-istudji farmaceutiċi u bijomediċi li jippermettu li l-Fakultà tal-Farmacija tintrabat mas-sit akkademiku uniku tal-Università Masaryk fi Brno.

L-investimenti għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma tat-2: Appoġġ għal skejġel żvantaġġati

L-għan tar-riforma huwa li jiġi indirizzati d-disparitajiet li qed jikbru bejn ir-riżultati edukattivi tal-iskejġel u li jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità. Dan għandu jinkiseb permezz ta' appoġġ komprensiv tal-iskejġel l-aktar vulnerabbli bi proporzjon oġġla mill-medja ta' studenti bi sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati. Programm ta' appoġġ immirat għandu jiġi żviluppat u implimentat għal skejġel f'żoni soċjalment esklużi u skejġel segregati, kif ukoll skejġel bi proporzjon oġġla ta' studenti b'lingwa materna differenti. L-appoġġ għandu jiffoka fuq it-taħriġ għall-għalliema biex jaħdmu ma' gruppi eteroġeni u studenti żvantaġġati, kif ukoll fuq kooperazzjoni effettiva mal-psikologi tal-iskejġel, l-assistenti tal-għalliema u l-ħaddiema soċjali tal-iskejġel.

Abbażi tar-riżultati tal-programm ta' appoġġ, għandha tiġi ppreżentata riforma tal-finanzjament tal-iskejġel li tintroduċi indiċi ta' finanzjament biex jirrifletti l-livell tal-iżvantaġġ soċjoekonomiku. Dan għandu jippermetti finanzjament imsaħħaħ tal-iskejġel l-aktar vulnerabbli fuq bażi sistematika, u b'hekk tiżied il-kwalità tal-edukazzjoni taġġhom u jitnaqqsu d-disparitajiet bejn l-iskejġel.

Ir-riforma għandha tlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2: Tutoraġġ tal-istudenti

L-investment għandu l-għan li jipprovdi klassijiet ta' rkupru għal studenti bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat, li l-eżiti edukattivi taġġhom marru għall-aġġar minħabba l-lockdown fit-tul fl-iskejġel. Abbażi tar-rapporti mill-Ispazzjoni tal-Iskola Ċeka, huwa stmat li 50 000 student għadhom lura u jeħtieġu tutoraġġ minħabba parteċipazzjoni insuffiċjenti fl-apprendiment online matul il-lockdown skolastiku ta' għaxar xhur. L-investment għandu l-għan li jipprevjeni aktar twessigħ tal-inugwaljanzi bejn l-istudenti u l-iskejġel xprunati minn żvantaġġi soċjali jew żvantaġġi oħra. It-

tutoring għandu jiġi pprovdut permezz ta' mill-inqas 500 000 reġistrazzjonijiet individwali għal korsijiet ta' tutoring mill-istudenti. Dan ifisser li l-istess student jista' jibbenefika minn korsijiet ta' tutela f'diversi suġġetti (eż., il-matematika, l-Ingliż). L-għan tal-miżura huwa li l-istudenti f'riskju ta' falliment fl-iskola jiġu mgħallma. L-iskejjel u l-għalliema jistgħu jiddeterminaw b'mod awtonomu liema studenti huma kkunsidrati f'riskju ta' falliment fl-iskola.

Għandha tiġi ppubblikata evalwazzjoni tal-impatti ta' din il-miżura (eż. kif il-miżura għenet biex jiġu restawrati d-drawwiet tat-tagħlim u jinkiseb l-għarfien preskritt mill-kurrikuli fil-matematika, fil-lingwa Ċeka u f'lingwa barranija.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

S.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
176	Riforma tal-1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forum ġodda ta' tagħlim u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Tnedija ta' programm għall-appoġġ tat-trasformazzjoni tal-universitajiet	Tnedija tal-programm mill-Ministeru tal-Edukazzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	Il-programm għandu jappoġġa l-adattament tal-universitajiet għal forum ġodda ta' tagħlim u l-introduzzjoni ta' programmi ġodda ta' studju. Is-setturi li għandhom jiġu appoġġati mill-programm għandhom jiġu identifikati abbażi ta' analiżi tad-data ekonomika, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali. L-enfasi għandha tkun fuq setturi li qed jikbru malajr u b'valur miżjud għoli li jbatu minn nuqqas ta' speċjalisti b'ħiliet għolja, bħaċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali, l-Industrija 4.0 jew is-servizzi tal-gvern elettroniku. L-oġettiv huwa li jiġu appoġġati mill-inqas 20 università.
177	Riforma tal-1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forum ġodda ta' tagħlim u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol	Tal-UE	Għadd ta' programmi ta' studju akkreditati ġodda		Għadd	0	35	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Mill-inqas 35 programmi ta' studju ġodda għandhom jirċievu akkreditazzjoni, li minnhom: <ul style="list-style-type: none"> - mill-inqas 15 programm ta' studju għandhom jaqgħu taħt is-setturi identifikati bħala setturi b'valur miżjud għoli li qed jikbru malajr u li jbatu minn nuqqas ta' speċjalisti b'ħiliet għolja; - mill-inqas 20 programmi ta' studju ġodda (Baċċellerat jew Master) għandu jkollhom profil professjonali.
178	Riforma tal-1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forum ġodda ta' tagħlim u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol	Tal-UE	L-għadd ta' korsijiet ġodda ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet		Għadd	0	20	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Mill-inqas 20 korsijiet ġodda ffukati fuq it-titjib tal-ħiliet jew it-taħriġ mill-ġdid (inklużi forum mikrokredenzjali) għandhom jinħolqu u jiġu offruti mill-universitajiet.

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
179	Investiment 1: Żvilupp ta' siti akkademiċi ewlenin magħżula	Stadju importanti	Għoti ta' kuntratti għall-bini ta' faċilitajiet universitarji ġodda	Notifika tal-għoti għall-bini ta' faċilitajiet universitarji ġodda				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Notifika tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għall-bini ta' faċilitajiet universitarji ġodda bl-objettiv ta' 100 000 m ² ta' żona universitarja ġdida inkluż tagħmir materjali, imqassma: <ol style="list-style-type: none"> Mephared 2 (Università ta' Charles, Hradec Králové) — 58 092 m² BIOCENTRUM (Università ta' Charles, Praga-Albertov) — 33 934 m² BiopharmaHub (Università Masaryk, Brno) — 19 035 m²
180	Investiment 1: Żvilupp ta' siti akkademiċi ewlenin magħżula	Tal-UE	Numru ta' metri kwadri ta' erja ġdida tal-università		għadd	0	100 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Mill-objettiv ġenerali li jinbnew 111 000 m ² , għandhom jinbnew mill-inqas 100 000 m ² ta' żoni universitarji ġodda.
181	Riforma tat-2: Appoġġ għal skejjel żvantaġġati	Tal-UE	Għadd ta' skejjel żvantaġġati appoġġati		Għadd	0	400	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-programm għandu jipprovdi appoġġ lil mill-inqas 400 skola bi proporzjon għoli ta' studenti żvantaġġati. L-appoġġ għandu jiffoka fuq it-taħriġ għall-għalliema biex jaħdmu ma' gruppi eteroġeni u studenti żvantaġġati. L-għażla tal-iskejjel għandha ssir mill-Istitut Nazzjonali tal-Pedagoġija f'kooperazzjoni mal-Ispezzjoni tal-Iskola Ċeka, abbażi ta' sett ta' kriterji, bħall-proporzjon ta' studenti żvantaġġati, il-proporzjon ta' studenti b'lingwi materni differenti u l-eżiti edukattivi tal-iskola.
182	Riforma tat-2: Appoġġ għal skejjel żvantaġġati	Stadju importanti	Proposta għal sistema ġdida ta' finanzjament tal-iskejjel skont l-iżvantaġġ soċjoekonomiku	Approvazzjoni mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-proposta għall-finanzjament tal-indiċi għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-programm ta' appoġġ għall-iskejjel żvantaġġati taħt ir-Riforma 2 (Appoġġ għal skejjel żvantaġġati). L-indiċi għandu jqis diversi indikaturi tal-vantaġġ soċjoekonomiku tal-iskejjel, bħar-riżultati edukattivi, il-proporzjon ta' studenti bi żvantaġġ soċjali jew żvantaġġ ieħor u l-proporzjon ta' studenti b'lingwa materna differenti.

Numru ta' NUM	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				proposta għal finanzjament tal-indiċi						
183	Investiment 2: Tutoraġġ tal-istudenti	Tal-UE	Numru ta' reġistrazzjonijiet individwali għal korsijiet ta' tutoraġġ		Għadd	0	500 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	<p>It-tutoraġġ għandu jiġi pprovdut permezz ta' mill-inqas 500 000 reġistrazzjonijiet individwali għal korsijiet ta' tutoraġġ mill-istudenti. It-tutoraġġ għandu l-għan li jgħin lill-istudenti f'riskju li ma jirmexxux fl-iskola jirrestawraw id-drawwiet tat-tagħlim u jiksbu l-għarfien preskritt mill-kurrikuli fil-matematika, il-lingwa Ċeka u lingwa barranija.</p> <p>Għandha tiġi ppubblikata evalwazzjoni tal-impatti ta' din il-miżura.</p>

T. KOMPONENT 3.3: MODERNIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI TAL-IMPJIEGI U L-IŻVILUPP TAS-SUQ TAX-XOGĦOL

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati diversi sfidi fil-qasam tas-suq tax-xogħol u l-kura soċjali. L-ewwel nett, għandha l-għan li żżid l-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol billi tiżviluppa l-ħiliet tagħha, b'mod partikolari fil-qasam diġitali. It-tieni, għandha l-għan li tindirizza l-inugwaljanzi persistenti bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa bi tfal żgħar fis-suq tax-xogħol. It-tielet, il-komponent għandu l-għan li jimmodernizza u jespandi s-servizzi soċjali f'konformità mal-prinċipji tad-deistituzzjonalizzazzjoni u l-għajxien indipendenti, kif deskritt fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni 2, 2019 speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha trawwem l-impjeg tan-nisa bi tfal żgħar, inkluż billi ttejjeb l-aċċess għall-indukrar tat-tfal affordabbli, u ta' gruppi żvantaġġati, u r-Rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 2020, li skontha ċ-Ċekja għandha tappoġġa l-impjiegi permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-għoti ta' ħiliet, inkluż il-ħiliet diġitali, u l-aċċess għat-tagħlim diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

T.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Żvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tippromwovi t-tagħlim tul il-ħajja fiċ-Ċekja. Ir-riforma tikkonsisti f'għadd ta' miżuri sistemiċi:

- it-twaqqif ta' mekkaniżmu tripartitiku, sal-31 ta' Marzu 2022, li jinvolvi lill-Ministeru tax-Xogħol, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, lil min iħaddem u lir-rappreżentanti tat-trade unions, biex jikkoordina l-iżvilupp ta' programmi ta' tagħlim tul il-ħajja f'konformità mad-domanda reali u antiċipata għall-ħiliet;
- il-ħolqien sal-31 ta' Diċembru 2023 ta' bażi tad-data ta' korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet li għandha żżid l-offerta ta' korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u ttejjeb it-tqabbil tal-provvista u d-domanda; il-baży tad-data għandha tinkludi kemm programmi ta' taħriġ mill-ġdid iċċertifikati skont l-Att dwar l-Impjiegi, iżda wkoll korsijiet offruti minn skejjel vokazzjonali u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja;
- l-espansjoni tal-gruppi fil-mira li jistgħu jipparteċipaw fit-taħriġ mill-ġdid organizzat mill-Uffiċċju tax-Xogħol għal persuni impjegati f'riskju ta' rikollokament u persuni impjegati li qed ifittxu titjib tal-ħiliet; dan huwa mistenni li jżid id-domanda għal edukazzjoni ulterjuri u l-adozzjoni tagħha;
- l-istabbiliment, sal-31 ta' Diċembru 2025, ta' mill-inqas 14 ċentru reġjonali ta' taħriġ (taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tax-Xogħol) mgħammra biżżejjed biex jipprovdu tagħlim tul il-ħajja fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali u l-Industrija 4.0; dan għandu jippermetti kooperazzjoni msaħħa ma' skejjel vokazzjonali reġjonali u provvista aktar flessibbli ta' korsijiet ta' taħriġ

mill-ġdid skont il-ħtiġijiet attwali tas-suq tax-xogħol reġjonali (mingħajr il-ħtieġa li jitressqu offerti għal programmi ta' rikwalifikazzjoni);

- emenda leġiżlattiva, sal-31 ta' Diċembru 2025, biex jiżiedu l-flessibbiltà u l-effettività tal-korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid organizzati mill-Uffiċċju tax-Xogħol u biex l-appoġġ jiġi mmirat aħjar lejn il-gruppi l-aktar vulnerabbli.

Il-miżuri ta' riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma tat-2: L-iżgurar ta' finanzjament sostenibbli tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li titrawwem id-disponibbiltà ta' indukrar tat-tfal affordabbli għat-tfal taħt it-tliet snin sabiex jiġi ffaċilitat ir-ritorn tal-ġenituri, b'mod partikolari tal-ommijiet, biex jaħdmu wara l-liv tal-ġenituri. Ir-riforma għandha tikkonsisti f'emenda tal-liġi dwar il-kura ta' qabel l-iskola, li għandha tiżgura finanzjament stabbli tal-faċilitajiet għat-tfal taħt it-tliet snin. L-emenda leġiżlattiva għandu jkollha wkoll l-għan li tiżgura aċċess għall-indukrar tat-tfal affordabbli għat-tfal taħt it-tliet snin fir-reġjuni kollha taċ-Ċekja.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma tat-3: Riforma tal-kura fit-tul

Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-isfida tal-governanza frammentata u l-finanzjament tal-kura fit-tul u proporzjon baxx ta' servizzi bbażati fil-komunità u bbażati fid-djar fiċ-Ċekja. Il-miżura tikkonsisti f'riforma leġiżlattiva, li għandu jkollha l-għan li tintegra l-kura tas-saħħa u l-kura soċjali fit-tul, tiżgura sistema stabbli ta' finanzjament adegwat ta' servizzi fit-tul ta' kwalità, tipprovdi inċentivi għal kura bbażata fil-komunità u kura fid-djar, tippermetti l-aċċess ta' fornituri privati u ttejjeb is-superviżjoni tal-kura soċjali. Sal-31 ta' Diċembru 2022, hija mistennija li tiġi stabbilita sistema għall-immappjar tal-ħtiġijiet soċjali u fit-tul u huwa mistenni li jiġi adottat pjan ta' azzjoni għad-deistituzzjonalizzazzjoni.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma tal-4: Riforma fil-kura tat-tfal f'riskju

Ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb is-servizzi tal-kura soċjali għat-tfal f'riskju, jiġifieri tfal li l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom ma jistgħux jiġu ssodisfati mir-riżorsi tal-familji tagħhom stess, bid-Dħul fis-seħħ tal-Emenda dwar l-Att dwar il-Protezzjoni Soċjali u Legali tat-Tfal u billi jiġi ristrett it-tqegħid ta' tfal taħt l-età ta' erba' snin f'kura istituzzjonali.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 1: Żvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol

Il-miżura għandha l-għan li żżid l-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol. Il-miżura tinkludi prinċipalment proġetti ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, b'enfasi fuq persuni b'kapaċità mnaqqsa li jadattaw għal kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu.

Il-provvista ta' ħiliet għandha, minn naħa, tiżgura l-provvista ta' ħaddiema tas-sengħa, li hija prerekwiżit għall-kompetittività, u min-naħa l-oħra tipprevjeni l-qgħad u trawwem il-koeżjoni soċjali. It-titjib tal-ħiliet jew it-taħriġ mill-ġdid għandhom jiġu pprovvduti sal-31 ta' Diċembru 2025 lil 130,000 persuna f'ħiliet diġitali jew ħiliet oħra meħtieġa mit-tranżizzjoni diġitali u l-Industrija

4.0. Minn dan in-numru, 65,000 persuna huma mistennija li jirċievu appoġġ permezz tal-Uffiċċju tax-Xogħol Ċek u 65,000 oħra għandhom jiġu appoġġati permezz ta' taħriġ professjonali pprovdut direttament mill-impjegaturi (għandha tingħata preferenza lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom) jew assoċjazzjonijiet professjonali, tan-negozju jew muniċipali.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2: Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal

L-investment għandu l-għan li jżid id-disponibbiltà tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal għal tfal taħt l-età ta' tliet snin. Dan għandu jgħin biex tiġi indirizzata l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa bi tfal żgħar fis-suq tax-xogħol u jnaqqas l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, li jissarrfu f'differenza għolja bejn il-ġeneri fl-impjiegi, fid-differenza fil-pagi u fid-differenza fil-pensjonijiet. L-investment għandu l-għan ukoll li jżid l-aċċess għall-indukrar tat-tfal għall-familji b'introju aktar baxx li ma jistgħux jaffordjaw is-servizzi eżistenti tal-indukrar tat-tfal, li jkompli jaggrava r-riskju tal-esklużjoni soċjali u l-eżiti edukattivi dgħajfa tat-tfal tagħhom. Huwa mistenni li l-investment għandu jżid l-għadd ta' gruppi ta' tfal u nurseries b' 40 %. L-investment għandu jinkludi:

- investment f'mixtliet ġodda. Mill-objettiv ġenerali li jiġu stabbiliti 435 mixtliet mixtliet ġodda, għandhom jinħolqu mill-inqas 391;
- ir-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet eżistenti biex jikkonformaw mal-istandards tekniċi l-ġodda (l-iġjene u s-sikurezza kontra n-nirien) stabbiliti bl-emenda tal-Att tal-Grupp dwar it-Tfal jew biex tiġi estiża l-kapaċità. Mill-objettiv ġenerali li jiġu rinnovati 370 faċilità, mill-inqas 333 għandhom jiġu rinnovati.
- L-investment f'kapaċitajiet ġodda għandu jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi billi jżid l-effiċjenza enerġetika kif deskritt fil-mira 190.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 3: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali

Din il-miżura għandha l-għan li tindirizza n-nuqqas ta' infrastruttura tal-kura soċjali u l-ħtieġa li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn kura soċjali u fit-tul ibbażata fil-komunità fir-Repubblika Ċeka.

L-investimenti għandhom jappoġġaw l-istabbiliment ta' infrastruttura addizzjonali tal-faċilitajiet tal-kura soċjali, jew permezz tar-rikostruzzjoni ta' bini eżistenti jew permezz ta' kostruzzjonijiet ġodda u l-iżvilupp tal-infrastruttura tas-servizzi soċjali għall-prevenzjoni u l-konsultazzjoni. Dawn il-proġetti ta' investment għandhom jiġu implimentati abbażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet territorjali; l-iżgurar li postijiet residenzjali ġodda u rinnovati jiżguraw progress lejn il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. L-investment f'ambjenti ta' kura fid-djar u bbażati fil-komunità għandu jiġi ppreferut u l-prinċipju tal-libertà tal-għażla u l-għajxien indipendenti għandu jiġi rrispettat għall-proġetti kollha ta' investment. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat progress lejn il-Konvenzjoni, l-Att dwar is-Servizzi Soċjali għandu jiġi emendat, b'mod partikolari f'oqsma marbuta mal-ispezzjonijiet tas-servizzi soċjali u mekkaniżmu tal-ilmenti għall-klijenti tas-servizzi soċjali.

L-investment f'kapaċitajiet ġodda għandu jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi billi jżid l-effiċjenza enerġetika kif deskritt fil-miri 194 u 195.

Barra minn hekk, mill-inqas 100 vettura elettrika u mhux aktar minn 151 ibridi rikarikabbli għandhom jinxtraw għal servizzi ta' prevenzjoni soċjali, konsulenza u kura fid-dar.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment 4: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura fil-qasam tal-kura tat-tfal f'riskju

L-investiment għandu l-għan li jindirizza l-infrastruttura insuffiċjenti tal-kura soċjali għat-tfal f'riskju u li jappoġġa l-proċess ta' tranżizzjoni lejn kura bbażata fil-komunità fir-Repubblika Ċeka. L-appoġġ għall-investiment jipprovdi infrastruttura tal-kura soċjali għat-tfal f'riskju permezz tar-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti, il-bini ta' faċilitajiet ġodda u/jew ix-xiri ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

T.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
184	Riforma tal-1: Żvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Stabbiliment tal-Kumitat tripartitiku għat-Taħriġ mill-Ġdid u t-Titjib tal-Ħiliet	Dħul fis-seħħ ta' digriet li jstabilixxi Kumitat permanenti għat-Taħriġ mill-Ġdid u t-Titjib tal-Ħiliet tal-Kunsill tal-Ftehim Ekonomiku u Soċjali (tripartitiku)				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2022	Il-Kumitat għat-Taħriġ mill-Ġdid u t-Titjib tal-Ħiliet għandu jikkoordina l-iżvilupp tat-tagħlim tul il-ħajja f'konformità mad-domanda reali u antiċipata għall-ħiliet. Għandu jikkonsisti mir-rappreżentanti tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Ispert, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trejdjunjins
185	Riforma tal-1: Żvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Impjiegi emendat li jżid l-effiċjenza tas-servizzi tal-impjiegi u l-immirar aħjar tal-aktar gruppi vulnerabbli	Dispożizzjoni fl-Att emendat dwar l-Impjiegi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att emendat dwar l-Impjiegi				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-liġi għandha <ul style="list-style-type: none"> Tiġi pprovduta definizzjoni ta' persuni żvantaġġati fis-suq tax-xogħol appoġġ immirat aħjar lejn il-gruppi l-aktar vulnerabbli (speċjalment il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni esklużi jew f'riskju ta' esklużjoni soċjali) iżżid il-flessibbiltà u l-effettività tal-korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid organizzati mill-Uffiċċju tax-Xogħol
186	Riforma tal-1: Żvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol	Stadju importanti	Bażi tad-data tal-korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet	Bażi tad-data pubblika ta' korsijiet ta' titjib tal-ħiliet				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Il-bażi tad-data għandha tinkludi programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid iċċertifikati skont l-Att dwar l-Impjiegi (ipprovdut mill-Uffiċċju tax-Xogħol) kif ukoll korsijiet offruti minn skejjel vokazzjonali, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				u ta' taħriġ mill-ġdid li bdew jitħaddmu						għolja u fornituri oħra
187	Investiment 1: Żvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol	Tal-UE	L-għadd ta' persuni li rċevew taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet fil-ħiliet u l-ħiliet diġitali meħtieġa għall-Industrija 4.0		Għadd	0	130 000	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2025	Mill-inqas 65 000 persuna għandhom jirċievu titjib tal-ħiliet jew taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali. Barra minn hekk, mill-inqas 65 000 persuna għandhom jirċievu titjib tal-ħiliet jew taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet meħtieġa għall-Industrija 4.0. L-appoġġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għandu jiġi pprovdut permezz tal-Uffiċċju tax-Xogħol Ċek jew permezz ta' taħriġ ibbażat fil-kumpanija pprovdut mill-impjegaturi jew mill-assoċjazzjonijiet professjonali, tan-negozju jew muniċipali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li tingħata preferenza lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom.
188	Riforma tal-1: Żvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol	Tal-UE	Għadd ta' ċentri reġjonali ta' taħriġ stabbiliti għall-promozzjoni tal-Industrija 4.0		Għadd	0	14	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2025	Għandhom jiġu stabbiliti, mgħammra u mħaddma mill-inqas 14 ċentri tat-taħriġ (ċentru wieħed għal kull reġjun). Iċ-ċentri għandhom jiġu stabbiliti mill-Uffiċċju tax-Xogħol. Dawn għandhom ikunu mgħammra biex jipprovdut korsijiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali u l-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn l-Industrija 4.0., f'kooperazzjoni mal-iskejjel vokazzjonali reġjonali.
189	Investiment 2: Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola	Tal-UE	Għadd ta' faċilitajiet preprimarji eżistenti rinnovati		Għadd	0	333	IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2026	Mill-oġġettiv ġenerali li jiġu rinnovati 370 faċilità, mill-inqas 333 għandhom jiġu rinnovati, biex jikkonformaw mal-istandards tekniċi l-ġodda stabbiliti bl-emenda tal-att Nru 247/2014 dwar il-forniment ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp ta' tfal (l-Att dwar il-Grupp dwar it-Tfal) jew biex tiġi estiża l-kapaċità.
190	Investiment 2: Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola	Tal-UE	Għadd ta' faċilitajiet ġodda ta' qabel l-iskola		Għadd	0	391	IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2026	Mill-oġġettiv ġenerali li jiġu stabbiliti 435 mixtliet mixtliet ġodda, għandhom jinħolqu mill-inqas 391, billi jinbena bini ġdid u jiġi rinnovat bini eżistenti. Mill-inqas 176 rinnovazzjoni tal-mixtliet (nursery) għandhom jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra u mill-

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>inqas 98 kostruzzjonijiet ġodda b' domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżit ta' bini b' użu ta' kważi żero enerġija.</p> <ul style="list-style-type: none"> Barra minn hekk, is-sejħa/sejħiet għal proġetti li jissodisfaw din il-mira għandha tirrikjedi waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: L-investiment jinkludi l-użu ta' appoġġ ta' għotja kif ġej: Il-proġetti għandhom ikunu kostruzzjonijiet ġodda b' domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-bini b' użu ta' kważi żero enerġija. Il-proġetti għandhom ikunu rinnovazzjonijiet li bħala medja jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra. Il-proġetti għandhom ikunu rinnovazzjonijiet oħra tal-effiċjenza enerġetika.
191	Investiment 2: Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola	Tal-UE	Għadd ta' postijiet ġodda fil-faċilitajiet ta' qabel l-iskola		Għadd	0	7430	IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2026	Il-ħolqien ta' mill-inqas 7430 post ġdid fil-faċilitajiet ta' qabel l-iskola għat-tfal taħt l-eżiġenzi ta' tliet snin. Dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu distinti mill-faċilitajiet iffinanzjati minn programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni.
192	Riforma tat-2: L-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar l-indukrar tat-tfal (emenda għall-Att Nru 247/2014 dwar il-forniment ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp ta' tfal)	Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-kura tat-tfal (emenda għall-Att Nru 247/2014 dwar il-forniment ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp ta' tfal) li				IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2023	<p>Il-liġi dwar l-indukrar tat-tfal ta' qabel l-iskola (emenda għall-Att Nru 247/2014 dwar il-forniment ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp ta' tfal) għandha</p> <ul style="list-style-type: none"> jiġi iżgurati finanzjament stabbli tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola għat-tfal taħt it-tliet snin jimmiraw li jiżguraw aċċess għal indukrar tat-tfal affordabbli għal tfal taħt it-tliet snin fir-reġjuni kollha.

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi						
193	Riforma tat-3: Riforma tal-kura fit-tul	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-kura fit-tul	Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-kura fit-tul li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	<p>Il-liġi dwar il-kura fit-tul għandha</p> <ul style="list-style-type: none"> jimmiraw lejn l-integrazzjoni tal-kura tas-saħħa u l-kura soċjali fit-tul; jiżguraw standards ta' kwalità għolja għat-tipi kollha ta' servizzi tal-kura fit-tul; jippromwov u kura bbażata fil-komunità u kura fid-djar li jiżguraw għajxien indipendenti f'ambjent naturali; jiżguraw sistema stabbli ta' finanzjament adegwat tas-servizzi tal-kura fit-tul, inkluż għall-kura bbażata fil-komunità u fid-djar; tiddefinixxi regoli dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tal-kura, ir-rekwiżiti għall-persunal (inklużi l-kwalifiki) u t-tagħmir; jippermettu l-aċċess tal-fornituri privati tal-LTC filwaqt li japplikaw l-istess regoli u standards ta' kwalità għall-fornituri kollha.
194	Investiment 3: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali	Tal-UE	T1: L-għadd ta' faċilitajiet residenzjali, outpatient, ta' sensibilizzazzjoni, ta' prevenzjoni u ta' konsulenza bbażati fil-komunità mibnija jew mibnija mill-ġdid		Għadd ta' faċilitajiet	0	94	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	<p>Għandhom jinħolqu mill-inqas 94 faċilità, li minnhom mill-inqas 42 faċilità għandhom jiġu rinnovati li jiksbu medja ta' ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra u mill-inqas 32 għandhom ikunu kostruzzjonijiet ġodda b' domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija.</p> <p>Barra minn hekk, is-sejħa/sejħiet għal proġetti li jissodisfaw din il-mira għandha tirrikjedi waħda jew aktar minn dawn li</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> Il-proġetti għandhom ikunu kostruzzjonijiet ġodda b' domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-bini b' użu ta' kważi zero enerġija.; Il-proġetti għandhom ikunu rinnovazzjonijiet li bħala medja jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra. Il-proġetti għandhom ikunu rinnovazzjonijiet oħra tal-effiċjenza enerġetika. <p>Is-sejħa/sejħiet għandhom jirrikjedu wkoll li l-proġetti jiżguraw progress lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b' diżabilità f' konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità, b' mod partikolari l-prinċipji tal-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità, b' mod partikolari l-libertà tal-għażla ta' fejn u ma' min jgħix, il-kontroll fuq l-attivitajiet ta' kuljum u l-aċċess għas-servizzi fil-komunità.</p>
273	Investiment 3: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali	Stadju importanti	Emenda tal-Att dwar is-Servizzi Soċjali dwar l-ispezzjonijiet u l-ilmenti	L-att emendat dwar is-Servizzi Soċjali u l-metodoloġija tal-ispezzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	<p>L-att dwar is-Servizzi Soċjali għandu jiġi emendat u l-emenda għandha tidħol fis-seħħ. Għandha tiġi adottata metodoloġija vinkolanti għall-ispezzjoni tas-servizzi soċjali, L-att jew il-metodoloġija għandhom jippreskrivu li l-ispezzjonijiet jispezzjonaw it-tweġiq tal-obbligi skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità fil-forniment ta' servizzi soċjali.</p> <p>Barra minn hekk, bħala spezzjonijiet pilota skont ir-regoli l-ġodda, is-servizzi soċjali pprovduti fi kwalunkwe faċilità b' kapaċità ta' aktar minn 25 persuna ffinanzjati mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandhom jiġu spezzjonati. Is-servizzi soċjali fejn l-ispezzjonijiet sabu xi nuqqasijiet għandhom jimpenjaw ruħhom għal pjan li jikkoreġi dawn in-</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>nuqqasijiet fi żmien sena.</p> <p>Barra minn hekk, l-Att dwar is-Servizzi Soċjali emendat għandu jstabbilixxi wkoll mekkaniżmu tal-ilmenti tas-servizz soċjali li jiżgura mill-inqas li:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Il-klijenti, il-kustodji legali tal-klijenti u l-membri tal-familja għandhom id-dritt li jressqu lmenti dwar is-servizzi soċjali lill-fornitur tagħhom. • L-ilmentaturi għandhom id-dritt li jiġu infurmati kif ġie solvut l-ilment. • L-ilmentaturi għandhom id-dritt li jappellaw quddiem korp indipendenti mill-fornitur tas-servizz; u l-korp għandu jikkunsidra l-appelli kemm fuq il-mertu kif ukoll fuq il-proċess. • Il-fornituri tas-servizzi kif ukoll il-korp jew il-korpi tal-appell rilevanti għandhom iżommu rekord tal-ilmenti riċevuti. <p>Il-mekkaniżmu tal-ilmenti tas-servizzi soċjali għandu l-għan li jikkorrispondi b'mod wiesa' mal-mekkaniżmu tal-ilmenti tas-servizz tas-saħħa.</p> <p>L-emenda/i tal-Att dwar is-Servizzi Soċjali u l-metodoloġija tal-ispezzjoni għandhom jiġu diskussi u maqbula mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
195	Investiment 3: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali	Tal-UE	T2: L-għadd ta' faċilitajiet residenzjali, outpatient, ta' sensibilizzazzjoni, ta' prevenzjoni u ta' konsulenza bbażati fil-komunità mibnija jew mibnija mill-ġdid	Għadd ta' faċilitajiet	94	228	IT-TIENI TRIMESTRU U TAT-2	2026	<p>Għandhom jinħolqu mill-inqas 228 faċilità, li minnhom: għandhom jiġu rinnovati mill-inqas 100 faċilità li bħala medja jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra u mill-inqas s-76 għandhom ikunu kostruzzjonijiet ġodda b' domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % taħt ir-reqwizit ta' bini b' użu ta' kważi zero enerġija.</p> <p>Barra minn hekk, is-sejħa/sejħiet għal proġetti li jissodisfaw din il-mira għandha tirrikjedi waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> Il-proġetti għandhom ikunu kostruzzjonijiet ġodda b' domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % inqas mir-reqwizit tal-bini b' użu ta' kważi zero enerġija Il-proġetti għandhom ikunu rinnovazzjonijiet, li bħala medja jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra. Il-proġett għandu jkun rinnovazzjonijiet oħra tal-effiċjenza enerġetika. <p>Is-sejħa/sejħiet għandhom jirrikjedu wkoll li l-proġetti jiżguraw progress lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b' diżabilità f' konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità, b' mod partikolari l-prinċipji tal-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità, b' mod partikolari l-libertà tal-għażla ta' fejn u ma' min jgħix, il-kontroll fuq l-attivitajiet ta' kuljum u l-aċċess għas-servizzi fil-komunità.</p> <p>Il-miżura għandha l-għan li żżid il-kapaċità tas-servizzi biex iservu 3 958 klijent aktar milli kien ikun possibbli mingħajr il-faċilitajiet.</p>	

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
196	Investiment 3: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali	Tal-UE	T1: L-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi mixtrija għal servizzi ta' prevenzjoni soċjali, konsulenza u kura fid-djar		Għadd	0	120	IT-TIENI TRIMESTRU U TAL-4	2024	Għandhom jinxtrow mill-inqas 120 vettura b'emissjonijiet baxxi, li minnhom: <ul style="list-style-type: none"> mill-inqas 40 karożżi elettriċi bil-batterija massimu ta' 80 karożza ibrida rikarikabbli
197	Investiment 3: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali	Tal-UE	T2: L-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi mixtrija għal servizzi ta' prevenzjoni soċjali, konsulenza u kura fid-djar		Għadd	120	251	IT-TIENI TRIMESTRU U TAT-2	2025	Għandhom jinxtrow mill-inqas 251 vettura b'emissjonijiet baxxi, li minnhom: <ul style="list-style-type: none"> mill-inqas 100 karożżi elettriċi bil-batterija massimu ta' 151 karożza ibrida rikarikabbli
274	Investiment 4: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali tat-tfal	Stadju importanti	Sejħa għal proġetti ppubblikata għall-akkomodazzjoni għat-tfal f'riskju	Sejħa				IT-TIENI TRIMESTRU U TAL-1	2024	Mill-inqas sejħa waħda għal proġetti għandha tiġi ppubblikata għall-akkwist ta' akkomodazzjoni għat-tfal f'riskju. Is-sejħa/sejħiet rilevanti għandha teħtieġ li: <ol style="list-style-type: none"> Kull unità ta' akkomodazzjoni ma għandhiex tkun akbar minn 200 m² u għandu jkollha kmamar tas-sodda ddisinjati għal mhux aktar minn żewġ itfal. Il-kmamar tas-sodda ddisinjati għal żewġ itfal ma għandhomx ikunu iżgħar minn 12.25 m² u l-kmamar tas-sodda ddisinjati għal tifel wieħed ma għandhomx ikunu iżgħar minn 8 m². L-unitajiet ta' akkomodazzjoni għandhom jintużaw minn tfal f'riskju fi żmien massimu ta' 12 xhur minn meta jinxtrow. L-unitajiet ta' akkomodazzjoni għandhom jintużaw għal skopijiet soċjali għal mill-inqas 10 snin.

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
275	Investiment 4: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali tat-tfal	Stadju importanti	Sejħa għal proġetti ppubblikata għal faċilitajiet għat-tfal f'riskju	Sejħa għal proġetti				IT-TIENI TRIMESTRU U TAL-1	2024	<p>Mill-inqas sejħa waħda għal proġetti għandha tiġi ppubblikata għar-rinnovazzjoni jew il-bini ta' faċilitajiet għat-tfal f'riskju. Is-sejħa/sejħiet rilevanti għandha teħtieġ li:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Kull faċilità għandha tikkonsisti f'mhux aktar minn tliet appartamenti, kull apartment għandu jkun iddisinjat għal mhux aktar minn sitt itfal u għal kull apartment, l-aktar 2. Il-kmamar tas-sodda ddisinjati għal żewġ itfal ma għandhomx ikunu iżgħar minn 12.25 m² u l-kmamar tas-sodda ddisinjati għal tifel wieħed ma għandhomx ikunu iżgħar minn 8 m². 3. Ir-rinnovazzjonijiet kollha għandhom jinkludu mill-inqas rinnovazzjonijiet oħra tal-effiċjenza enerġetika. 4. Il-kostruzzjonijiet ġodda kollha għandu jkollhom domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' kważi zero enerġija. 5. Il-faċilitajiet għandhom jintużaw għal skopijiet soċjali għal mill-inqas 10 snin.
276	Riforma tal-4: Riforma tal-kura residenzjali u soċjali għat-tfal u l-familji vulnerabbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' Emenda għall-Att dwar il-Protezzjoni Soċjali u Legali tat-Tfal	Att ġuridiku				IT-TIENI TRIMESTRU U TAL-4	2024	<p>L-emendi għall-Att dwar il-Protezzjoni Soċjali u Legali tat-Tfal għandhom jidħlu fis-seħħ, filwaqt li jiżguraw li:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. it-tqegħid ta' tfal taħt l-4-il sena f'kura istituzzjonali huwa pprojbit, b'mhux aktar minn żewġ eċċezzjonijiet: I) ma jdumux aktar minn (l-aktar) xahrejn; II) tfal fil-kategorija tal-intensità tal-kura 3 jew 4. 2. Il-kura istituzzjonali ("dětské domovy pro děti do 3 let věku") għat-tfal taħt l-4-il sena hija abolita
277	Investiment 4: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura	Tal-UE	Żona ta' akkomodazzjoni għat-tfal f'riskju akkwistat — l-1 lott		Unitajiet domestiċi	0	1800	IT-TIENI TRIMESTRU U TAL-1	2025	<p>Mill-inqas 1 800 m² ta' erja ta' akkomodazzjoni għandha tiġi akkwistata bħala akkomodazzjoni għat-tfal f'riskju f'konformità mas-sejħa/sejħiet għal proġetti fl-istadju importanti 274 jew sejħa oħra li tissodisfa l-istess rekwiżiti.</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-kura soċjali tat-tfal									
278	Investiment 4: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali tat-tfal	Tal-UE	Żona ta' akkomodazzjoni għat-tfal f'riskju akkwistat — it-2 lott		Unitajiet domestiċi	1800	5580	IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2025	Mill-inqas 3 780 m ² ta' erja ta' akkomodazzjoni addizzjonali għandha tinkiseb bħala akkomodazzjoni għat-tfal f'riskju f'konformità mas-sejħa/sejħiet għal proġetti fl-istadju importanti 274 jew sejħa oħra li tissodisfa l-istess rekwiżiti.
279	Investiment 4: Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali tat-tfal	Tal-UE	Il-kapaċità tal-faċilitajiet għat-tfal f'riskju		Postijiet	0	237	IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2026	Għandu jkun hemm mill-inqas 237 postijiet fil-faċilitajiet għat-tfal f'riskju mibnija jew rinnovati f'konformità mas-sejħa għal proġetti fl-istadju importanti 275 jew sejħa oħra li tissodisfa l-istess rekwiżiti. Mill-237 post, mill-inqas 35 % għandhom jiġu rinnovati u jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra.

U. KOMPONENT 4.1: APPOĠĠ SISTEMIKU GĦALL-INVESTIMENT PUBBLIKU

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjoni pubblika fiċ-Ċekja. L-għan tal-komponent huwa li jipprovdi appoġġ metodoloġiku għat-tnejjija ta' proġetti, li jimmodernizza l-qafas strateġiku u l-kapaċitajiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku, li jappoġġa t-tnejjija ta' proġetti ta' investiment u li jżid l-għadd ta' persunal li jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza fiċ-Ċekja.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-investiment u tappoġġa aktar kompetizzjoni bbażata fuq il-kwalità fl-akkwist pubbliku, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2020, li skontha ċ-Ċekja għandha tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi tagħmel użu akbar mill-istrumenti finanzjarji biex tiżgura appoġġ ta' likwidità, tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb il-Gvern elettroniku.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

U.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Appoġġ metodoloġiku għat-tnejjija ta' proġetti f'konformità mal-objettivi tal-UE

Ir-riforma tikkonsisti f'bidliet istituzzjonali u proċedurali u għandha l-għan li tipprovdi bini tal-kapaċità kif ukoll appoġġ metodoloġiku u ta' informazzjoni lill-investituri pubbliċi eż. muniċipalitajiet, reġjuni jew korporazzjonijiet li huma proprjetà ta' entitajiet pubbliċi li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi. Dan l-appoġġ metodoloġiku u ta' informazzjoni għandu jiġi pprovdut miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni u Kompetenza stabbilit. Ir-riforma għandha tiffoka fuq l-adozzjoni tal-pjan ta' ġestjoni taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni u Kompetenza b'deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet appoġġati u l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tagħhom.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma tat-2: Appoġġ metodoloġiku u modernizzazzjoni tal-investiment pubbliku

Ir-riforma tikkonsisti f'bidliet istituzzjonali u proċedurali u għandha l-għan li tappoġġa t-tnejjija u l-adozzjoni ta' strateġija ġdida tal-akkwist pubbliku u pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għandhom jiffukaw mill-inqas fuq il-prijoritajiet li ġejjin: il-professionalizzazzjoni tal-awtoritajiet kontraenti, ix-xiri sostenibbli, iċ-ċentralizzazzjoni u x-xiri konġunt.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2024.

Riforma tat-3: Appoġġ finanzjarju għat-thejjja ta' proġetti f'konformità mal-oġġettivi tal-UE

Ir-riforma tikkonsisti f'bidliet istituzzjonali u proċedurali u għandha l-għan li tħejji mill-inqas 90 proġett, inkluż mill-inqas 72 li għandhom ikunu finali biżżejjed biex jiġu ppreżentati f'sejħiet għal proposti taħt sorsi differenti ta' finanzjament.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma tal-4: Iż-żieda fl-effettività u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Ir-riforma tikkonsisti f'bidliet istituzzjonali u proċedurali u għandha l-għan li ssahhañ il-kapaċità amministrattiva għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjan Ċek għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għandhom jiġu impjegati persuni ekwivalenti full-time ġodda biex jappoġġaw l-attivitajiet strateġiċi, analitiċi, ta' koordinazzjoni, ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' komunikazzjoni tal-korpi involuti fl-implimentazzjoni tal-Pjan, inklużi l-koordinazzjoni u l-awditjar tiegħu. Għandhom jiġu appoġġati wkoll il-kampanja ta' komunikazzjoni u tal-midja kif ukoll funzjonalitajiet ġodda tas-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

U.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
280	Riforma tal-1: Appoġġ metodoloġiku għat-tħejjija ta' proġetti f'konformità mal-oġġettivi tal-UE	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni u Kompetenza u l-adozzjoni tal-pjan ta' ġestjoni tiegħu.	Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni u Kompetenza huwa stabbilit u l-pjan ta' ġestjoni tiegħu jiġi adottat				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni u Kompetenza għandu jiġi stabbilit biex jipprovdi appoġġ metodoloġiku għat-tħejjija ta' proġetti f'konformità mal-oġġettivi tal-UE. Il-pjan ta' ġestjoni għandu jinkludi deskrizzjoni tal-attivitajiet ippjanati ta' Ċentru bl-iskeda ta' żmien ta' tħejjija tagħhom. L-attivitajiet għandhom jinkludu mill-inqas it-tħejjija ta' dokumenti ta' gwida, taħriġ, disseminazzjoni u appoġġ għal awtoritajiet oħra.
281	Riforma tat-2: Appoġġ metodoloġiku u modernizzazzjoni tal-investment pubbliku	Stadju importanti	Adozzjoni mill-Gvern tar-Repubblika Ċeka ta' strateġija ġdida dwar l-akkwist pubbliku u pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha	L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni adottati				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Għandhom jiġu adottati strateġija ġdida għall-akkwist pubbliku u pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għandhom jiffukaw mill-inqas fuq il-prijoritajiet li ġejjin: il-professionalizzazzjoni tal-awtoritajiet kontraenti, ix-xiri sostenibbli, iċ-ċentralizzazzjoni u x-xiri konġunt. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi skeda ta' żmien u oġġettivi għall-implimentazzjoni ta' oqsma prijoritarji elaborati fl-istrateġija.
282	Riforma tat-3: Appoġġ finanzjarju għat-tħejjija ta' proġetti f'konformità mal-oġġettivi tal-UE	Tal-UE	Għadd ta' proġetti mħejjija għall-implimentazzjoni		Għadd	0	30	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Għandhom jitħejjew 30 proġetti għall-implimentazzjoni. Mhux inqas minn 24 proġett għandhom jiġu ppreżentati f' sejħiet għal propositi. Il-proġetti li jkunu qed jitħejjew għandhom ikunu konformi mal-prinċipju tad-DNSH kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01).
283	Riforma tat-3: Appoġġ finanzjarju għat-tħejjija ta' proġetti f'konformità mal-oġġettivi tal-UE	Tal-UE	Għadd ta' proġetti mħejjija għall-implimentazzjoni		Għadd	30	90	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jitħejjew 90 proġetti għall-implimentazzjoni. Mhux inqas minn 72 proġett għandhom jiġu ppreżentati f' sejħiet għal propositi. Il-proġetti li jkunu qed jitħejjew għandhom ikunu konformi mal-prinċipju tad-DNSH kif stabbilit fil-

Numru ta' N.U.M.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01).
284	Riforma tal-4: Iż-żieda fl-effettività u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza	Stadju importanti	Approvazzjoni ta' riżoluzzjoni tal-gvern dwar iż-żieda tal-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (deċiżjoni ta' sistematizzazzjoni) u l-approvazzjoni tal-baġit relatat	Deċiżjoni approvata tal-gvern dwar iż-żieda tal-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-pjan u tal-baġit relatat				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	Għandha tiġi approvata r-riżoluzzjoni (jiet) tal-gvern li tidderieġi lill-Ministru tal-Intern biex iżid il-kapaċità amministrattiva biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Huwa għandu <ul style="list-style-type: none"> a) tinkludi s-sistematizzazzjoni (jiet) tal-pożizzjonijiet fil-ministeri rilevanti (sidien tal-komponenti) u fl-entitajiet ta' implimentazzjoni; b) talloka fondi għall-prefinanzjament mill-baġit tal-Istat c) tiżdied il-kapaċità għall-implimentazzjoni tal-NPO permezz tal-użu ta' ftehim biex jitwettaq ix-xogħol. Il-finanzjament mill-baġit nazzjonali għall-prefinanzjament tal-pożizzjonijiet allokati mid-deċiżjoni ta' sistematizzazzjoni għandu jiġi approvat mill-gvern.
285	Riforma tal-4: Iż-żieda fl-effettività u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza	Tal-UE	Żieda fl-għadd ta' persuni li jaħdmu fuq il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza sal-2023		Persuni ekwivalenti għal full-time	217	338	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Mill-inqas 338 persuna ekwivalenti għal full-time għandhom jaħdmu fuq il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
286	Riforma tal-4: Iż-żieda fl-effettività u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza	Stadju importanti	Pjan approvat għall-media u l-komunikazzjoni għall-Pjan rivedut għall-Irkupru u r-Reżiljenza	Pjan tal-media u ta' komunikazzjoni approvat għall-Pjan rivedut għall-Irkupru u r-Reżiljenza				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Għandu jiġi adottat aġġornament tal-pjan tal-media u ta' komunikazzjoni għall-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza rivedut.

Num ru ta' NU M.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
287	Riforma tal-4: Iż-żieda fl-effettività u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza	Stadju importanti	Aġġornament tas-sistema ta' repożitorju (AIS)	Is-sistema repożitorja aġġornata (AIS) issir disponibbli għall-korpi li jimplimentaw l-RRP				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Is-sistema repożitorja aġġornata għandha tkun fis-seħħ u operattiva. Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, l-elementi ġodda li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> a. Stadji importanti u miri ġodda u modifika tad-data tal-istadji importanti/tal-miri eżistenti; b. Funzjonalitajiet ġodda marbuta mal-ħolqien ta' rapporti statistiċi; c. l-iżvilupp tas-sistema skont ir-reqwiziti ta' rappurtar addizzjonali.
288	Riforma tal-4: Iż-żieda fl-effettività u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza	Tal-UE	Żieda fl-għadd ta' persuni li jaħdmu fuq il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza sal-2024		Persuni ekwivalenti għal full-time	338	470	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Mill-inqas 470 persuna ekwivalenti għal full-time għandhom jaħdmu fuq il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza

V. IL-KOMPONENT 4.2: STRUMENTI ĠODDA TA' KWAŻI EKWITÀ GĦALL-PROMOZZJONI TAL-INTRAPRENDITORIJA U L-IŻVILUPP TAL-BANK ĊEĠU-MORAVU TAL-GARANZIJA U L-IŻVILUPP (ĊMZRB) BĦALA BANK NAZZJONALI GĦALL-IŻVILUPP

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi li jikkonċernaw l-aċċess għall-finanzjament mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

L-objettivi tal-komponent huma l-estensjoni tal-linja tal-prodott ta' ĊMZRB biex tinkludi strument ġdid ta' kważi ekwità u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' ĊMZRB għall-implimentazzjoni tiegħu, inkluż it-tfassil ta' proċeduri regolatorji interni u sistemi tal-IT. Parti integrali tar-riforma għandha tkun li tiġi aġġornata l-istrateġija ĊMZRB biex tinkludi prinċipji għal finanzjament sostenibbli f'konformità mal-objettivi ambjentali tal-UE bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi jsir użu akbar mill-istrumenti finanzjarji biex jiġi żgurat appoġġ ta' likwidità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

V.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: L-iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravian bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp

L-għan tar-riforma huwa li tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' ĊMZRB bħala bank nazzjonali tal-iżvilupp, il-kapaċità tiegħu li jimplementa strumenti finanzjarji, speċjalment dawk li jappoġġaw l-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Ir-riforma għandu jkollha l-għan li tikkompleta l-objettivi li ġejjin:

- L-aġġornament tal-istrateġija ĊMZRB biex jiġu inklużi prinċipji għal finanzjament sostenibbli f'konformità mal-objettivi ambjentali tal-UE.
- It-tisħiħ tar-riżorsi istituzzjonali u umani biex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tat-tip il-ġdid ta' strumenti finanzjarji, inkluż permezz tal-aġġustament tal-proċeduri regolatorji interni tas-sistemi tal-IT għall-prodott il-ġdid.
- L-iżvilupp ta' metodoloġija għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-proġetti li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-gwida teknika (2021/C58/01) ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) u mal-kriterji tal-it-tagħjar ekoloġiku kif stabbiliti skont l-Anness VI tar-Regolament RRF, li jippermettu l-appoġġ ta' attivitajiet b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 % jew 100 %.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Investiment 1: L-iżvilupp ta' linja ġdida ta' strumenti ta' kważi ekwità li jappoġġaw l-intraprenditorija

L-incentivtal-investment huwa li jiġi pprovdut appoġġ fl-ammont ikkombinat ta' EUR 32 400 000 għal mill-inqas 30 proġett li jissodisfaw il-kriterji ambjentali u klimatiċi abbażi tal-metodoloġija l-ġdida, f'konformità mal-istrateġija l-ġdida ta' nofs it-terminu taċ-ĊMZR u kif żviluppata taħt il-parti tar-Riforma u wara proċedura tal-għażla trasparenti u kompetittiva. L-appoġġ iprovdut skont il-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jimmobilizza l-kapital privat bħala kofinanzjament privat u, fuq terminu itwal, iżid il-kapital ewlieni taċ-ĊMZR disponibbli għal aktar finanzjament tad-ditti permezz tal-istrumenti finanzjarji.

Iċ-Ċekja għandha tlesti l-miżuri li ġejjin:

- Il-konklużjoni ta' ftehim ta' finanzjament bejn ĊMZR u l-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ, li jistabbilixxi b'mod ċar li l-proġetti appoġġati minn ĊMZR skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jikkonformaw mal-obiettivi tar-Regolament (UE) 2021/241, inklużi l-kriterji tad-DNSH u tat-tikkettar ekoloġiku, kif ukoll li sal-31 ta' Diċembru 2026 ir-rimborżi mill-istrument ta' kważi ekwità l-ġdid għandhom jergġu jintużaw biss għall-finijiet ta' dan l-istrument.
- L-estensjoni tal-linji tal-prodott ĊMZR għal strumenti ġodda ta' kważi ekwità li jappoġġaw lill-SMEs (self intermedju). L-istrument il-ġdid għandu jkun strument ta' kważi ekwità fis-sens ta' subordinazzjoni għad-dejn superjuri tiegħu, iżda għandu jipprovi għal finanzjament speċifiku għall-proġett.
- L-għoti ta' għajjuna li tammonta għal total ta' mill-inqas EUR 32 400 000 miljun (30 proġetti) permezz tal-finanzjament ta' investimenti li jkunu konformi mal-Gwida teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) (2021/C58/01) u b'koeffiċjent tal-klima ta' 40 % jew 100 % permezz ta' strumenti ta' kważi ekwità, wara proċedura trasparenti u kompetittiva.
- Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim legali bejn il-Ministeri tal-Industrija u l-Kummerċ u ĊMZR u l-politika ta' investment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandu:
 - i. jirrikjedu l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u għal
 - ii. teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²¹; (II) attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²²; (III) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi²³ u impjanti tat-trattament

²¹ Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

²² Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²³ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- mekkaniku bijologiku²⁴; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u għal
- iii. jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju mill-entità fdata jew mill-intermedjarju finanzjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

Sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet ikunu konformi mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kriterji tal-għażla għandhom jirrikjedu li l-attivitajiet appoġġati jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-oqsma ta' intervent applikabbli tal-Anness VI ta' dak ir-Regolament (b'koeffiċjent ta' 40 % jew 100 %).

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

²⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

V.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' N.U.M.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
198	Riforma tal-1: L-iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravian bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp	Stadju importanti	Adozzjoni tal-istrateġija fuq terminu medju tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravi (ĊMZRB) approvata mill-azzjonisti tal-bank (irrappreżentati mill-Ministeri tal-Industrija u l-Kummerċ, il-Finanzi u l-Iżvilupp Lokali)	Adozzjoni tal-istrateġija fuq terminu medju tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravi (ĊMZRB)				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	L-istrateġija l-għda għandha tiġi approvata mill-azzjonisti tal-bank: Ministeri tal-Industrija u l-Kummerċ, il-Finanzi u l-Iżvilupp Lokali). Dan għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-iżgurar tal-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
199	Riforma tal-1: L-iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravian bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp	Stadju importanti	Twettiq ta' mudell ta' ġestjoni għall-istrument għdid ta' kważi ekwità	Approvazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni u tar-regolamenti interni għall-ġestjoni tat-tip il-għdid ta' strumenti finanzjarji mill-Bord				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	L-istadju importanti għandu jinkiseb permezz tal-approvazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni u r-regolamenti interni għall-ġestjoni ta' tip għdid ta' strumenti finanzjarji mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravian (ĊMZRB). Ir-regoli l-għda għandhom jinkludu kundizzjonijiet u metodi ta' evalwazzjoni tal-proġetti li jiżguraw il-konformità mal-Gwida teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) (2021/C58/01) u mar-rekwiżiti tal-oqsma ta' intervent applikabbli tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 (b'koeffiċjent ta' 40 % jew 100 %). Ir-regoli l-għda għandhom jiġu kkonsultati mal-entitajiet tas-suq u l-konsulenti professjonali.

Num ru ta' NU M.	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				tad-Diretturi tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravi (ČMZRB)						
200	Investiment 1: L-iżvilupp ta' linja ġdida ta' strumenti ta' kważi ekwità li jappoġġaw l-intraprenditorija	Stadju importanti	Ftehim ta' finanzjament mal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravi bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp (ČMZRB)	L-iffirmar tal-Ftehim ta' finanzjament				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	<p>L-istadju importanti għandu jinkiseb mal-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravi bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp (ČMZRB) u l-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Il-Ftehim għandu jinkludi: 1) il-politika ta' investiment, 2) il-kriterji ta' eliġibbiltà, 3) il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tal-benefiċjarji appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.</p> <p>Il-kriterji tal-għażla għandhom jirrikjedu li l-attivitajiet appoġġati jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-oqsma ta' intervent applikabbli tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 (b'koeffiċjent ta' 40 % jew 100 %). Il-Ftehim ta' finanzjament għandu jispjefika li l-użu ta' rimborżi mill-istrument finanzjarju għall-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeki Moravian bħala l-Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp (ČMZRB) għandu jseħħ biss wara l-2026.</p>
201	Investiment 1: L-iżvilupp ta' linja ġdida ta' strumenti ta' kważi ekwità	Tal-UE	Investiment ta' total ta' EUR 32 400 000 fi strumenti ta' kważi ekwità li jappoġġaw		EUR	0	32 400 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	<p>L-investment għandu jappoġġa b'ammont ta' EUR 32 400 000 mill-inqas 30 proġetti sa tmiem l-2025, f'konformità mal-politika ta' investiment, wara proċedura ta' għażla trasparenti u kompetittiva.</p> <p>Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-Gwida teknika</p>

Num ru ta' NU M.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	li jappoġġaw l-intraprenditorija		proġetti sostenibbli tal-SMEs							(2021/C58/01) "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) u mar-rekwiżiti rilevanti tal-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 (b'koeffiċjent ta' 40 % jew 100 %.

W. KOMPONENT 4.3: RIFORMI KONTRA L-KORRUZZJONI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni tar-Repubblika Ċeka permezz tal-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-informaturi u r-regolament dwar il-lobbjar. Ir-riforma għandu jkollha wkoll l-għan li tibni bażijiet ta' data analitiċi dwar il-korruzzjoni, li sussegwentement jistgħu jintużaw fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri aktar effettivi u mmirati aħjar kontra l-korruzzjoni. Il-komponent jinkludi wkoll riforma tal-ġudikatura li għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas leġislattiv u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali ġudizzjarji.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 1, 2019, li skonthom iċ-Ċekja għandha tadotta miżuri pendenti kontra l-korruzzjoni.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

W.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Protezzjoni tal-informaturi

Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb is-salvagwardji legali għall-informaturi u ttejjeb il-perċezzjoni tal-informaturi fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika u fis-soċjetà ċivili. Hija prevista leġislazzjoni ġdida biex tiżgura protezzjoni effettiva tal-informaturi kontra r-ritaljazżjoni fuq il-post tax-xogħol, li tistabbilixxi kanali ta' rapportar interni għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta minn istituzzjonijiet pubbliċi, muniċipalitajiet u kumpaniji kbar. Għandha tiġi stabbilita sistema ta' notifika esterna għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta fil-Ministeru tal-Ġustizzja. Sabiex tittejjeb il-perċezzjoni tal-informaturi, għandha titwettaq kampanja ta' sensibilizzazzjoni mmirata kemm għall-amministrazzjoni pubblika kif ukoll għall-ġudikatura, kif ukoll għall-pubbliku ġenerali.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma tat-2: It-tisħiħ tal-qafas leġislattiv u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali ġudizzjarji

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tiġi stabbilita sistema trasparenti u uniformi ta' reklutaġġ u għażla tal-imħallfin u tad-detenturi ta' karigi ġudizzjarji bbażata fuq kriterji preċiżi, oġġettivi u uniformi. Barra minn hekk, ir-riforma għandha l-għan li tirregola f'aktar dettall l-attivitajiet anċillari tal-imħallfin u li tissimplifika l-proċedimenti tal-qorti li jinvolvu l-assessuri. Hija tfittex ukoll li ssaħħaħ is-salvagwardji tal-proċedimenti dixxiplinari għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-marixxalli tal-qorti billi tintroduċi rieżami tal-appell. Ir-riforma għandha tinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Id-dħul fis-seħħ, sal-31 ta' Diċembru 2021, tal-liġi dwar il-qrati, l-imħallfin, l-assessuri u l-amministrazzjoni tal-istat tal-qrati (l-Att dwar il-Qrati u l-Imħallfin);
- Id-dħul fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2024 tal-liġi dwar il-proċedimenti f'każijiet ta' mħallfin, prosekuturi u uffiċjali ġudizzjarji.

Riforma tat-3: Ġbir u analiżi ta' data dwar il-korruzzjoni

Ir-riforma għandha l-għan li tikseb data kwantitattiva u kwalitattiva dwar il-prevalenza tal-korruzzjoni u li twessa' l-firxa ta' għodod għall-immappjar u l-analiżi tat-tipi predominanti ta' korruzzjoni f'setturi differenti. Dan għandu jinkiseb permezz ta' proġett ta' riċerka, li għandu jidentifika l-firxa u l-forom ta' korruzzjoni f'setturi magħżula fir-Repubblika Ċeka. L-analiżi għandha tirriżulta f'rakkomandazzjonijiet ta' miżuri biex titnaqqas il-korruzzjoni fis-setturi magħżula u hija mistennija li tikkontribwixxi għall-istrategġija futuri tal-gvern kontra l-korruzzjoni. Ir-rapport finali tar-riċerka għandu jipproponi metodoloġija għall-kejl tal-esperjenza diretta u indiretta tal-korruzzjoni. Il-metodoloġija għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet governattivi, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-komunitajiet akkademiċi għal aktar żvilupp u applikazzjoni.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma tal-4: L-istabbiliment ta' regoli għal-lobbying

Il-lobbying bħalissa mhux regolat fiċ-Ċekja. L-għan ta' din ir-riforma huwa li jiġi stabbilit qafas legali għall-attivitajiet ta' lobbying fil-proċess leġiżlattiv, biex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku tal-lobbying u b'hekk tiżdied it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv kollu. Għandha tiġi adottata liġi għal idar il-lobbying, li għandha tistabbilixxi regoli għal attivitajiet ta' lobbying sabiex issir distinzjoni bejn attivitajiet leġittimi ta' lobbying u lobbying mhux mixtieq u mhux trasparenti.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Riforma tal-5: Il-kontroll u l-awditu

Il-protezzjoni effiċjenti tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija soġġetta għall-istabbiliment ta' miżuri xierqa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess kif definit fl-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju. Għalhekk, it-titjib tal-ambjent ta' kontroll u awditjar huwa prerekwiżit għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-pjan f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli. Din ir-riforma tinkludi diversi miżuri biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari (i) it-titjib tas-sistema ta' kontroll nazzjonali għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi, (ii) rieżami tal-konformità tal-proċeduri nazzjonali biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tas-sjieda benefiċjarja fil-kontest tas-sistema ta' kontroll intern tal-Faċilità tkun allinjata bis-siġħ mad-definizzjoni ta' "sidien benefiċjarji" kif definita fil-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2015/849, kif emendata bid-Direttiva 2018/843, (iii) l-adozzjoni ta' strategġija tal-awditjar li tiżgura l-awditjar indipendenti u effettiv tal-implimentazzjoni tal-RRF, (iv) l-approvazzjoni tal-proċeduri għas-sistema għall-ġbir, il-ħżin u l-ipproċessar tad-data fir-rigward tar-riċevituri finali kollha, inklużi s-sidien benefiċjarji kollha kif stabbilit mill-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849, u (v) sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF u għall-ġbir u l-ħżin tad-data kollha msemmija fl-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022. Dawn l-istadji importanti kollha għandhom jiġu ssodisfati qabel ma titressaq l-ewwel talba għall-ħlas lill-Kummissjoni.

W.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
202	Riforma tal-1: Protezzjoni tal-informaturi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi u l-liġi emendatorja li takkumpanjah a	Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	<p>Il-liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi għandha:</p> <ul style="list-style-type: none"> jipprojbixxu miżuri ta' ritaljazzjoni kontra l-informaturi rekwiżit tal-istabbiliment ta' mezz ta' notifika estern għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta fil-Ministeru tal-Ġustizzja jirrikjedu li l-istituzzjonijiet pubbliċi, il-muniċipalitajiet il-kbar u l-kumpaniji l-kbar jistabbilixxu sistemi interni ta' notifika għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta
203	Riforma tat-2: Riforma ġudizzjarja mmirata lejn	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Qrati u l-	Dispożizzjoni fl-Att dwar il-Qrati u l-Imħallfin li tindika d-dħul fis-				IT-TIENI TRIMESTRU	2021	<p>L-att dwar il-Qrati u l-Imħallfin għandu:</p> <ul style="list-style-type: none"> l-introduzzjoni ta' regoli oġġettivi għall-għażla tal-imħallfin u tal-uffiċjali tal-qorti

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	it-tisħiħ tal-qafas leġislativ u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali ġudizzjarji		Imħallfin	seħħ				TAL-4		<ul style="list-style-type: none"> tippovdi regolamentazzjoni aktar dettaljata tal-attività sekondarja tal-imħallfin simplifikazzjoni tal-proċedimenti tal-qorti li fihom jipparteċipaw l-imħallfin onorarji
204	Riforma tat-2: Riforma ġudizzjarja mmirata lejn it-tisħiħ tal-qafas leġislativ u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali ġudizzjarji	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-proċedimenti f'każijiet ta' mħallfin, prosekuturi u marixxalli	Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-proċedimenti f'każijiet ta' mħallfin, prosekuturi u marixxalli li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	<p>Il-liġi dwar il-proċedimenti f'każijiet ta' mħallfin, prosekuturi u uffiċjali ġudizzjarji għandha:</p> <ul style="list-style-type: none"> introduzzjoni ta' rieżami f'istanza ta' appell tad-deċiżjonijiet mill-Bord Dixxiplinari l-introduzzjoni ta' miżuri biex tiżdied l-effiċjenza fil-proċedimenti tal-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali ġudizzjarji, jiġifieri fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-Bordijiet Dixxiplinari, is-salarji għall-impjegati taċ-ċivil ikkundannati għal imġiba ħażina dixxiplinari u r-riżoluzzjoni ta' każ dixxiplinari bi ftehim
205	Riforma tat-3: Ġbir u analiżi ta' data dwar il-korruzzjoni	Stadju importanti	Il-ħolqien ta' metodoloġija għall-kejl tal-korruzzjoni fir-Repubblika Ċeka	Pubblikazzjoni tal-metodoloġija mill-Ministeru tal-Ġustizzja				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	<p>Il-metodoloġija l-ġdida għandha tippermetti kejl replikabbli u effiċjenti tal-esperjenza diretta u indiretta tal-korruzzjoni fir-Repubblika Ċeka. Għandu jkun parti mir-rapport finali tar-riċerka li għandu wkoll:</p> <ul style="list-style-type: none"> jiġu identifikati l-firxa u l-forom ta' korruzzjoni f'setturi soċjali magħżula fir-Repubblika Ċeka. tiffformula rakkomandazzjonijiet ta' miżuri biex titnaqqas il-korruzzjoni fis-setturi magħżula

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
206	Riforma tal-4: Regolamentazzjoni tal-lobbying	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-lobbying	Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-lobbying li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	<p>Il-liġi dwar il-lobbying għandha:</p> <ul style="list-style-type: none"> • definizzjoni tal-lobbying • jeħtieġu t-twaqqif ta' reġistru ta' lobbyists u ta' persuni li jagħmlu lobbying • l-introduzzjoni ta' obbligu li jiġu rreġistrati l-lobbying u s-sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità.
207	Riforma tal-5: Il-kontroll u l-awditu	Stadju importanti	Is-sistema għall-ġbir, il-ħżin u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-data fir-rigward tar-riċevituri finali kollha inklużi s-sidien benefiċjarji kollha (kif stabbilit mill-Artikolu 3, il-punt 6, tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus.	Proċedura approvata u implimentata mill-unità tal-konsenja bid-deskrizzjoni tas-sistema għall-ġbir u d-disponibbiltà tad-data dwar ir-riċevituri finali				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	<p>Il-proċedura li tiddeskrivi kif id-data dwar ir-riċevituri finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi, is-sidien benefiċjarji u l-lista ta' kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investment għandha tinġabar u tinħażen qed tiġi implimentata b'suċċess. Is-sistema għall-ġbir u d-disponibbiltà tad-data dwar ir-riċevituri finali għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament RRF. Din id-deskrizzjoni għandha tkopri b'mod espliċitu l-kategoriji kollha ta' data msemmija fl-Artikolu 22(2)(d), inkluż dwar "sidien benefiċjarji" kif definit fil-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2015/849, kif emendata bid-Direttiva 2018/843.</p> <p>Il-proċeduri għandhom jiġu approvati u implimentati mill-Kunsill Maniġerjali tal-RRF. Is-sistema tal-ġbir tad-data se tkun ibbażata fuq l-aħjar Prattiki miksuba mis-sistema MS2014 + u se ssegwiha.</p>
208	Riforma tal-5: Il-kontroll u l-awditu	Stadju importanti	Il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar is-sistema amministrattiv	Implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni kkonfermata minn proċeduri u proċessi aġġornati				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2021	<p>L-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni se tiżgura sistema amministrattiva interna effiċjenti tal-korp ta' koordinazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni suffiċjenti u sistemika tal-kunflitt ta' interess.</p> <p>Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi miżuri biex jiġi żgurat li l-</p>

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			a tal-korp ta' koordinazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni suffiċjenti u sistemika tal-kunflitt ta' interess fil-kuntest tal-RRF.	tal-korp ta' koordinazzjoni						pagamenti lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi u lis-sottokuntratturi skont il-Pjan ikunu soġġetti għal kontrolli minn qabel ta' verifika tal-kunflitt ta' interess sal-livell ta' sidien benefiċjarji kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 6, tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
209	Riforma tal-5: Il-kontroll u l-awditu	Stadju importanti	Miżuri li jipprevjenu l-kunflitt ta' interess implimentati mill-Korp ta' Koordinazzjoni.	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni.				IT-TIENI TRIMESTRUTAT-2	2022	L-awditjar ta' segwitu għandu jitwettaq mill-korp tal-awditjar biex jikkonferma l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.
229	Investiment 3: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ambjentali	Tal-UE	riċerka u żvilupp fil-qasam ambjentali		Għadd ta' proġetti appoġġati fil-qasam ambjentali	43	58	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu ffirmati għall-appoġġ ta' mill-inqas ħmistax-il proġett tar-RĴI fil-qasam ambjentali. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq oqsma tematiċi prijoritarji bħall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, il-protezzjoni tal-klima u t-titjib tal-kwalità tal-arja, il-ġestjoni u l-użu mill-ġdid tal-iskart, il-protezzjoni tan-natura u l-pajsaġġ jew ambjent sikur u reżiljenti, inklużi l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-konsegwenzi ta' perikli naturali u antropoġeniċi.
291	Investiment 3: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ambjentali	Tal-UE	Riċerka u żvilupp fil-qasam ambjentali		Miljuni ta' EUR	0	7	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Il-baġit totali eżegwit għall-appoġġ ta' proġetti taħt il-Mira 229 għandu jammonta għal mill-inqas EUR 7 000 000.

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
230	Investiment 4: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp f'effetti ta' sinerġija mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni	Tal-UE	Riċerka u żvilupp f'effetti ta' sinerġija mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni		L-għadd ta' proġetti li jipparteċipaw fil-kofondi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka NET u proġetti li rċevew is-Siġill ta' Eċċellenza	53	79	IT-TIENI TRIME STRU TAL-1	2026	Għandhom jiġu appoġġati 26 proġetti li jipparteċipaw fil-kofondi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka NET u proġetti li rċevew is-Siġill ta' Eċċellenza (inkluż fil-Proġett Pilota tal-Aċċelleratur tal-EIC), inklużi 18 proġetti li jipparteċipaw fil-kofondi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka NET u 8 proġetti li rċevew is-Siġill ta' Eċċellenza. Il-baġit totali eżegwit għal dan l-għan għandu jammonta għal mill-inqas EUR 19 000 000.
292	Investiment 5: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fl-intrapriżi f'konformità mal-istrateġija nazzjonali RIS3	Tal-UE	Ir-riċerka u l-iżvilupp f'konformità mal-istrateġija RIS3		Għadd ta' proġetti f'konformità mal-istrateġija RIS3 li għalihom ġie ffirmit ftehim ta' għotja	0	68	IT-TIENI TRIME STRU TAT-2	2024	Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu ffirmati għall-appoġġ ta' mill-inqas 68 proġetti f'konformità mal-istrateġija nazzjonali RIS3. Is-sejħa għall-offerti għandu jkollha l-għan li tappoġġa proġetti ta' riċerka industrijali u ta' żvilupp sperimentali mmirati biex ipoġġu r-riżultati fil-prattika, b'mod partikolari fil-produzzjoni industrijali u fil-provvista ta' prodotti fis-suq, proġetti li jiżviluppaw servizzi, teknoloġiji u materjali ġodda, iżidu l-awtomatizzazzjoni u r-robotizzazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji diġitali. Il-proġetti magħżula għall-appoġġ għandhom ikunu konformi ma' qasam wieħed ta' speċjalizzazzjoni tar-R &D&Ital-istrateġija nazzjonali RIS3. Il-baġit totali impenjat fil-ftehimiet ta' għotja għall-proġetti kollha u l-perjodu ta' implimentazzjoni ġenerali għandu jammonta għal mill-inqas EUR 53.9 miljun.
293	Investiment 5: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fl-intrapriżi f'konformità mal-istrateġija	Tal-UE	Ir-riċerka u l-iżvilupp f'konformità mal-istrateġija		%	0	90	IT-TIENI TRIME STRU TAL-1	2026	Mill-inqas 90 % tal-baġit impenjat għall-proġetti taħt il-Mira 292 għandu jkun tħallas.

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	nazzjonali RIS3		RIS3							
294	Investiment 6: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tat-trasport	Tal-UE	Riċerka u żvilupp fil-qasam tat-trasport		Għadd ta' proġetti fil-qasam tat-trasport li għalihom ġie ffirmit ftehim ta' għotja	0	16	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	<p>Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu ffirmati għall-appoġġ ta' mill-inqas 16 proġett ta' R & D fil-qasam tat-trasport. L-offerta għandu jkollha l-għan li tappoġġa proġetti għar-riċerka applikata, l-iżvilupp sperimentali u l-innovazzjoni f' wieħed mill-oqsma li ġejjin: (I) trasport sostenibbli, aċċessibbli u sikur, (ii) awtomatizzazzjoni, diġitalizzazzjoni u trasport teknoloġikament avanzat, (iii) trasport b'emissjonijiet zero.</p> <p>Il-proġetti magħżula għall-appoġġ għandhom ikunu konformi wkoll ma' wieħed miż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin tal-istrateġija nazzjonali RIS3: (I) trasport ekoloġiku; u (ii) trasport teknoloġikament avanzat u sikur.</p> <p>Il-baġit totali impenjat fil-ftehimiet ta' għotja għall-proġetti kollha u l-perjodu ta' implimentazzjoni ġenerali għandu jammonta għal mill-inqas EUR 8 miljun.</p>
295	Investiment 6: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tat-trasport	Tal-UE	Riċerka u żvilupp fil-qasam tat-trasport		%	0	90	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Mill-inqas 90 % tal-baġit impenjat għall-proġetti taħt il-Mira 294 għandu jkun tħallas.
296	Investiment 7: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam	Tal-UE	Riċerka u żvilupp fil-qasam ambjentali		Għadd ta' proġetti li għalihom ġie ffirmit ftehim	0	35	IT-TIENI TRIMESTRU	2024	Għandhom jiġu ffirmati ftehimiet ta' għotja għall-appoġġ ta' mill-inqas 35 proġett ta' R & D fil-qasam ambjentali. Il-proġetti magħżula għall-appoġġ għandhom ukoll ikunu konformi ma' qasam wieħed ta' speċjalizzazzjoni tar-R & D tal-istrateġija

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ambjentali				ta' għotja			TAT-2		nazzjonali RIS3. Il-baġit totali impenjat fil-ftachimiet ta' għotja għall-proġetti kollha u l-perjodu ta' implimentazzjoni ġenerali għandu jammonta għal mill-inqas EUR 17.9 miljun.
297	Investiment 7: Għajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ambjentali	Tal-UE	Riċerka u żvilupp fil-qasam ambjentali		%	0	90	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Mill-inqas 90 % tal-baġit impenjat għall-proġetti taħt il-Mira [296] għandu jkun tħallas.

BB. IL-KOMPONENT 5.3: EKOSISTEMA TAR-R &D& I IMMANIĠĠJATA B'MOD STRATEGĠIKU U INTERNAZZJONALMENT KOMPETITTIVA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jżid il-kompetittività u l-benefiċċji u l-impatti soċjoekonomiċi tar-R &I billi jippromwovi l-eċċellenza, isaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp strateġiku tal-kapital uman. Dan jinkiseb permezz tat-titjib tal-proċess tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tar-R &I, l-armonizzazzjoni tal-ambjent metodoloġiku għall-appoġġ pubbliku tar-R &I, u l-appoġġ għal timijiet kompetittivi internazzjonalment li jwasslu l-eċċellenza fir-R &D&I.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tneħħi l-ostakli li jfixklu l-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni li tiffunzjona bis-sħiħ.

BB1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Ekosistema tar-R &D&I ġestita b'mod strateġiku u kompetittiva internazzjonalment

Ir-riforma tinvolvi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet strateġiċi tal-intelligence għall-politika tar-R &I fi ċ-Ċekja, il-ħolqien ta' programm ta' eċċellenza, u l-armonizzazzjoni tar-regoli proċedurali għall-għoti ta' appoġġ pubbliku għar-R &I.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2025.

BB.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
298	Riforma tal-1: Ekosistema tar-R &D&I għestita b' mod strateġiku u kompetittiva internazzjonalment	Stadju importanti	It-tisħiħ tal-kapaċitajiet strateġiċi ta' intelligence, il-ħolqien ta' programm ta' eċċellenza, u l-adozzjoni ta' linja gwida metodoloġika għall-fornituri ta' appoġġ	Adozzjoni ta' Riżoluzzjonijiet tal-Gvern u ta' Linja Gwida Metodoloġika				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	<p>Ir-riforma għandha tinkludi l-azzjonijiet li ġejjin:</p> <p>a) Adozzjoni ta' Riżoluzzjoni tal-Gvern, li toħloq proġett ġdid ta' attivitajiet kondiviżi biex jissaħħu l-kapaċitajiet strateġiċi ta' intelligence għall-politika tar-R &I. Ir-riżoluzzjoni tal-Gvern għandha tistabbilixxi li l-proġett jippermetti l-pubblikazzjoni regolari tar-riżultati tal-analiżi, u li l-ambitu analitiku tal-proġett jippermetti analiżi ta' dan li ġej:</p> <p>(i) Il-kooperazzjoni internazzjonali taċ-Ċekja fir-R &I;</p> <p>(ii) Ir-rwol u l-impatt soċjoekonomiku ta' infrastruttura kbira tar-riċerka;</p> <p>(iii) Strateġiji Nazzjonali ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-Ispċjalizzazzjoni Intelliġenti;</p> <p>(iv) L-iżvilupp tar-riżorsi umani fir-R &D, inklużi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tan-nisa fir-R &D;</p> <p>(v) Is-sistema tal-għoti ta' appoġġ lil intrapriżi innovattivi.</p> <p>Ir-riżoluzzjoni tal-Gvern għandha tistabbilixxi wkoll li l-kapaċitajiet u l-outputs analitiċi jkunu disponibbli fost il-fornituri ta' appoġġ kollha.</p>

Num ru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>b) Adozzjoni ta' Riżoluzzjoni tal-Gvern li toħloq programm ġdid ta' eċċellenza. Dan il-programm ġdid ta' eċċellenza għandu jintroduċi titolu ta' għotja addizzjonali għall-applikanti li:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) ikunu rċevew appoġġ finanzjarju minn għotjiet internazzjonali, (ii) ikunu rċevew appoġġ nazzjonali wara li jkunu applikaw għal għotja internazzjonali, jew (iii) irċevew appoġġ finanzjarju taħt l-għotja nazzjonali EXPRO. <p>Qabel l-adozzjoni tal-programm, ir-rappreżentanti tas-settur tar-riċerka għandhom jiġu kkonsultati.</p> <p>c) Adozzjoni ta' linja gwida metodoloġika, li għandha:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) Tarmonizza r-regoli proċedurali għall-għoti ta' appoġġ għar-R & Ifost il-fornituri kollha tal-appoġġ. Għandu jinkludi wkoll skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti. (ii) Tallinja l-kriterji għall-appoġġ ta' proġetti mill-baġit nazzjonali mal-kriterji standard għall-parteċipazzjoni fi proġetti taħt il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. <p>Il-fornituri tal-appoġġ u r-rappreżentanti tal-benefiċjarji tal-għajnuna għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp tal-linja gwida metodoloġika.</p>

CC. IL-KOMPONENT 6.1: ŻIEDA FIR-REŻILJENZA TAS-SISTEMA TAS-SAĦĦA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa billi jsir investiment fl-infrastruttura tal-kura tas-saħħa u tittejjeb l-edukazzjoni tal-ħaddiema tas-saħħa fil-kura akuta. Fir-rigward tal-infrastruttura tal-kura tas-saħħa, l-objettiv huwa li jiżdedu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-kura ta' riabilitazzjoni għall-pazjenti li jirkupraw minn kundizzjonijiet kritiċi (kundizzjonijiet mediċi akuti), li kienu insuffiċjenti matul il-pandemija. Barra minn hekk, il-komponent għandu l-għan li jindirizza n-nuqqas ta' għodod ta' dijanjożi speċjalizzati ħafna u t-trattament ta' mard kardjovaskulari serju, inkluża l-mediċina tat-trapjant. Fir-rigward tal-edukazzjoni tal-persunal tal-kura tas-saħħa, huma previsti miżuri sistemati u investiment biex jiġi indirizzat in-nuqqas dejjem jikber ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 1, 2020, li skonthom iċ-Ċekja għandha tiżgura r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, issaħħa id-disponibbiltà tal-ħaddiema tas-saħħa, il-kura primarja u l-integrazzjoni tal-kura, u l-iskjerament tas-servizzi tas-saħħa elettronika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

CC.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Titjib tal-edukazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa

It-taħriġ u l-edukazzjoni tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa għandhom jiġu adattati bl-għan li tittejjeb id-disponibbiltà ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa speċjalizzati ħafna. L-ippjanar tal-persunal tal-kura tas-saħħa fil-livell nazzjonali u reġjonali għandu jittejjeb bis-saħħa tal-ħolqien ta' sistema elettronika (li tgħaqqad il-bażijiet tad-data eżistenti tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa) għall-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa. It-titjib tal-organizzazzjoni tat-taħriġ postgradwatorju tal-professjonisti tas-saħħa għandu jgħin biex jitnaqqas it-tul ta' żmien tat-taħriġ speċjalizzat u jippermetti lit-tobba iżgħar jibdeu jipprovdur l-kura aktar kmieni, u b'hekk jittjeb l-aċċess għall-kura.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment 1: Il-ħolqien taċ-Ċentru għas-Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva

L-investiment jikkonsisti fil-bini ta' Ċentru ta' Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva li għandu jespandi l-infrastruttura għat-taħriġ postgradwatorju u t-tagħlim tul il-ħajja tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa. Iċ-Ċentru għandu jipprovdur taħriġ bit-teknoloġiji u t-tagħmir tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, li jimitaw sitwazzjonijiet tal-ħajja reali, inkluż bl-użu tar-realtà virtwali. Dan għandu jippermetti t-taħriġ ta' kompiti kliniċi kumplessi f'ambjent sikur mingħajr impatt fuq is-sikurezza tal-pazjenti, it-trasferiment effettiv tal-ħiliet miksuba fil-prattika klinika u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn id-dixxiplini mediċi. It-taħriġ ta' simulazzjoni għandu jkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet, li jvarjaw minn trattamenti sempliċi għal kura komprensiva tal-pazjenti minn timijiet mediċi speċjalizzati fil-kura ta' qabel l-isptar, unitajiet tal-kura intensiva jew kmamar operattivi. Barra minn hekk, għandha tiġi żviluppata sistema ta' taħriġ għall-persunal mediku fil-mediċina intensiva.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment 2: Kura ta' riabilitazzjoni għall-pazjenti li qed jirkupraw minn kundizzjoni kritika

L-għan tal-investment huwa li jindirizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kura ta' riabilitazzjoni tal-pazjenti li jirkupraw minn kundizzjonijiet kritiċi, li mmultiplikaw minħabba l-pandemija tal-covid. Dan għandu jinkiseb permezz ta' rinnovazzjoni u modernizzazzjoni tat-tagħmir fid-dipartimenti ta' riabilitazzjoni u billi tittejjeb l-organizzazzjoni tal-kura ta' riabilitazzjoni. L-akkwist ta' tagħmir tal-ogħla livell għal kura komprensiva ta' riabilitazzjoni għandu jnaqqas il-ħtieġa għal persunal, u b'hekk tiżdied id-disponibbiltà tal-kura ta' riabilitazzjoni għall-pazjenti. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' skema ta' għotja b'allokazzjoni totali ta' EUR 61 660 000. L-appoġġ għandu jiġi pprovdut lil mill-inqas 19 sptar pubbliku li jipprovdu kura inpatient akuta f'unitajiet ta' kura intensiva u kura ta' riabilitazzjoni ta' segwitu. L-għażla tal-proġetti għandha tirrifletti l-ħtieġijiet miżjuda għall-kura ta' riabilitazzjoni wara l-pandemija tal-COVID-19. L-għan huwa li l-għadd ta' trattamenti tal-pazjenti wara kundizzjonijiet kritiċi fl-unitajiet tal-kura tar-riabilitazzjoni jiżdied b' 10 %.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment 3: Il-bini ta' ċentru għall-mediċina kardjovaskulari u tat-trapjanti

L-investment għandu l-għan li jżid l-aċċessibbiltà ta' kura speċjalizzata ħafna fil-mediċina kardjovaskulari u tat-trapjanti fir-reġjun tal-Moravja tan-Nofsinhar. Il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda taċ-Ċentru tal-Kardjovaskulari u l-Kirurġija tat-Trapjanti f'Brno hija prevista sabiex tespandi l-kapaċità attwali u timmodernizza t-tagħmir biex tirrifletti metodi ta' trattament moderni, bil-ħsieb li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' faċilitajiet adegwati fir-reġjun tal-Moravja. L-investment għandu jżid l-għadd ta' sodod fiċ-Ċentru attwali tal-Kirurġija Kardjovaskulari u tat-Trapjanti mid-90 attwali għal mill-inqas 125 sodda.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

CC.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
231	Riforma tal-1: Titjib tal-edukazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa	Stadju importanti	Sistema elettronika għall-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-evalwazzjoni tat-taħriġ tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa	Pjattaforma bażika għas-sistema elettronika ta' ġestjoni, amministrazzjoni u evalwazzjoni tal-edukazzjoni tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li bdiet titħaddem				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Il-ħolqien ta' pjattaforma bażika mill-Ministeru tas-Saħħa għas-sistema elettronika l-ġdida ta' ġestjoni, amministrazzjoni u evalwazzjoni tal-edukazzjoni tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa. Is-sistema elettronika għandha tiġi żviluppata aktar u kkompletata b'moduli skont il-ħtiġijiet tal-edukazzjoni.
232	Investiment 1: Il-ħolqien ta' Ċentru għas-Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva u l-ottimizzazzjoni tas-sistema edukattiva	Stadju importanti	Sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' Ċentru għas-Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva	Notifika tal-għoti tal-offerta miftuħa u pubblika lill-kuntrattur				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	<p>Notifika tal-għoti tal-kuntratt pubbliku biex jinbena Ċentru ta' Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva li se jipprovdi taħriġ lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa f'firxa wiesgħa ta' oqsma mediċi:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Anestjologija u risuxxizzjoni • Taħriġ ieħor ta' ħilet mediċi u mhux mediċi relatati ma' emerġenzi • Kura ta' qabel l-isptar u ambulanza • Ammissjoni urġenti • Unitajiet ta' Kura Intensiva u kamra operazzjonali bi skopijiet multipli • Is-sistema Integrata ta' Salvataġġ • Ħilet personali — komunikazzjoni f'tim, komunikazzjoni f'każ ta' kriżi, tmexxija. <p>Il-kuntrattur għandu jintgħażel permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u pubbliċi. Għandha titwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet qabel it-tneċċja tal-offerta.</p>
233	Investiment 1: Il-ħolqien ta'	Stadju	Ċentru ta' Simulazzjoni	Ċentru ta' Simulazzjoni tal-				IT-TIENI	2025	Iċ-Ċentru ta' Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva għandu jkun mibni, mgħammar bis-sħiħ u jitħaddem. Il-kapaċità għandha

Num ru ta' NUM .	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Ċentru għas-Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva u l-ottimizzazzjoni tas-sistema edukattiva	importanti	tal-Mediċina Intensiva li beda jopera	Mediċina Intensiva mibni, mgħammar bis-sħiħ u mhadem				TRIME STRU TAL-4		tkun biżżejjed biex tiżgura li mill-inqas 1 500 professjonist tal-kura tas-saħħa jiġu mħarrġa fiċ-ċentru kull sena.
234	Investiment 2: Kura ta' riabilitazzjoni għall-pazjenti li qed jirkupraw minn kundizzjonijiet kritiċi	Tal-UE	Appoġġ għall-kura ta' riabilitazzjoni		Għadd	0	19	IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2024	L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' skema ta' għotjiet b'allokazzjoni totali ta' EUR 61 660 000. Mill-inqas 19 proġett għandhom jiġu appoġġati biex tiżdied il-kapaċità tal-kura ta' riabilitazzjoni għall-pazjenti wara kundizzjonijiet kritiċi fi sptarijiet pubbliċi.
235	Investiment 3: Il-bini ta' ċentru għall-mediċina kardjovaskulari u tat-trapjanti	Stadju importanti	Ċentru għall-Mediċina Kardjovaskulari u tat-Trapjanti kompletament operazzjonali	Ċentru għall-Mediċina Kardjovaskulari u tat-Trapjanti kompletament operazzjonali				IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2025	Faċilitajiet ġodda taċ-Ċentru għall-Mediċina Kardjovaskulari u tat-Trapjanti kompletament operattivi. Il-kostruzzjoni tal-faċilità l-ġdida għandha toħloq mill-inqas 35 sodda ġdida fiċ-Ċentru għall-Mediċina Kardjovaskulari u tat-Trapjanti. Il-kostruzzjoni għandha tkun soġġetta għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u pubbliċi. Għandha titwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet qabel it-tnedija tal-offerta.

DD. IL-KOMPONENT 6.2: IL-PJAN NAZZJONALI GĦAT-TISĦIĦ TAL-PREVENZJONI U L-KURA ONKOLOĠIĊI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida taż-żieda tar-reżiljenza tas-sistema tal-prevenzjoni u tal-kura tal-kanċer, li għet affettwata mill-effetti negattivi fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19.

Fir-rigward tar-riformi, għandu jiġi stabbilit Programm Onkoloġiku Nazzjonali ġdid għar-Repubblika Ċeka għall-2022–2030 u l-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-programmi ta' skrinjar għall-prevenzjoni tal-kanċer għandhom jissaħħu.

Fir-rigward tal-infrastruttura tal-kura tas-saħħa, l-oġettiv huwa li jiġi appoġġat il-bini tal-Istitut Ċek tal-Onkoloġija fi Praga u ċ-Ċentru għall-Prevenzjoni Onkoloġika. Barra minn hekk, għandhom jiġu appoġġati wkoll faċilitajiet ta' kura onkoloġika u ematoonkoloġika, kif ukoll faċilitajiet ġodda fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer fi Brno biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-kanċer.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 1, 2020, li skontrahom iċ-Ċekja għandha tiżgura r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, issaħħaħ id-disponibbiltà tal-ħaddiema tas-saħħa, il-kura primarja u l-integrazzjoni tal-kura, u l-iskjerament tas-servizzi tas-saħħa elettronika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Programm Onkoloġiku Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka — NOP CZ 2030

Ir-riforma għandha l-għan li tistabbilixxi l-Programm Onkoloġiku Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka għall-perjodu 2022–2030 (NOP CR 2030). Il-NOP 2022–2030 għandu jirrifletti l-prijoritajiet stabbiliti fil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, inklużi l-prinċipji tal-Kultura tal-Kura tal-Kanċer iċċentrata fuq il-pazjent²⁵. It-tnejn tal-programm taqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Soċjetà Onkoloġika Ċeka. Il-Ministeru tas-Saħħa għandu jwaqqaf Kunsill Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-NOP, li għandu jkollu rwol ta' koordinazzjoni fil-fażijiet ta' thejjiya, implimentazzjoni u evalwazzjoni.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma tat-2: L-appoġġ u t-titjib tal-kwalità tal-programmi ta' skrinjar preventiv

Ir-riforma għandha tiffoka fuq it-titjib tal-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-programmi għall-prevenzjoni tal-kanċer bl-għan li jitnaqqsu l-morbożità u l-mortalità tal-każijiet tal-kanċer, jiġu limitati l-ispejjeż tat-trattament fi stadji avvanzati tal-marda u tiżdied l-istennija tal-għomor u l-kwalità tal-ħajja. Il-miżuri jinkludu:

- il-ħatra taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Iskrinjar, sat-30 ta' Ġunju 2025, bħala l-korp responsabbli għall-koordinazzjoni tal-programmi tal-iskrinjar tal-kanċer fir-Repubblika Ċeka;

²⁵ https://ec.europa.eu/health/sites/default/files/non_communicable_diseases/docs/eu_cancer_plan_en.pdf

- it-tisħiħ tal-kamp ta' applikazzjoni, l-aċċessibbiltà, il-prestazzjoni u l-impatt tal-programmi ta' skrinjar eżistenti, b'mod partikolari billi tiżdied il-kopertura tal-popolazzjoni fil-mira. Pereżempju, il-kopertura tal-popolazzjoni fil-mira mill-programm ta' skrinjar tal-kanċer kolorettali għandha tiżdied għal mill-inqas 40 % sat-30 ta' Ġunju 2026;
- il-pilotaġġ ta' programmi ġodda ta' skrinjar, inkluża l-verifika tagħhom permezz ta' studji tal-popolazzjoni u kliniċi. B'mod partikolari, għandu jitmieda programm bikri għad-detezzjoni tal-kanċer tal-pulmun u mill-inqas 20 000 parteċipant tal-popolazzjoni fil-mira għandhom jipparteċipaw sat-30 ta' Ġunju 2026.
- l-istabbiliment ta' sistema biex jiġu ppjanati programmi ġodda ta' prevenzjoni u jiġu stmati l-kosteffettività u l-impatt tagħhom fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa;
- il-ħolqien ta' bażi tad-data għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ġenerali tal-programmi ta' skrinjar, inkluż panel wiesa' tal-indikaturi tal-kwalità u valutazzjoni tal-effiċjenza.

Il-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 1: Stabbiliment tal-Istitut Ċek tal-Onkoloġija

L-investiment jiffoka fuq il-bini tal-Istitut Ċek tal-Onkoloġija fi Praga bl-għan li jipprovdi l-prevenzjoni, id-dijanjożi u l-modalitajiet kollha tat-trattament tal-kanċer, f'punt ta' kura wieħed. L-investiment għandu jinkludi l-kostruzzjoni ta' bini ġdid u l-akkwist ta' tagħmir (inkluż, fost l-oħrajn, tagħmir kliniku u tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u tagħmir tas-sikurezza). L-oġettiv huwa wkoll li jiġi stabbilit ċentru tal-kanċer b'kuntatt internazzjonali fir-reġjun tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. L-għanijiet huma kapaċità ta' 8500–11200 pazjent rikoverat l-isptar fis-sena.

Il-Ministeru tas-Saħħa għandu jissottometti sal-15 ta' Marzu 2022 sett ta' dokumenti meħtieġa, inklużi:

- Programm mediku/pjan funzjonali u abbozz ta' disinn adattat għal skopijiet ta' akkwist ta' Disinn u Bini,
- Studju tal-fattibbiltà, inkluża valutazzjoni tal-ħtiġijiet fil-kuntest tal-istrateġija usa' tas-saħħa, il-fattibbiltà teknika, operazzjonali u ekonomika, is-sostenibbiltà kemm f'termini finanzjarji kif ukoll ta' persunal, u l-impatt fuq l-għoti tal-kura tal-onkoloġija fil-livell reġjonali u tal-pajjiż, inkluż fuq il-ħin tal-ivvjaġġar u l-profiċjenza professjonali.

Dawn id-dokumenti għandhom jiġu vvalidati minn awtorità indipendenti sal-31 ta' Diċembru 2022.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2: L-iżvilupp ta' kura onkoloġika u ematoonkoloġika speċjalizzata ħafna

L-investiment għandu l-għan li jsaħħaħ il-kura tal-kanċer speċjalizzata ħafna kemm fiċ-Ċentri tal-Onkoloġija Kumplessi kif ukoll fiċ-Ċentri ta' hematoonkoloġija speċjalizzata ħafna, bl-akkwist ta' teknoloġiji u tagħmir mill-aktar avvanzati. L-investiment għandu jippermetti liċ-ċentri tal-onkoloġija jipprovdu dijanjożi u trattament tal-kanċer abbażi tal-prinċipji ta' preċiżjoni u mediċina personalizzata, li jtejbu d-dijanjożi u t-trattament b'mod partikolari ta' tipi ta' kanċer rari. Il-kunċett ta' mediċina ta' preċiżjoni jkopri b'mod partikolari t-teranostika, il-metodi avvanzati ta' viżwalizzazzjoni, it-terapiji individwalizzati taċ-ċelloli u tal-ġeni u r-radjoterapija moderna. Għandhom jiġu appoġġati mill-inqas għaxar Ċentri u Ċentri tal-Onkoloġija Kumplessi għall-hematoonkoloġija speċjalizzata ħafna.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3: L-istabbiliment u l-iżvilupp taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer u l-Infrastruttura għall-Kura Innovattiva u Supportiva fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer Institute

L-investiment għandu l-għan li jżid il-kapaċità u jiżviluppa l-prevenzjoni u l-kura innovattivi tal-kanċer fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer fi Brno. L-ewwel nett, l-investiment jinkludi l-kostruzzjoni ta' faċilità ġdida taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer, li għandu jżid l-għadd ta' programmi għall-prevenzjoni tal-kanċer (primarja, sekondarja u terzjarja) u kura preventiva separata mill-faċilitajiet tal-kura (biex jiġu indirizzati l-aspetti antiepidemiċi u psikosoċjali). L-għan huwa li l-għadd annwali ta' interventi fiċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer jiżdied b' 30 % meta mqabbel mal-2019. It-tieni, għandhom jinħolqu faċilitajiet ġodda għall-kura tal-kanċer innovattiva u ta' appoġġ, jiġifieri l-Ewwel Ċentru ta' Kuntatt, iċ-Ċentru tal-Provi Kliniċi, iċ-Ċentru tal-Kura ta' Appoġġ u ċ-Ċentru tal-Edukazzjoni. Iċ-Ċentru tal-Kura ta' Appoġġ għandu jippermetti l-pilotaġġ ta' programm ġdid ta' appoġġ għas-superstiti tal-kanċer, li r-riżultati tiegħu jistgħu mbagħad jiġu ttrasferiti lejn ċentri oħra tal-kanċer fir-Repubblika Ċeka. L-għan huwa li l-għadd annwali ta' klienti tal-Kura Innovattiva u Supportiva fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer jiżdied b' 20 % meta mqabbel mal-2019.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
236	Riforma tal-1: Programm Onkoloġiku Nazzjonali	Stadju importanti	Programm Onkoloġik u Nazzjonali tar-Repubblik a Ċeka 2022–2030	Approvazzjoni tal-Programm Onkoloġiku Nazzjonali 2022–2030 mill-gvern				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	Il-programm Onkoloġiku Nazzjonali għandu jitħejja taħt ir-responsabbiltà tas-Soċjetà Ċeka tal-Onkoloġija f'konsultazzjoni mal-atturi u l-partijiet ikkonċernati ewlenin, b'mod partikolari l-Ministeru tas-Saħħa, iċ-Ċentri Nazzjonali tal-Onkoloġija, iċ-Ċentri tal-kura tal-kanċer u tal-ematoloġija speċjalizzati ħafna, l-Istitut tal-Infurmazzjoni u l-Istatistika tas-Saħħa, ir-rappreżentanti tal-fornituri tal-kura tas-saħħa, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa u l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti.
237	Riforma tat-2: L-appoġġ u t-titjib tal-kwalità tal-programmi ta' skrinjar preventiv	Stadju importanti	Ħatra ta' istituzzjoni responsabbli għall-koordinazzjoni ta' programmi ta' skrinjar onkoloġiku	Ċentru Nazzjonali tal-Iskrinjar maħtur mill-gvern bħala l-korp responsabbli għall-koordinazzjoni tal-programmi tal-iskrinjar tal-kanċer				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Iskrinjar għandu jkun responsabbli għal: <ul style="list-style-type: none"> • koordinazzjoni, ippjanar, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-programmi ta' skrinjar • it-twaqqif ta' sistema ta' tbassir biex jiġu ppjanati programmi ġodda ta' prevenzjoni u jiġu smati l-kosteffettività u l-impatt tagħhom fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa; • il-bini ta' bażi tad-data għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' skrinjar, inkluż l-istabbiliment ta' tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi tal-kwalità • pilotaġġ ta' programmi ġodda ta' skrinjar
238	Riforma tat-2: L-appoġġ u t-titjib tal-kwalità tal-programmi ta' skrinjar preventiv	Tal-UE	Żieda fil-kopertura tal-popolazzjoni fil-mira mill-programm ta' skrinjar		%	34	40	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Il-parteċipazzjoni tal-popolazzjoni fil-mira fit-test tal-iskrinjar xieraq (eż. Test biennali tad-Demm Occult Faecal Occult) għandha tiżdied għal mill-inqas 40 %.

Num ru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			tal-kanċer kolorettali							
239	Riforma tat-2: L-appoġġ u t-titjib tal-kwalità tal-programmi ta' skrinjar preventiv	Tal-UE	Għadd ta' parteċipanti fil-programm il-ġdid ta' detezzjoni bikrija tal-kanċer tal-pulmun		Għadd	0	20 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Għandu jitnieda programm bikri għad-detezzjoni tal-kanċer tal-pulmun u għandhom jipparteċipaw mill-inqas 20 000 parteċipant tal-popolazzjoni fil-mira.
240	Investiment 1: Bini u stabbiliment tal-Istitut Onkoloġiku Ċek	Stadju importanti	Studju ta' fattibbiltà vvalidat minn awtorità indipendenti	Validazzjoni ta' studju ta' fattibbiltà minn awtorità indipendenti				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Validazzjoni minn awtorità indipendenti ta': <ul style="list-style-type: none"> • Programm mediku/pjan funzjonali u abbozz ta' disinn adattat għal skopijiet ta' akkwist ta' Disinn u Bini, • Studju tal-fattibbiltà, inkluża valutazzjoni tal-ħtiġijiet fil-kuntest tal-istrateġija usa' tas-saħħa, il-fattibbiltà teknika, operazzjonali u ekonomika, is-sostenibbiltà kemm f' termini finanzjarji kif ukoll ta' persunal, u l-impatt fuq l-għoti tal-kura tal-onkoloġija fil-livell reġjonali u tal-pajjiż, inkluż fuq il-ħin tal-ivvjaġġar u l-profiċjenza professjonali. Il-linji gwida rrakkomandati tal-istudju ta' fattibbiltà ġew ippreżentati mill-KE fil- "Guide to CBA of Investment Projects, Diċembru 2014.
241	Investiment 1: Bini u stabbiliment tal-Istitut	Stadju importanti	L-Istitut Ċek tal-Onkoloġija beda	Liċenzja operattiva maħruġa mill-Ministeru tas-Saħħa lill-				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni li tlestew u nkisbet liċenzja tal-operat. Il-kapaċità għandha tkun ta' mill-inqas 300 sodda għall-kura n-patient (li twassal għal żieda fl-għadd ta' sodod

Num ru ta' NUM.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Onkoloġiku Ċek		jopera	Istitut Ċek tal-Onkoloġija						<p>għat-trattament tal-kanċer mill-fornitur tal-kura tas-saħħa kkonċernat b' mill-inqas 50 sodda)</p> <p>Il-kostruzzjoni għandha tkun soġġetta għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u pubbliċi.</p>
242	Investiment 2: L-iżvilupp ta' kura onkoloġika u ematoonkologika speċjalizzata ħafna	Tal-UE	Għadd ta' faċilitajiet appoġġati li jipprovdu kura onkoloġika u ematoonkologika		Għadd ta' faċilitajiet tas-saħħa appoġġati	0	10	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Għandu jiġi pprovdut appoġġ liċ-Ċentri Kumpleksi tal-Onkoloġija u ċ-Ċentri ta' kura tal-onkoloġija u l-hematoonkologija speċjalizzati ħafna permezz ta' skema ta' għotjiet amministrata mill-Ministeru tas-Saħħa, b'allokazzjoni totali ta' EUR 64 920 000. Mill-inqas għaxar ċentri għandhom jiġu appoġġati fil-kisba ta' teknoloġiji u tagħmir mill-aktar avvanzati li jippermettu mediċina personalizzata. L-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu appoġġati għandha tiżgura kopertura ġeografika bbilanċjata. Il-fornituri tal-kura tas-saħħa pubblika biss għandhom jiġu appoġġati.
243	Investiment 3: L-istabbiliment u l-iżvilupp taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer u l-Infrastruttura għall-Kura Innovattiva u Supportiva fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer Institute	Stadju importanti	Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer	Iċ-Ċentru l-ġdid għall-Prevenzjoni tal-Kanċer fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer beda jopera				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	<p>Id-dħul fl-użu ta' faċilitajiet ġodda taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer. It-trasferiment tal-kapaċitajiet eżistenti lejn bini ġdid li tlesta.</p> <p>Il-kostruzzjoni għandha tkun soġġetta għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u pubbliċi. Għandha titwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet qabel it-medija tal-offerta.</p>
244	Investiment 3: L-istabbiliment u l-iżvilupp taċ-Ċentru għall-	Stadju importanti	Espansjoni tal-faċilitajiet għal Kura	Faċilitajiet ġodda għal kura ta' appoġġ u				IT-TIENI TRIMES TRU	2025	Bidu tal-operat tal-faċilitajiet il-ġodda tal-Ewwel Ċentru ta' Kuntatt, iċ-Ċentru għall-Provi Kliniċi, iċ-Ċentru tal-Kura ta' Appoġġ u ċ-Ċentru tal-Edukazzjoni.

Num ru ta' NU M.	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Prevenzjoni tal-Kanċer u l-Infrastruttura għall-Kura Innovattiva u Supportiva fl-Istitut tal-Masaryk Memorial Cancer Institute		Innovattiva u ta' Sostenn fl-Istitut tal- <u>Masaryk Memorial Cancer Institute</u>	innovazzjoni li bdew jitħaddmu				TAL-4		<p>Il-kostruzzjoni għandha tkun soġġetta għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u pubbliċi. Għandha titwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet qabel it-tneđija tal-offerta.</p> <p>Il-proġett pilota dwar il-Programm tas-Superstiti tal-Kanċer għandu jitlesta.</p>

KAPITOLU TAR-REPOWEREU

L-objettiv tal-kapitolu REPowerEU tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jappoġġa l-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli billi jiddeżinja żoni ta' aċċellerazzjoni tas-SER, jissimplifika l-proċeduri tar-RES, filwaqt li jħejji wkoll il-grilja elettrika biex iżid il-kapaċità ta' konnettività tiegħu. Dawn il-miżuri jikkontribwixxu b'mod konġunt biex jinċentivaw l-adozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija. Il-Kapitolu tar-REPowerEU għandu wkoll l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini, jiddekarbonizza t-trasport bit-triq billi jnaqqas id-domanda għall-enerġija u jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, u jadatta l-programmi universitarji biex jissodisfaw id-domanda għal ħiliet ekoloġiċi.

Mill-20 miżura fil-Kapitolu tar-REPowerEU Ċek, sitta għandhom dimensjoni transfruntiera. L-akbar investiment b'dimensjoni transfruntiera jikkonċerna l-kostruzzjoni, it-tisħiħ, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Miżuri notevoli oħra huma l-iżvilupp tal-fotovoltajċi u r-riforma komprensiva tas-sistema konsultattiva tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni.

Il-Kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jitnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u l-konsum tagħhom billi jitħaffef l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fis-sistema tal-elettriku, inkluż permezz ta' aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-permessi u billi l-aċċess għall-grilja jsir aktar faċli u jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili fis-sistema tat-trasport Ċeka, u biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tisħin distrettwali u tal-istokk tal-bini billi jiġu inċentivati rinnovazzjonijiet profondi u sorsi ta' sħana rinnovabbli.

Huwa mistenni li l-ebda miżura fil-kapitolu REPowerEU ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01).

EE. IL-KOMPONENT 7.1: L-ENERĠJA RINNOVABBILI U L-INFRASTRUTTURA TAL-ELETTRIKU (REPOWEREU)

L-għan tal-komponent huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-2030 għaċ-Ċekja billi jiffaċilita ż-żieda tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija Ċeka u juża l-infrastruttura tal-elettriku adattata.

L-objettiv tar-riformi huwa li jappoġġaw l-użu ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli billi jissimplifikaw il-proċeduri għall-għoti tal-permessi u l-proċeduri amministrattivi għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli filwaqt li jissimplifikaw u jżidu t-trasparenza tal-proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja.

L-objettiv tal-investimenti huwa li jittejbu u jiġu żviluppatti l-grilji tad-distribuzzjoni tal-elettriku biex is-sistema tal-elettriku tkun tista' tintegra sorsi tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira u fuq skala kbira fil-grilja.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u l-konsum tagħhom billi jitħaffef l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-permessi u billi l-aċċess għall-grilja jsir aktar faċli (CSR 4, 2022).

EE.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Kostruzzjoni, rinnovazzjoni u aġġornament ta' networks ta' distribuzzjoni

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li takkomoda ż-żieda mistennija fid-domanda għall-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli intermittenti fil-grilja tad-distribuzzjoni. Għandha tinkiseb mill-inqas 1 777 MW ta' kapaċità addizzjonali kumulattiva għall-konnessjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli man-networks ta' distribuzzjoni fiċ-Ċekja. L-interventi appoġġati — bħall-kostruzzjoni ta' linji ġodda jew estensjonijiet ta' linji eżistenti (vultaġġ baxx medju u għoli), il-kostruzzjoni ta' stazzjonijiet elettriċi ġodda, it-tiġdid u l-espansjoni ta' substazzjonijiet eżistenti, inkluż l-użu ta' sistema ta' kontroll ta' ġenerazzjoni ġdida li żżid id-dimensjonar jew l-installazzjoni ta' transformers ġodda — għandhom l-għan li jikkontribwixxu għat-tneħħija tal-konġestjonijiet fil-grilja bil-ħsieb li tiġi massimizzata l-kapaċità teknika addizzjonali għall-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġodda.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026

Investiment 2: Miżura Mkabbra Komponent 2.3 (Tranżizzjoni għal Sorsi ta' Enerġija Aktar Nadifa) Użu ta' Fotovoltajċi

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li żżid l-Investiment 1: Skjerament ta' Fotovoltajċi fil-Komponent 2.3 (Tranżizzjoni għal Sorsi ta' Enerġija Aktar Nadifa).

Il-parti mkabbra tal-miżura għandha żżid il-kapaċità installata tas-sorsi tal-impjanti fotovoltajċi fuq is-saqaf tal-bini tal-kumpaniji.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma tal-1: Simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Ir-riforma għandha tneħħi r-rekwiżiti li jinkiseb permess tal-kostruzzjoni, liċenzja għall-produzzjoni tal-elettriku u deċiżjoni ta' kunsens dwar it-tqassim f'żoni għal installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli b'kapaċità installata totali sa 50 Kw, kif ukoll tneħħi l-awtorizzazzjoni ta' konnessjoni mal-grilja għall-installazzjonijiet sa 10 kW.

Ir-riforma għandha tissimplifika l-proċedura għall-għoti ta' permessi għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli b'kapaċità installata ta' aktar minn 1 MW. Dawk l-installazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala ta' interess pubbliku u għandhom jibbenefikaw minn trattament preferenzjali fir-rigward ta' permessi ta' tqassim f'żoni u permessi għall-bini.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023

Riforma tat-2: L-aċċellerazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Ir-riforma għandha tistabbilixxi skadenzi massimi differenzjati u vinkolanti għall-istadji rilevanti kollha tal-proċedura abbażi tal-kapaċità tal-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli. It-tul ta' żmien tal-proċess kollu għall-għoti tal-permessi (inkluża l-konnessjoni mal-grilja) ma għandux jaqbeż it-2 snin għall-installazzjonijiet minn 150 kW u sena għall-installazzjonijiet ta' inqas minn 150 kW. Għall-installazzjonijiet solari fi strutturi artifiċjali, il-proċess għall-għoti tal-permessi ma għandux jaqbeż l-1-il xahar.

Ir-riforma għandha tistabbilixxi punt uniku ta' servizz diġitali, li jaġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt biex jgħin lill-applikanti matul il-proċedura kollha tal-permessi. Ir-riforma għandha tiżgura li l-istadji differenti tal-proċedura tal-permessi (eż. il-permessi tal-kostruzzjoni, il-permess ambjentali, il-konnessjoni mal-grilja u l-liċenzjar) ikunu kompletament diġitalizzati.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024

Riforma tat-3: It-titjib tal-prevedibbiltà, it-trasparenza u d-disponibbiltà tal-proċess ta' konnessjoni mal-grilja

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb l-użu tal-kapaċità tal-grilja tal-elettriku disponibbli u li tiffaċilita l-konnessjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli mal-grilja u l-awtokonsum.

Is-sottomiżura 1: It-titjib tat-trasparenza tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja

Ir-riforma għandha l-għan li tneħħi l-ostakli għall-proċess tal-konnessjoni mal-grilja billi tintroduċi limiti ta' żmien vinkolanti għall-proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti dwar id-durata tal-proċess tal-għoti tal-permessi skont id-dritt tal-UE; it-tnaqqis tad-durata tal-valutazzjoni u tal-kuntratt minn 30 għal 15 jum għall-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni (DSO) (inkluż vultaġġ baxx, medju u għoli) u minn 60 għal 30 jum għall-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSO) (vultaġġ għoli).

L-objettiv tar-riforma huwa wkoll li jiġu indirizzati l-isfidi marbuta mal-prenotazzjoni żejda tal-kapaċitajiet disponibbli filwaqt li tissaħħaħ ir-responsabbiltà tad-DSO. Regoli ġodda għandhom

jinkludu speċifikazzjoni tal-limiti ta' żmien għar-riżerva tal-kapaċitajiet tal-grilja, l-adattament tar-regoli għar-rilaxx mill-ġdid ta' kapaċitajiet mhux użati, l-inċentivi finanzjarji li jiskoraġġixxu n-nuqqas ta' użu tal-kapaċitajiet allokat u l-kundizzjonijiet li bihom id-DSO jista' jikkancelła r-riżervazzjoni tal-kapaċità.

Ir-riforma għandha l-għan li żżid it-trasparenza tal-proċedura tal-konnessjoni mal-grilja permezz ta' azzjonijiet biex titqajjem kuxjenza u tiġi pprovduta viżibbiltà għall-parteciċipanti fis-suq u għall-klijenti tan-network.

Kull xahar, it-tliet DSOs reġjonali għandhom jipubblikaw mappa ta' trasparenza fuq is-sit web tagħhom inkluż għal kull waħda miż-żoni ta' operazzjoni rispettivi tagħhom, informazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' konnessjoni mal-grilja disponibbli għal konnessjonijiet ġodda fil-livelli kollha ta' vultaġġi, jipubblikaw rekwiżiti aggregati ta' konnessjoni anonimizzata ta' talbiet aċċettati u jiċħdu.

Ir-riforma għandha tikkontribwixxi biex tiżdied il-kapaċità ta' konnessjoni kumulattiva addizzjonali ta' mill-inqas 8 000 MW ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli mikrija għan-networks ta' distribuzzjoni fiċ-Ċekja sal-31 ta' Awwissu 2026.

Is-sottomiżura 2: Inċentivi regolatorji għall-operaturi tan-networks tal-elettriku biex tiżdied il-flessibbiltà tal-grilja

Ir-riforma għandha l-għan li tirrevedi l-qafas regolatorju li jirregola l-investimenti u t-tariffi tad-DSO/TSO, bl-għan li tiżgura l-integrazzjoni bla xkiel ta' sorsi addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija Ċeka.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2026.

EE.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
299	Investiment 1: Modernizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tas-sistemi ta' distribuzzjoni reġjonali —	Tal-UE	Tlestija ta' investimenti fl-immodernizzar tan-netwerks ta' distribuzzjoni fir-Repubblika Ċeka		MW	0	[1777]	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Għandha tinkiseb mill-inqas [1777] MW ta' kapaċità addizzjonali kumulattiva għall-konnessjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli man-networks ta' distribuzzjoni fiċ-Ċekja. Il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għat-tneħħija tal-konġestjonijiet fil-grilji u għall-massimizzazzjoni tal-kapaċità teknika addizzjonali għall-integrazzjoni ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli. Sabiex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità msemmija hawn fuq, għandu jiġi pprovdut rapport tekniku mħejji minn inġinier indipendenti.
300	Investiment 2: Miżura fuq skala akbar: Żvilupp ta' sorsi ġodda ta' enerġija fotovoltajka	Tal-UE	Tlestija ta' kapaċità installata oħra ta' 224.7 MW ta' sorsi tal-FVE		MW	270	494,7	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Kapaċità ġdida ta' sorsi ta' enerġija fotovoltajka ta' 494.7 MW għandha tiġi installata u tibda titħaddem.
301	Riforma tal-1: Simplifikazzjoni għall-għoti ta' permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni emendata	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Il-leġiżlazzjoni għandha tiġi emendata biex: <ul style="list-style-type: none"> - tnehi r-rekwiżit li jinkiseb permess tal-kostruzzjoni, liċenzja għall-produzzjoni tal-elettriku, u permess ta' tqassim f'żoni/permess ta' tqassim f'żoni għal installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli b'kapaċità installata totali sa 50 Kw kif ukoll tnehi l-awtorizzazzjoni ta' konnessjoni mal-grilja għall-installazzjonijiet sa 10 kW. - Tiġi aċċellerata u ssimplifikata l-proċedura tal-permessi (permess għall-bini, permess ta' tqassim f'żoni) u konnessjoni mal-grilja għal installazzjonijiet ta' aktar minn mill-inqas

Num ru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										1 MW
302	Riforma tat-2: L-aċċellerazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni emendata	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	<p>Il-leġislazzjoni għandha tiġi emendata biex:</p> <p>Tistabbilixxi skadenzi massimi differenzjati u vinkolanti għall-istadji rilevanti kollha tal-proċedura abbażi tal-kapaċità. Id-durata tal-proċess kollu tal-għoti tal-permessi (inkluża l-konnessjoni mal-grilja) ma għandhiex taqbeż it-2 sena għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli minn 150 kW u sena għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli ta' inqas minn 150 kW. Għall-installazzjonijiet solari fi strutturi artifiċjali b'kapaċità ta' 100 kW jew inqas, il-proċess għall-għoti tal-permessi ma għandux jaqbeż xahar (1).</p> <p>- Tintroduċi monitoraġġ mir-regolatur tal-enerġija dwar it-tul tal-proċess differenti tal-għoti tal-permessi.</p>
303	Riforma tat-2: L-aċċellerazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Punt uniku ta' servizz diġitali	Bidu tal-operat tal-portal web				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	<p>Punt uniku ta' servizz diġitali (portal web) għandu jkun operattiv u jkun beda joffri servizzi, informazzjoni li tiggwida lill-applikant matul il-proċess amministrattiv differenti ta' applikazzjoni għal permess. Il-punt uniku ta' servizz għandu jaġixxi bħala punt ta' kuntatt uniku għall-investituri/applikanti għat-trattament u l-għoti ta' permessi u jinvolvi, fejn xieraq, awtoritajiet amministrattivi oħra.</p> <p>Il-portal web għandu jippermetti liċ-ċittadini u lill-intrapriżi jintroduċu b'mod diġitali domanda għat-tipi differenti ta' permessi (kostruzzjoni, liċenzjar, permessi ambjentali) u proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja. Il-portal web għandu jintegra l-istadji kollha tal-proċeduri kif ukoll il-funzjonalità għall-applikanti biex isegwu online l-istatus tal-permessi,</p>

Num ru ta' NU M.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>jiskambjaw b'mod diġitali d-dokumenti meħtieġa, jimmodifikaw it-talba sal-ħruġ tal-permess.</p> <p>L-istadji differenti tal-proċedura tal-permessi (eż. il-permessi tal-kostruzzjoni, il-permess ambjentali, il-konnessjoni mal-grilja u l-liċenzjar) huma kompletament diġitalizzati.</p>
304	Riforma 3 — Sottomiżura 1 It-titjib tat-trasparenza tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidliet leġiżlattivi u proċedurali	Dispożizzjoni fil-liġi u d-digriet li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-liġi jew tad-digriet				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	<p>Il-leġiżlazzjoni għandha tiġi emendata biex:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jagħtu s-setgħa lid-DSO biex jikkancelła r-riżervazzjoni tal-kapaċitajiet tal-grilja abbażi biss ta' kriterji tekniċi u wara d-dimostrazzjoni tan-nuqqas ta' użu tal-kapaċitajiet. - Obbligu tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li jipprovdni ġustifikazzjoni bil-miktub lill-applikant għall-konnessjoni għan-nuqqas ta' kapaċità ta' konnessjoni u li jindika d-data u l-kundizzjonijiet għall-konnessjoni futura - Jistabbilixxu regoli għar-rilaxx mill-ġdid ta' kapaċitajiet mhux użati, inċentivi finanzjarji li jiskoraġġixxu n-nuqqas ta' użu tal-kapaċitajiet allokat i fi żmien debitu u l-kundizzjonijiet li bihom id-DSO jista' jikkancelła r-riżervazzjoni tal-kapaċità. - Ir-regolatur Ċek tal-Enerġija għandu jirrevedi mill-inqas kull sitt xhur, f'kull reġjun l-adeqwatezza ta' deċiżjoni meħuda mid-DSO biex jikkancelła l-kapaċità. - Jintroduċu żmien vinkolanti massimu għall-konnessjoni mal-grilja li għandu jiġi speċifikat fil-kuntratti tal-ftehim ta' konnessjoni mal-grilja - Tnaqqas l-iskadenzi għall-appell quddiem il-korpi ta' konċiljazzjoni bejn l-applikanti u d-DSOs

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<ul style="list-style-type: none"> - Ittejjeb it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja. - mill-inqas kull xahar, id-DSOs (ĊEZdi, Predi, E.G.D) għandhom jippubblikaw informazzjoni online dwar il-kapaċitajiet ta' konnessjoni mal-grilja disponibbli għal konnessjonijiet ġodda fiż-żoni tal-operat rispettivi tagħhom, kif ukoll jippubblikaw ir-rekwiżiti aggregati ta' konnessjoni anonimizzata ta' talbiet aċċettati u miċħuda. <p>Id-DSO/TSO għandu jipprovdi wkoll informazzjoni ċara u trasparenti lill-utenti tas-sistema dwar l-istatus u t-trattament tat-talbiet ta' konnessjoni tagħhom.</p>
305	Riforma 3 — Sottomiżura 1 It-titjib tat-trasparenza tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar talbiet u kapaċitajiet ta' konnessjoni mal-grilja	Bidu tat-tħaddim tal-mappa interattiva				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	<p>Għandha tiġi ppubblikata mappa interattiva fuq is-siti web tat-tliet DSOs reġjonali (E.GD, CEZ u PRE) u turi l-informazzjoni li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> - għal kull żona ta' tħaddim, informazzjoni dwar il-kapaċità tal-grilja disponibbli f'livelli ta' vultaġġ medju u għoli. - Għal livell ta' vultaġġ baxx, informazzjoni fil-livell tat-transformer, informazzjoni anonimizzata aggregata skont l-istazzjon dwar it-talbiet aċċettati u miċħuda (inkluż l-għadd ta' ftehimiet ta' konnessjoni alternattivi), u rekwiżiti ta' konnessjoni anonimizzati, it-talbiet aċċettati u rrifjutati
306	Riforma 3 — Sottomiżura 1 It-titjib tat-trasparenza tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar talbiet u kapaċitajiet ta' konnessjoni mal-grilja	Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-kapaċità tal-grilja fil-livelli kollha tal-vultaġġ				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	<p>Il-mappa diġitali għandha turi informazzjoni dwar il-kapaċitajiet tal-grilja disponibbli fil-livelli kollha tal-vultaġġ imħaddma mid-DSOs, inkluż fil-livell ta' vultaġġ baxx.</p>

Num ru ta' NU M.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
307	Riforma 3 — Sottomiżura 1 It-titjib tat-trasparenza tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja	Tal-UE	Awtorizzazzjoni ta' konnessjoni mal-grilja għall-kapaċità tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli	Kapaċità totali ta' enerġija rinnovabbli konnessa	MW	0	8000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Inkisbet mill-inqas 8 000 MW ta' kapaċità addizzjonali kumulattiva tal-grilja għall-konnessjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-mira tkopri l-kategorija kollha tal-impjanti tal-enerġija mix-xemx u mir-riħ. Bażi tad-data tal-gvern għandha tagħmel monitoraġġ tal-progress lejn il-miri korrispondenti.
308	Riforma 3 — Sottomiżura 2: Inċentivi regolatorji għall-operaturi tan-networks tal-elettriku biex tiżdied il-flessibbiltà tal-grilja	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-metodoloġija tariffarji l-ġodda tat-TSO u tad-DSO fuq is-sit web tar-regolatur tal-enerġija					IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Il-metodoloġija l-għdida tat-Tariffi għandha tirrifletti l-kostijiet fissi u operazzjonali tat-TSO u tad-DSOs u għandha tqis kemm in-nefqa kapitali kif ukoll dik operazzjonali. Huwa għandu jipprevedi inċentivi lit-TSOs u lid-DSOs biex jinvestu fl-effiċjenza enerġetika, fl-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, f'soluzzjonijiet biex jottimizzaw il-grilja eżistenti u jiffaċilitaw ir-rispons tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija. Għandu jipprovdi inċentivi biex jappoġġa l-użu ta' servizzi ta' flessibbiltà, u inċentivi biex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni f'oqsma bħaddiġitalizzazzjoni, is-servizzi ta' flessibbiltà u l-interkonnessjoni. It-TSO u d-DSOs għandhom jiġu inċentivati permezz tal-metodoloġija tariffarja lejn redditu ogħla meta jsir investiment fl-effiċjenza tal-grilja, fit-titjib fil-flessibbiltà, jew fil-konnessjoni tal-enerġija rinnovabbli.

FF. KOMPONENT 7.2 APPOĠĠ GĦAD-DEĊENTRALIZZAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SETTUR TAL-ENERĠIJA (RAPOWER EU)

L-objettiv tal-komponent huwa li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn sistema ġdida tal-enerġija bbażata fuq il-ġenerazzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli, id-diġitalizzazzjoni u ż-żieda fil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini. Il-komponent jikkontribwixxi biex jiffaċilita l-adozzjoni ta' attivitajiet ġodda fis-settur tal-elettriku bħall-ħżin, l-aggregazzjoni, il-kondiviżjoni tal-enerġija u użi ġodda li jappoġġaw il-flessibbiltà u d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-elettriku kollha.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex jitnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u l-konsum taġġhom billi jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni taġġhom fis-sistema tal-elettriku (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2022).

FF.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1: Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku

L-għan tal-miżura huwa li jitwaqqaf Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku (EDC). L-EDC għandu jimmaniġġja pjattaforma diġitali tal-IT li tiġbor data dwar il-ġenerazzjoni, il-konsum u l-flessibbiltà f'post ċentrali wieħed u tipprovdi servizzi tekniċi biex ittejjeb is-sigurtà u l-affidabbiltà tat-tħaddim tas-sistema tal-elettriku tar-Repubblika Ċeka għall-benefiċċju tal-parteċipanti kollha fis-suq (inklużi l-klijenti finali). Il-ħolqien tal-EDC għandu l-għan li jappoġġa l-ħolqien ta' suq u attivitajiet ġodda u li jippermetti l-kondiviżjoni tal-enerġija.

L-EDC għandu jiżgura l-koordinazzjoni, il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' data mkejla kif ukoll it-tqabbil u l-ipproċessar tad-data relatati mal-ġoti tal-flessibbiltà, l-aggregazzjoni tal-flessibbiltà u l-ħżin tal-elettriku. Għandha tipprovdi wkoll servizzi fl-oqsma li ġejjin: il-ġbir u l-forniment ta' data dwar il-kejl, l-evalwazzjoni tad-data għall-fini tal-ħżin tal-enerġija, il-kondiviżjoni tal-enerġija, l-aggregazzjoni tal-flessibbiltà, l-ibbilanċjar, l-iskedar tal-grilja, ir-reġistrazzjoni tas-suq, it-trażmissjoni tad-data dwar il-kejl, sistemi tat-traffiku tad-dawl tan-network u reġistrazzjoni tad-data ewlenija. L-aċċess għall-funzjonalitajiet tekniċi pprovduti mis-sistema ta' informazzjoni EDC għandu jkun nondiskriminatorju u jkun miftuħ għall-parteċipanti kollha fis-suq. Il-klijenti, l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni, il-fornituri tal-elettriku u l-operaturi tas-suq tal-elettriku għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw id-data li huma intitolati għaliha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli rilevanti.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma tal-1: Komunitajiet tal-enerġija

L-objettiv tar-riforma huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju bil-ħsieb li jiġi inċentivat u ffaċilitat l-iżvilupp taċ-ċittadini u tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

Ir-riforma għandha l-għan li tintroduċi inċentivi għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija u ttejjeg l-involvement taġġhom f'attivitajiet bħall-produzzjoni u l-konsum kollettivi fi ħdan il-qafas tal-komunità tal-enerġija.

Ir-regoli emendati għandhom jimplementaw il-prinċipju ta' parteċipazzjoni miftuħa, ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn l-awtokonsum kollettiv u l-produzzjoni jew jintroduċu kwalunkwe tip ta' restrizzjoni bbażata fuq id-daqs jew il-ġeografija. Il-Komunitajiet tal-Enerġija għandhom jitħallew joperaw ukoll fit-tisħin rinnovabbli, mhux biss fis-suq tal-elettriku.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2026.

Riforma tat-2: Qafas dwar il-Ħżin tal-Enerġija u l-flessibbiltà mhux fossili

Din il-miżura għandha l-għan li tistabilixxi qafas regolatorju ta' komprensjoni għas-servizzi ta' flessibbiltà bħall-ħżin tal-enerġija, ir-rispons tad-domanda, l-aggregazzjoni. L-objettiv huwa li jiġi promoss l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi, teknoloġiċi u tas-software innovattivi għall-ottimizzazzjoni tal-flussi tal-enerġija biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja u biex is-sistema tal-elettriku tkun tista' taġġusta għall-varjabbiltà tal-ġenerazzjoni u l-konsum tal-elettriku f'perjodi ta' żmien differenti.

Barra minn hekk, ir-riforma għandha l-għan li tiżgura l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija, tal-aggregaturi, tal-awtokonsumaturi, tal-klijenti attivi, tal-assi tal-ħżin tal-enerġija, tal-parteċipanti tar-rispons tad-domanda industrijali fis-suq tal-elettriku, filwaqt li żżid il-flessibbiltà ġenerali tas-sistema tal-elettriku u tnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili.

Ir-riforma għandha tiżgura li s-suq għal soluzzjonijiet ta' flessibbiltà mhux fossili jkun miftuħ għall-parteċipanti kollha li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra u għandha tneħħi kwalunkwe ostaklu għal tali parteċipazzjoni. Ir-riforma għandha tiżviluppa reġim regolatorju li jwassal għall-integrazzjoni tal-flessibbiltà mhux fossili fis-swieq tal-enerġija, tal-kapaċità u tas-servizzi anċillari. Ir-riforma għandha tintroduċi inċentivi għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija u thegġegħ l-aggregazzjoni tad-domanda, il-ħżin tal-elettriku u l-forniment ta' flessibbiltà fil-qafas tal-komunità tal-enerġija.

Il-leġiżlazzjoni għandha tiffaċilita l-investimenti kummerċjali tal-ħżin tal-enerġija bbażati fuq is-suq u għandha l-għan li tkun akkumpanjata minn skemi addizzjonali ta' appoġġ finanzjarju biex jiżdiedu l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Settembru 2025.

FF.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
309	Investiment 1: Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi ċ-Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku	Dispozzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ taċ-Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	<p>Iċ-Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku huwa stabbilit bil-liġi u l-funzjonalitajiet u l-obbligi tiegħu huma definiti mil-liġi. B'mod partikolari, l-EDC għandu:</p> <ul style="list-style-type: none"> — tirreġistra, fuq talba tal-parteċipant fis-suq, il-bandiera jew identifikazzjoni oħra tal-punti ta' trasferiment involuti fil-punti tal-kondiviżjoni u tat-trasferiment tal-elettriku involuti fil-ħruġ f'punt ta' ħruġ ieħor fiċ-ċentru tad-data u tittrażmetti l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni lill-operatur tas-suq, talloka, fuq talba tal-parteċipant fis-suq, is-sehem tal-elettriku kondiviż fil-punti ta' trasferiment u talloka s-sehem tal-elettriku ġġenerat proprju fil-punt tal-konsum ta' parteċipant ieħor fis-suq, — id-data dwar il-kejl tal-elettriku tal-proċess għall-inklużjoni tal-kondiviżjoni tal-elettriku fil-valutazzjoni tad-devjazzjoni u fl-ammont ta' elettriku li għalih jitħallsu prezzijiet regolati u mhux regolati fis-suq tal-elettriku, — jipprovdu lin-negozjanti b'data anonimizzata rreġistrata miċ-ċentru tad-data bil-punti ta' trasferiment tal-punti tal-konsum tal-elettriku u l-impjanti ta' ġenerazzjoni, inkluża data oħra relatata mal-kondiviżjoni tal-elettriku, — tipprovdi lill-operaturi tas-suq u lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni b'data dwar il-kejl filwaqt li tqis l-elettriku kondiviż. <p>L-aċċess għall-funzjonalitajiet tekniċi pprovduti mill-EDC għandu jkun nondiskriminatorju u jkun miftuħ għall-parteċipanti kollha fis-suq. Il-klijenti, l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni, il-fornituri tal-elettriku u l-operaturi tas-suq tal-elettriku għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw id-data li huma intitolati għaliha skont il-leġiżlazzjoni</p>

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										applikabbli rilevanti.
310	Investiment 1: Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku	Stadju importanti	Bidu tal-operat taċ-Ċentru tad-Data dwar l-Enerġija	It-tnejja tal-funzjonalitajiet marbuta mal-kondiviżjoni tal-enerġija				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Iċ-Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku għandu jibda t-tħaddim tal-funzjonalitajiet marbuta mal-kondiviżjoni tal-enerġija (kejl u evalwazzjoni tad-data).
311	Investiment 1: Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku	Stadju importanti	Bidu tal-operat taċ-Ċentru tad-Data dwar l-Enerġija	Il-funzjonalitajiet kollha huma operazzjonali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Minbarra l-funzjonalitajiet marbuta mal-kondiviżjoni tal-enerġija, iċ-Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku għandu jipprovdi servizzi fl-oqsma li ġejjin: — ġbir, forniment u trażmissjoni ta' data dwar il-metraġġ — ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni tad-data għall-fini tal-ħżin tal-elettriku, il-kondiviżjoni tal-elettriku, il-forniment tal-flessibbiltà, — ġbir u kondiviżjoni tad-data għall-ibbilanċjar u l-iskedar tal-grilja — reġistrazzjoni tad-data tas-suq u tad-data ewlenija — tippubblika informazzjoni dwar l-istat tal-grilja u l-possibbiltajiet għall-attivazzjoni tal-flessibbiltà — iprovdi informazzjoni dwar il-flessibbiltà disponibbli
312	Riforma tal-1: Komunitajiet tal-enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni emendata dwar il-komunitajiet tal-enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi qafas regolatorju għaċ-ċittadini u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Ir-riforma għandha tintroduċi inċentivi għall-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija u tinkoraġġixxi l-produttjoni u l-konsum kollettivi fi ħdan il-qafas tal-komunità tal-enerġija. Ir-riforma għandha timplimenta l-prinċipju ta'

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>parteċipazzjoni miftuħa, ma għandhiex tirrestrinġi bla bżonn l-awtokonsum kollettiv u l-produzzjoni jew tintroduċi kwalunkwe tip ta' restrizzjoni mhux ġustifikata bbażata fuq id-daqs jew il-ġeografija. Il-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli u taċ-Ċittadini għandhom jitħallew joperaw ukoll fit-tisħin rinnovabbli, mhux biss fis-suq tal-elettriku. Ir-riforma għandha tiżgura li kull klijent li jipparteċipa fil-kondiviżjoni tal-enerġija jkun intitolat li jirċievi arloġġ intelliġenti.</p> <p>Il-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli u taċ-Ċittadini għandu jkollhom id-dritt li jirċievu data dwar il-metraġġ dwar il-provvisti tal-elettriku, data dwar il-kejl b'kont meħud tal-elettriku kondiviż fi ħdan il-komunità tal-enerġija u data evalwata.</p>
313	Riforma tal-1: Komunitajiet tal-enerġija	Stadju importanti	Rapport ta' progress dwar l-investment fl-infrastruttura tal-IT	Pubblikazzjoni tar-rapport				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2025	Rapport li jivvaluta l-investimenti mwettqa mid-DSOs fis-sistemi ta' kejl u ta' fatturazzjoni, fl-infrastruttura tal-IT kif ukoll fid-diskrepanzi u fil-ħtiġijiet futuri ta' investment bl-għan li jiġi żgurat li l-kondiviżjoni tal-enerġija f'żona tal-offerti tiġi ppubblikata minn parti terza indipendenti.
314	Riforma tal-1: Komunitajiet tal-enerġija	Stadju importanti	Linji gwida dwar il-komunitajiet tal-enerġija	Pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ambjent u l-Ministeru tal-Industrija tal-baży tad-data tad-dokumenti legali mudell għall-istabiliment ta' komunitajiet tal-				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Il-linji gwida u d-dokumenti previsti għall-istabiliment legali tal-komunitajiet tal-enerġija (inklużi studji tekniċi u ekonomiċi tal-fattibbiltà, kuntratti u dokumenti legali relatati mal-istabiliment tal-komunitajiet tal-enerġija, ir-relazzjonijiet kuntrattwali tal-komunitajiet tal-enerġija u l-membri tagħhom, għandhom jiġu ppubblikati biex jiggwidaw lill-pubbliku u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija.

Num ru ta' NU M.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				enerġija						
315	Riforma tat-2: Qafas dwar il- Ħżin tal-Enerġija u l-flessibbiltà mhux fossili	Stadju importanti	Rapport dwar il- ħtieġa għal flessibbiltà mhux fossili	Pubblikazzjoni tar- rapport fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Industrija				IT-TIENI TRIMEST RU TAT-3	2024	Il-pubblikazzjoni ta' rapport li jħares' il quddiem dwar il-flessibbiltà tas-sistema teħtieġ valutazzjoni u potenzjal, li jkopri perġodu ta' 5 snin. Ir-rapport għandu jevalwa u jidentifika l-ostakli għall- flessibbiltà mhux fossili fis-suq u jipproponi azzjonijiet ta' mitigazzjoni rilevanti. Ir-rapport għandu jidentifika wkoll l-istrumenti u s-sorsi ta' finanzjament rilevanti biex jiġi appoġġat l-użu tal- flessibbiltà mhux fossili permezz ta' sorsi pubbliċi jew privati. Ir-rapport għandu jiġi stabbilit minn parti terza indipendenti.
316	Riforma tat-2: Qafas dwar il- Ħżin tal-Enerġija u l-flessibbiltà mhux fossili	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal- bidliet leġiżlattivi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis- seħħ				IT-TIENI TRIMEST RU TAL-4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi qafas regolatorju dwar il-ħżin tal-enerġija, l- aggregazzjoni, il-klijenti attivi, il-parteċipazzjoni ta' parteċipanti fir-rispons tad-domanda industrijali fis-suq tal-enerġija. Il-leġiżlazzjoni emendata għandha tinkludi: <ul style="list-style-type: none"> Definizzjonijiet ta' servizzi ta' flessibbiltà bħall-ħżin, l-aggregazzjoni tad-domanda, ir-rispons tad-domanda; Liċenzja għida biex jitħaddmu l-assi tal-ħżin tal-enerġija u jiġu pprovduti servizzi ta' aggregazzjoni fis-suq; Definizzjoni tad-drittijiet u l-obbligi tal-operatur tal-assi tal-ħżin tal-enerġija u tal-aggregatur tad-domanda fir-rigward ta' parteċipanti oħra fis-suq (id-dritt li jikkonnettja l-ħżin tal-enerġija mal-grilja, id-dritt li jbigħ lill-grilja u jixtri l-elettriku mill-grilja, id-dritt li jipprovdi servizzi ta' bilanċjar;

Num ru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<ul style="list-style-type: none"> • Id-dritt u r-regoli għal konsumatur attiv li jopera assi tal-ħżin; • Dispożizzjonijiet ta' kuntratti dwar l-aggregazzjoni u t-tħaddim tal-assi tal-ħżin tal-enerġija; • L-esklużjoni ta' ċċarġjar doppju (li jikkonċerna l-elettriku mill-grilja, imbagħad ikkonsenjat lura lill-grilja u kkunsmat mill-klijent finali). Il-kundizzjonijiet għall-komunitajiet tal-enerġija u għall-awtokonsumaturi kollettivi biex jipparteċipaw fl-aggregazzjoni, il-ħżin, id-distribuzzjoni tal-elettriku, u l-attivitajiet tal-produzzjoni tal-elettriku. • Ir-rekwiżit li d-DSOs jinkludu fil-pjanijiet tagħhom għall-iżvilupp tan-network informazzjoni dwar is-servizzi ta' flessibilità, ir-rispons potenzjali tad-domanda, l-effiċjenza enerġetika, ir-riżorsi tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija li d-DSO jkun beħsiebu juża jew jinvesti fihom bħala alternattiva għall-espansjoni tas-sistema.
317	Riforma tat-2: Qafas dwar il-ħżin tal-Enerġija u l-flessibilità mhux fossili	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Flessibilità	Adozzjoni mill-gvern tal-Pjan ta' Azzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	<p>Il-pjan ta' Azzjoni għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-flessibilità mhux fossili u jiddefinixxi mira għall-flessibilità mhux fossili, inkluż ir-rispons tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija għall-għaxar snin li ġejjin.</p> <p>Il-pjan ta' Azzjoni għandu jipprovdi trajettorja ta' investment biex jintlaħaq il-potenzjal identifikat u jistabbilixxi finanzjament pubbliku u jidentifika sorsi ta' finanzjament privat xierqa għall-appoġġ ta' teknoloġiji ta' flessibilità u ħżin inklużi skedi ta' żmien.</p>

GG. IL-KOMPONENT 7.3: RIFORMA KOMPRESIVA TAL-PARIR TAL-MEWĠA TA' RINNOVAZZJONI FIR-REPUBBLIKA ĊEKA (RAPOWER EU)

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għandu l-għan li jissimplifika l-proċess tat-tnejja tal-proġett ta' rinnovazzjoni, iżid l-għarfien espert u l-kapaċità fil-qasam tar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, iżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-faqar enerġetiku u s-soluzzjonijiet disponibbli, u jżid l-għadd u l-kwalità ta' proġetti ta' rinnovazzjoni residenzjali.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tisħin distrettwali u tal-istokk tal-bini billi jiġu inċentivati rinnovazzjonijiet profondi u sorsi ta' sħana rinnovabbli (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2022).

GG.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Punti uniċi ta' servizz għall-komunitajiet tal-enerġija u r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika

Ir-riforma għandha tiġi implimentata billi titwettaq evalwazzjoni tal-operazzjoni pilota ta' tliet punti uniċi ta' servizz reġjonali li jipprovdu lill-unitajiet domestiċi, lill-intrapriżi u lis-settur pubbliku b'pariri dwar ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika. L-evalwazzjoni għandha tiġi formalizzata fi studju li jislet it-tagħlimiet meħuda u jirrakkomanda azzjonijiet għat-titjib fit-taddim ta' punti uniċi ta' servizz reġjonali.

Ir-riforma għandha tinkludi wkoll miżuri ta' appoġġ għall-edukazzjoni u l-informazzjoni tal-muniċipalitajiet u ċ-ċittadini dwar il-kunċett u l-vantaġġi tal-komunitajiet tal-enerġija, inkluż il-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz biex jipprovdi appoġġ tekniku dwar aspetti regolatorji, tekniċi, finanzjarji u organizzattivi.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma tat-2: Data u gwida metodoloġika għas-sistema konsultattiva

Ir-riforma għandha tiġi implimentata billi tittejjja data u gwida metodoloġika li għandhom jintużaw fl-għoti ta' servizzi konsultattivi, u billi jitwettaq taħriġ għall-professjonisti għall-mewġa ta' rinnovazzjoni. Il-gwida metodoloġika għandha tinkludi modulu dwar il-faqar enerġetiku u kif għandhom jingħataw pariri lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli. L-għan tar-riforma huwa li tinbena l-kapaċità fil-qasam tar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika li tista' tiġi ingranata biex tittejjeb il-kwalità tal-proġetti ta' rinnovazzjoni implimentati mill-unitajiet domestiċi Ċeki.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 1: Forniment ta' servizzi ta' konsulenza lill-unitajiet domestiċi

L-investment għandu jiġi implimentat billi jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza lil mill-inqas 120,000 proġett ta' rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi, tal-intrapriżi u tas-settur pubbliku permezz tal-istruttura u s-servizzi l-ġodda ta' konsulenza dwar l-enerġija. L-għan tal-investment huwa li jżid l-għadd u l-kwalità ta' proġetti ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija implimentati mill-unitajiet domestiċi.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2: Sensibilizzazzjoni

L-investment għandu jiġi implimentat billi titwettaq kampanja ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-effiċjenza enerġetika li għandha, fejn xieraq, tinkludi enfasi fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, ir-rinnovazzjoni tal-bini u l-faqar enerġetiku. L-għan tal-kampanja huwa li tinforma lill-pubbliku ġenerali dwar il-bidliet fl-imġiba li jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u jgħinu biex jittaffa l-faqar enerġetiku.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Marzu 2025.

GG.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
318	Riforma tal-1: Punti uniċi ta' servizz għall-komunitajiet tal-enerġija u r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Punt uniku ta' servizz għall-enerġija	Bidu tal-operat tal-awtorità ta' punt uniku ta' servizz				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	<p>L-istabbiliment u d-dħul fis-seħħ ta' punt uniku ta' servizz (OSS) li jipprovdi appoġġ tekniku, jiffaċilita l-aċċess għal finanzjament bikri (biex jikkuntratta servizzi jew jinvesti f'tagħmir) u informazzjoni biex tiġi stabbilita komunità tal-enerġija.</p> <p>L-OSS għandu jipprovdi linji gwida dwar ir-rekwiżiti leġislattivi u dokumenti mudell biex jgħinu fil-proċeduri ta' liċenzjar u ta' permessi.</p> <p>L-OSS għandu jipprovdi appoġġ u pariri dwar ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika lill-unitajiet domestiċi, lill-intrapriżi u lis-settur pubbliku.</p>
319	Riforma tal-1: Punti uniċi ta' servizz għall-komunitajiet tal-enerġija u r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Evalwazzjoni tal-operat pilota ta' tliet punti uniċi ta' servizz għall-enerġija	Studju ta' evalwazzjoni tal-operat ta' tliet punti uniċi ta' servizz reġjonali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	It-tweġġ ta' evalwazzjoni tal-operazzjoni pilota ta' tliet punti uniċi ta' servizz reġjonali li jipprovdu pariri dwar il-komunitajiet tal-enerġija u r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika lill-unitajiet domestiċi, lill-intrapriżi u lis-settur pubbliku
320	Riforma tat-2: Data, gwida metodoloġika u taħriġ għas-sistema konsultattiva	Stadju importanti	Data, gwida metodoloġika	Data, gwida metodoloġika				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	It-tweġġ ta' data u gwida metodoloġika li għandhom jintużaw fl-għoti ta' servizzi ta' konsulenza għall-unitajiet domestiċi, l-intrapriżi u s-settur pubbliku. Il-gwida metodoloġika għandha tinkludi modulu dwar il-faqar enerġetiku u kif għandhom jingħataw pariri lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli.
321	Riforma tat-2: Data, gwida metodoloġika u	Tal-UE	Għadd ta' taħriġ ipprovdut		Għadd ta' professjonisti	0	100	IT-TIENI TRIMESTRU	2025	Tlesta t-taħriġ għal mill-inqas 100 professjonist għall-mewġa ta' rinnovazzjoni

Numru ta' NUM.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	taħriġ għas-sistema konsultattiva				mħarrġa			RU TAT-2		
322	Investiment 1: Forniment ta' servizzi ta' konsulenza lil unitajiet domestiċi, intrapriżi u s-settur pubbliku	Tal-UE	Forniment ta' servizzi ta' konsulenza lil unitajiet domestiċi, intrapriżi u s-settur pubbliku		Għadd	0	60,000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	Is-sistema konsultattiva li għadha kif ġiet stabbilita għandha tipprovdi servizzi ta' konsulenza lil mill-inqas 60,000 proġett domestiku, ta' intrapriża jew tas-settur pubbliku sat-tielet trimestru tat-2 2025
323	Investiment 1: Forniment ta' servizzi ta' konsulenza lil unitajiet domestiċi, intrapriżi u s-settur pubbliku	Tal-UE	Forniment ta' servizzi ta' konsulenza lil unitajiet domestiċi, intrapriżi u s-settur pubbliku		Għadd	60,000	120,000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Is-sistema konsultattiva li għadha kif ġiet stabbilita għandha tipprovdi servizzi ta' konsulenza lil mill-inqas 120,000 proġett domestiku, ta' intrapriża jew tas-settur pubbliku sat-tielet trimestru tat-2 2026
324	Investiment 2: Sensibilizzazzjoni	Tal-UE	Tlestija ta' kampanja ta' sensibilizzazzjon i fil-pajjiż kollu		Għadd ta' kampanji fil-pajjiż kollu	0	1	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	Titlesta mill-inqas kampanja waħda ta' sensibilizzazzjoni pubblika fil-pajjiż kollu dwar it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b'elementi ta' kwistjonijiet relatati mal-faqar enerġetiku.

HH. IL-KOMPONENT 7.4: ADATTAMENT GĦALL-ISKEJJEL — PROMOZZJONI TAL-HILJET EKOLOĠIĊI U S-SOSTENIBBILTÀ FL-UNIVERSITAJIET (REPOWEREU)

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika tas-sistema edukattiva, b'mod partikolari billi jrawwem l-iżvilupp ta' ħilet ekoloġiċi fost l-istudenti tal-edukazzjoni għolja u l-popolazzjoni ġenerali. L-objettiv għandu jinkluda billi jiġu riveduti l-kurrikuli tal-universitajiet pubbliċi, inkluż billi jiġu riveduti l-kurrikuli eżistenti u jiġu stabbiliti programmi ġodda, u billi tinholq offerta ta' korsijiet ta' taġħlim tul il-ħajja disponibbli għall-pubbliku ġenerali. Il-programmi kollha riveduti jew maħluqa bħala parti minn din il-miżura għandhom jappoġġaw il-ħilet ekoloġiċi u jkollhom eżiti tat-tagħlim definiti b'mod ċar fl-oqsma tas-sostenibbiltà, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-bijodiversità, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-aspetti ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Il-komponent għandu wkoll l-għan li jappoġġa lill-universitajiet pubbliċi fl-iżvilupp tal-istrateġiji taġħhom fuq terminu medju u twil fil-qasam tal-edukazzjoni tal-ħilet ekoloġiċi, kif ukoll fl-istabbiliment ta' sħubijiet strateġiċi ma' partijiet terzi rilevanti għall-programmi ta' studju ġodda jew adattati. L-għan aħħari ta' dan il-komponent huwa li jadatta l-edukazzjoni għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol, jindirizza n-nuqqas ta' esperti kompetenti fis-setturi ekoloġiċi u tal-enerġija, u jiżgura l-impjegabbiltà fit-tul.

HH.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tadatta l-offerta ta' apprendiment tal-universitajiet pubbliċi għall-ħtieġa dejjem akbar tas-suq tax-xogħol għall-esperti fl-oqsma relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika. Ir-riforma għandha tnedi mill-inqas 90 programm ta' studju, wara sejħa għal proposti mmirata lejn universitajiet pubbliċi. L-offerta ta' apprendiment estiża għandha tikkonsisti minn 20 programm ta' studju ġdid, 50 korsijiet ġodda miżjuda mal-programmi ta' studju eżistenti, u 20 kors ġdid ta' apprendiment tul il-ħajja, inklużi korsijiet ta' apprendiment tul il-ħajja li jwasslu għal mikrokredenzjali. Il-programmi kollha mnedija bħala parti minn din il-miżura għandhom irawmu l-edukazzjoni fil-ħilet ekoloġiċi u jkollhom eżiti tat-tagħlim definiti f'konformità mal-qafas Ewropew ta' Ħilet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO).

Ir-riforma għandha tlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 1: Strateġiji għal Tranżizzjoni Sostenibbli u Ekoloġika

Il-miżura għandha l-għan li tappoġġa lill-universitajiet pubbliċi fl-iżvilupp ta' strateġiji għat-tranżizzjoni sostenibbli u ekoloġika. Mill-inqas 20 università pubblika għandhom jadottaw strateġija għal Tranżizzjoni Sostenibbli u Ekoloġika, li għandha tistabbilixxi l-viżjoni, il-prijoritajiet u l-objettivi tal-universitajiet fuq terminu medju u twil fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-edukazzjoni fil-ħilet ekoloġiċi.

L-investment għandu jlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 2: Stabbiliment ta' sħubijiet strateġiċi

L-għan ta' dan l-investment huwa li jappoġġa lill-universitajiet pubbliċi fl-istabbiliment ta' sħubijiet strateġiċi ma' partijiet terzi rilevanti għall-edukazzjoni tal-ħilet ekoloġiċi, pereżempju n-negozji, l-istituzzjonijiet ta' riċerka jew l-organizzazzjonijiet soċjali. Hija għandha l-għan li żżid il-

kwalià u r-rilevanza tal-programmi ta' studju ġodda jew adattati taħt ir-Riforma 1, billi tippermetti lill-universitajiet jinvolve lill-prattikanti fit-tfassil tal-korsijiet il-ġodda. Għandhom jiġu ffurmati mill-inqas 20 sħubija strateġika.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

HH.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NUM	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
325	Riforma tal-1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu	Stadju importanti	Tnedija ta' programm għall-appoġġ tat-trasformazzjoni tal-universitajiet					IT-TIEN I TRIMES TRU TAL-4	2023	Għandha titnieda s-sejħa għal proġetti li jappoġġaw l-adattament tal-universitajiet għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol billi jiġi promoss l-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi fil-kurrikuli tal-istudju. L-oġġettiv għandu jkun li jiġu stabbiliti mill-inqas 20 programmi ta' studju ġodda, jiżiedu mill-inqas 50 korsijiet ġodda mal-programmi ta' studju eżistenti, u jiġu stabbiliti mill-inqas 20 korsijiet ta' tagħlim tul il-ħajja.
326	Riforma tal-1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu	Tal-UE	Tnedija ta' programmi ta' studju ġodda, korsijiet ġodda fi programmi ta' studju eżistenti u tagħlim tul il-ħajja		Programmi ta' studju u korsijiet	0	90	IT-TIEN I TRIMES TRU TAL-4	2025	<p>Il-programm għandu jikseb dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> – Mill-inqas 20 programmi ta' studju ġodda (livell ta' Baċċellerat, Master u/jew PhD) għandhom jirċievu akkreditazzjoni. – Mill-inqas 50 korsijiet ġodda (obbligatorji u/jew fakultattivi) għandhom jiżiedu mal-kurrikuli tal-programmi ta' studju eżistenti (livell ta' Baċċellerat, Master u/jew PhD). – L-universitajiet għandhom joħlqu u joffru mill-inqas 20 kors ġdid ta' apprendiment tul il-ħajja (inklużi dawk li jwasslu għal mikrokredenzjali). <p>Il-programmi u l-korsijiet kollha għandhom jiżviluppaw ħiliet ekoloġiċi u jiddefinixxu l-eżiti tat-tagħlim f'konformità mal-qafas Ewropew ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO).</p>
327	Investiment 1: Strateġiji għal Tranżizzjoni	Tal-UE	Adozzjoni ta' Strateġiji ta' Tranżizzjoni Sostenibbli u		Strateġiji	0	20	IT-TIEN I TRI	2024	Mill-inqas 20 università pubblika għandhom jadottaw Strateġiji ta' Tranżizzjoni Sostenibbli u Ekoloġika ġodda. L-istrateġiji għandhom jiffomulaw il-viżjoni,

Num ru ta' NUM	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trime stru	Snin	
	Sostenibbli u Ekoloġika		Ekoloġika ġodda mill-universitajiet pubbliċi					MES TRU TAL-4		l-oqsma ta' prijorità, il-prinċipji u l-għanijiet, meħtieġa biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-universitajiet fuq terminu qasir u medju, inkluża l-edukazzjoni dwar il-ħiliet ekoloġiċi.
328	Investiment 2: Stabbiliment ta' sħubijiet strateġiċi	Tal-UE	L-istabbiliment ta' sħubijiet strateġiċi minn universitajiet pubbliċi		Sħubijiet strateġiċi	0	20	IT-TIEN I TRI MES TRU TAT-2	2025	Għandhom jiġu stabbiliti 20 sħubijiet strateġiċi bejn universitajiet pubbliċi u parti terza li tiżviluppa edukazzjoni dwar il-ħiliet ekoloġiċi.

II. KOMPONENT 7.5 ID-DEKARBONIZZAZZJONI TAT-TRASPORT BIT-TRIQ (REPOWEREU)

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-ħtieġa li s-settur tat-trasport jiġi dekarbonizzat billi jintużaw vetturi u infrastruttura b'emissjonijiet zero fiċ-Ċekja, sabiex issir tħejjija għat-tneħħija gradwali rapida tal-fjuwils fossili fis-settur tat-trasport bit-triq.

Il-komponent għandu l-għan li jżid l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet zero ta' diversi tipi fiċ-Ċekja, kif ukoll li jħeġġeġ l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-idroġenu permezz ta' investimenti u riformi.

Il-komponent huwa marbut mal-implimentazzjoni tas-CSR 4 tal-2022, li tenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili u d-dipendenza tal-pajjiż fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili. Il-komponent jindirizza s-CSR b'mod partikolari billi jfittex li jnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili fis-sistema tat-trasport Ċeka. Il-komponent huwa marbut b'mod ugwali mal-implimentazzjoni tas-CSR 4 tal-2023, li tenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet zero u li tingħata spinta lid-disponibbiltà ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment ta' fjuwil b'kapaċità għolja permezz ta' riformi ġodda sabiex jinħolqu kundizzjonijiet abilitanti għall-varar tal-vetturi u l-infrastruttura u jitneħħew minnhom.

II.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma tal-1: Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Mobbiltà Nadifa u miri ta' varar għal mobbiltà b'emissjonijiet zero

L-objettiv tar-riforma huwa li tistabbilixxi perkors għat-tranżizzjoni lejn trasport nadif u l-użu rapidu ta' mobbiltà b'emissjonijiet zero. Ir-riforma għandha l-għan li tibni fuq Oqfsa ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli tal-bliet Ċeki, filwaqt li tippreżenta perkors għaċ-Ċekja biex taċċellera l-varar ta' mobbiltà b'emissjonijiet zero u l-introduzzjoni ta' infrastruttura rilevanti għar-riforniment u l-irriċarġjar.

Fid-dawl tat-tranżizzjoni li għaddejjja lejn settur tat-trasport dekarbonizzat malajr, ir-riforma għandha tirriżulta f'żieda perċentwali tal-vetturi rreġistrati b'emissjonijiet zero għal kull kategorija ta' vetturi għall-2025 u l-2030, meta mqabbla mal-linja bażi tal-2022. Il-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali rivedut għandu jstabbilixxi wkoll miri nazzjonali ddedikati għal kategoriji differenti ta' vetturi b'emissjonijiet zero li għandhom jintlaħqu sal-2025 u l-2030, rispettivament. Il-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali rivedut għandu jstabbilixxi wkoll miri ċari ta' varar għall-infrastruttura tal-iċċarġjar u għall-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu allinjati mar-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi.

Għall-finijiet tar-riforma, iċ-Ċekja għandha tilħaq mira għall-varar ta' żieda ta' mill-inqas 70 % fl-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet zero rreġistrati fil-kategoriji ta' vetturi rispettivi meta mqabbel max-xenarju bażi tal-2022. Ir-riforma għandha tirriżulta wkoll fit-tnedija ta' sejħiet pubbliċi għal valur globali minimu ta' EUR 120 miljun bejn Frar 2022 u Ġunju 2026 biex jiġi appoġġat il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi b'emissjonijiet zero, jiġifieri stazzjonijiet tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-idroġenu.

Ir-riforma għandha tinkludi lista ta' miżuri mmirati biex jipprovdu inċentivi finanzjarji u fiskali biex jiżdied il-varar ta' vetturi u infrastruttura b'emissjonijiet zero, kif ukoll lista ta' miżuri li għandhom l-għan li joħolqu ambjent favorevoli għall-varar u t-tħaddim ta' punti tal-iċċarġjar, stazzjonijiet tal-iċċarġjar ta' kapaċità għolja, u stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu.

